**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 176**
**It-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 176**
**It-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 176**

**It-Tlieta, 21 ta' Novembru, 2023**

**WERREJ**


MINUTI ........ 744

INFORMAZZJONI MILL-ISPEAKER ........ 744

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ........ 745

TALBA GĦAL RULING ........ 750

TQEGĦID TA' KARTI ........ 751

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 – KUMITAT TA' PROVVISTA
IL-ĦDAX-IL SEDUTA STABBILITA – MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI ........ 752

FTEHIM TAL-KAMRA ........ 778

AĠĠORNAMENT ........ 779

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 779

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 175, li saret fil-21 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## INFORMAZZJONI MILL-ISPEAKER

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Rapport Annwali għas-Sena 2022 tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika;
>
> Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Modesta Farrugia et vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Nru 243/2022LM) deċiża fil-15 ta' Settembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li s-sentenza ma ġietx appellata datat 14 ta' Novembru 2023;
>
> Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Rosaria sive Lucy mart Joseph Camilleri vs John Privitera et (Rikors Nru 308/2022LM) deċiża fil-15 ta' Settembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li s-sentenza ma ġietx appellata datat 14 ta' Novembru 2023; u
>
> Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet in-Nutar Dottor John Cachia Zammit et vs Carmelo Aquilina et (Rikors Nru 524/2022LM) deċiża fil-15 ta' Settembru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li s-sentenza ma ġietx appellata datat 14 ta' Novembru 2023.

L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, nixtieq nikkjarfika xi ħaġa ħalli nkunu korretti u jkolli direzzjoni mingħandek. Iċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi (PAC), l-Onor. Darren Carabott, jixtieq jitlob ruling u jqajjem ksur ta' privileġġ fuq każ li ġara f'dak il-Kumitat.

**L-ISPEAKER:** L-ewwel immorru għall-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari. Grazzi.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### SEPARAZZJONI TAL-ISKART - ĊITAZZJONIJET

**11406. L-ONOR. JOE GIGLIO (f'isem l-Onor. Graziella Attard Previ)** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet għal nuqqas ta' separazzjoni tal-iskart kif suppost, xahar b'xahar, minn April 2023 f'kull lokalità minn mindu saret legalment obbligatorja li jiġi sseparat l-iskart (14 ta' April 2023), sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari jew sa Settembru 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** L-Avviż Legali 36 dwar is-separazzjoni tal-iskart ġie ppubblikat fl-14 ta' Frar 2023 u sar effettiv fl-14 ta' April 2023. L-Onor. Membru huwa konxju li fl-ewwel sitt xhur minn meta dan l-Avviż Legali sar effettiv, kien hemm kampanja edukattiva u għalhekk ma nħarġux taħrikiet f'dan il-perjodu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, waħda mill-miżuri tal-Baġit hija li l-pensjoni tas-servizz se tiġi aġġustata skont iż-żieda fl-għoli tal-ħajja permezz ta' bonus addizzjonali, wara li fl-aħħar snin il-Gvern ta lill-ħaddiema tal-korpi dixxiplinati ftehim kollettiv għal kull korp. Jista' l-Ministru jispjega lil din il-Kamra għalfejn inħass il-bżonn li tittieħed din il-miżura partikolari?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Byron Camilleri.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, dan il-Baġit – bħalissa għadna għaddejjin bis-seduti fejn jiġu diskussi l-voti ta' kull Ministeru u fadlilna l-aħħar ħmistax, jekk jien korrett – kien baġit soċjali ħafna li jaħseb fil-ħaddiema u f'dan il-każ, kif staqsiet l-Onor. Cachia, l-eks ħaddiema tas-servizz.

Fl-aħħar snin saru diversi ftehimiet kollettivi li qed igawdu minnhom il-ħaddiema. L-ewwel wieħed sar mal-Korp tal-Pulizija, imbagħad sar mal-Forzi Armati ta' Malta, mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u mal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi (CSA). Għalhekk, il-ħaddiema kollha tal-korpi dixxiplinati ħadu kondizzjonijiet u drittijiet aħjar. Proprju ftit tal-ġimgħat ilu sar ftehim settorjali ieħor mal-pulizija, għax qisu reġa' beda ċiklu ieħor ta' dawn il-ftehimiet kollettivi, u dan ħares lejn il-ħaddiema li qed jaħdmu llum.

Ovvjament meta tiltaqa' mal-eks ħaddiema jgħidulek li huma ma gawdewx u ma ħadu xejn għax sakemm qabel ma tkun irtirajt ma tkunx forsi tejjibt l-iskala tiegħek bil-ftehim kollettiv, kif ġara fil-każ ta' ħafna, allura meta tiġi għall-pensjoni tas-servizz mhux se tkun gawdejt. U allura ħafna minnhom jgħidulna li qishom minsijin, għax il-pensjoni tas-servizz minn dejjem kienet iffriżata. Jiġifieri inti tirtira b'pensjoni u dik il-pensjoni tibqa' biha sakemm tiġi għall-età tal-irtirar statutorja u tibda tirċievi l-pensjoni l-oħra. Għalina, bħala pajjiż u anke għall-Parlament meta kien introduċa l-pensjoni tas-servizz – għalkemm fid-dinja tal-lum forsi ma nħarsux daqshekk fil-bogħod, speċjalment meta titkellem maż-żgħażagħ – hija l-grazzja ta' min jagħmel dawn is-servizzi li huma ftit antipatiċi, ta' stress u mhumiex in-norma. Hu għalhekk li l-pajjiż jagħtihom il-pensjoni tas-servizz.

Aħna ridna li ma jkunx hemm biss il-grazzi jew inkella l-għarfien u għaliex ninsabu konxji li l-pensjoni tas-servizz hija parti mill-pakkett li wieħed jagħżel meta jissieħeb f'dak il-korp dixxiplinat, ridna li dik tissaħħaħ ukoll. Għalhekk, f'dan il-Baġit, għall-ewwel darba – din għad trid tiġi implimentata matul is-sena d-dieħla – qed ngħidu li l-pensjoni tas-servizz m'għandhiex tibqa' ffriżata u se jkun hemm min se tiżdiedlu bil-COLA. Għalhekk, min mhux qiegħed jirċievi l-COLA minn xi mkien ieħor, se jkun qed jirċievi allowance. B'dan il-mod ma tkunx aktar iffriżata għal dawn il-persuni.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Joe Giglio, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JOE GIGLIO:** Sur President, reċentement jien u l-Ministru għall-Intern attendejna għall-ftuħ ta' 'Dar Bla Ħitan' li hija halfway house li se tkun qed takkomoda ħamsa min-nies. Bħalissa f'pajjiżna għandna halfway house li titmexxa mill-Fondazzjoni RISe fi Triq Sant Kristofru l-Belt, li għandha post għal għaxra min-nies. Dar Bla Ħitan se tibda takkomoda ħamsa min-nies u hemm pjan li tiġi mibnija dar oħra għall-priġunieri femminili. Naturalment meta wieħed iqis in-numru ta' priġunieri li

għandna, japprezza li dawn id-djar mhumiex biżżejjed u ma jlaħħqux mad-domanda li għandna għal dawn il-halfway houses. Jista' l-Ministru jgħid b'mod konkret kemm hemm djar oħra li huma identifikati li se jibdew iservu bħala halfway houses? Jista' jgħid kemm se jkunu qegħdin jakkomodaw nies u meta jaħseb li jkunu jistgħu jibdew jiffunzjonaw?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, bħalissa qed nitkellmu ħafna fuq Malta ġusta u naħseb li dan huwa eżerċizzju perfett ta' Malta ġusta fejn isseħibna mal-NGO Mid-Dlam għad-Dawl. Din mhijiex l-ewwel darba li qegħdin nissieħbu ma' din l-NGO għax diġà għamilna proġetti oħrajn magħha, fosthom dak ta' 'Locked Out' fejn nassistu lill-membri tal-familja tal-priġunieri u l-priġunieri nfushom, imma niffokaw ħafna fuq il-membri tal-familja. Hemm dik li tissejjaħ 'Family Room', li hu post barra mill-ħabs fejn il-minuri jistgħu jiltaqgħu mal-ġenituri tagħhom mhux fl-ambjent ta' ħabs.

Issa dħalna għal dan it-tielet proġett li, fl-opinjoni tiegħi, kien qisu pass naturali, fejn għandna 'Dar Bla Ħitan'. Ħadt pjaċir li l-Onor. Giglio kien hemmhekk għall-ftuħ ta' din id-dar għax tajna messaġġ li ż-żewġ naħat tal-Kamra naqblu ma' proġetti simili u li għandna fiduċja fihom għax dawn verament huma nies li qalbhom tħabbat fil-post it-tajjeb u jagħmlu dan kollu sabiex jassistu lil ħaddieħor.

Li rrid inżid ma' dak li qal l-Onor. Giglio hu li hemm programm ieħor li ma ssemmiex. Dan huwa mmexxi mill-Fondazzjoni RISe fil-Belt Valletta u fih bejn għaxra u 12-il persuna. Jien żorthom kemm-il darba, iltqajt ma' dawn il-persuni u stajt nifhem aktar kemm hu bżonjuż u b'saħħtu dan il-programm.

Issa għandna l-Fondazzjoni Mid-Dlam għad-Dawl fil-Birgu u għandna l-programm tal-Caritas, li huwa importanti ħafna u l-għan tagħna huwa li nkomplu nestenduh u nsaħħuh. Hawn qed nitkellmu fuq riabilitazzjoni ftit differenti, iffokata aktar fuq id-droga u l-alkoħol, fejn jingħataw trattament tajjeb ħafna li jassisti lil dawn il-persuni. Meta nitkellem magħhom nifhem kemm huwa bżonjuż ix-xogħol li jagħmlu. Għalhekk, hemm dawn it-tliet entitajiet li qed jassistu lill-Istat b'mod tajjeb ħafna, sabiex ikun hemm riabilitazzjoni.

Niġi għar-raba' proġett. Wara li nfetħet it-tieni halfway house, issa se jkun hemm it-tielet halfway house. Dan hu proġett ta' riabilitazzjoni barra mill-ħabs mal-Fondazzjoni RISe. Dawn ikollhom magħhom nies professjonisti li jgħinu fir-riabilitazzjoni u xogħolhom huwa li jassistuhom billi jgħixu magħhom, tista' tgħid. Aħna bħala Gvern u bħala Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi nibagħtu l-gwardjani filgħaxija għax il-ħsieb huwa ta' dar bla ħitan, u dan l-isem huwa perfett. Inħares 'il quddiem li t-tielet dar tinfetaħ matul is-sena d-dieħla. Dan se jkun progress kbir.

Però ejjew inkunu ċari li hemm ħafna xogħol li jrid isir qabel ma dawn imorru hemmhekk. Dawk li jaħdmu fl-integrazzjoni u fil-care plans ta' dawn il-persuni jridu jidentifikaw lil dawk il-persuni li jkunu lesti biex jagħmlu programm bħal dan li jista' jintegrahom aktar u jpoġġihom fil-post tax-xogħol adattat. Ir-realtà hi li xi drabi dawn ikunu waslu lejn l-aħħar tas-sentenza, allura tkun xi ftit diffikultuża, skont kif jgħidulna l-professjonisti. Għaldaqstant l-għan tagħna hu li nkomplu għaddejjin f'din it-triq. Qed nieħu pjaċir li hemm qbil min-naħa tal-Oppożizzjoni f'dan ir-rigward u li jkun hemm aktar input ta' professjonisti għax b'hekk tista' ssir riabilitazzjoni aħjar.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, ftit tal-jiem ilu ġie ffirmat il-ftehim kollettiv tal-Korp tal-Pulizija, it-tieni wieħed tax-xorta tiegħu f'qasir żmien. Naf li diġà aċċenna għalih, imma jista' l-Ministru jagħtina ftit aktar dettalji f'dan ir-rigward?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Iva, fl-aħħar ġimgħat iffirmajna ftehim settorjali għall-ħaddiema tal-Korp tal-Pulizija. Hawn qed nitkellmu fuq madwar 2,000 ħaddiem li ngħataw ċerti drittijiet u kondizzjonijiet u magħhom qed igawdu l-membri tal-familji tagħhom.

L-Onor. De Giovanni għamlet punt importanti ħafna għax qalet li dan hu t-tieni ftehim kollettiv. U hekk hu, għax l-ewwel wieħed kien iffirmat ħames snin ilu. Dan sar wara ħafna snin peress li lanqas kien hemm id-dritt ta' union u d-drittijiet li għandhom illum kienu għadhom 'il bogħod

ħafna. Dakinhar kien ġie ffirmat id-dritt tal-union, imbagħad ħames snin ilu ġie ffirmat l-ewwel ftehim kollettiv. U issa, eżatt f'għeluq il-ħames snin ġie ffirmat il-ftehim settorjali l-ġdid. B'hekk tajna l-messaġġ b'saħħtu li l-intenzjoni tal-Gvern hi li kontinwament ikompli jtejjeb il-kondizzjonijiet u d-drittijiet tagħhom.

Ippermettuli nirringrazzja liż-żewġ unions li bdew jinnegozjaw sabiex jagħtu kondizzjonijiet aħjar lill-ħaddiema li jirrappreżentaw u sabu Gvern li kien lest jismagħhom u jasal għal ftehim biex nagħmlu dak li qed nagħmlu. Tajniehom kondizzjonijiet u drittijiet ġodda, paga aħjar, allowance aħjar u ż-żmien tas-servizz li huwa aħjar ukoll. Din hija xi ħaġa pożittiva u dan ġie wara li kienu ffirmaw ftehim kollettiv ħames snin qabel. Sadanittant kien hemm il-ftehim kollettiv taċ-Ċivil li affettwahom ukoll u ftit tax-xhur ilu daħħalna miżuri ġodda, bħall-pensjoni tar-romol u saħħaħna l-pensjoni, li kollha f'daqqa jkomplu jagħtu drittijiet u kondizzjonijiet aħjar lil dawn il-ħaddiema, għax verament nemmnu li qed joffru servizz importanti lill-Istat u bħala Stat għandna l-obbligu li ninvestu fihom ukoll.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Joe Giglio, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JOE GIGLIO:** Sur President, is-sena d-dieħla se jkun hawn sfida għall-Korp tal-Pulizija u trid tittieħed deċiżjoni importanti. Bħalma jista' jikkonferma l-Ministru, is-sena d-dieħla jagħlaq il-kuntratt tal-Kummissarju Gafà. Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex dan il-kuntratt jiġġedded jew hux se jinħatar Kummissarju tal-Pulizija ġdid?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, ippermettili nfakkar kif saret il-ħatra tal-Kummissarju preżenti. Qabel ma nħatar il-Kummissarju preżenti, konna ġejna quddiem dan il-Parlament – naħseb kien l-ewwel abbozz ta' liġi li kont ressaqt bħala Ministru fl-2020, flimkien mal-Onor. Zammit Lewis – u għall-ewwel darba f'pajjiżna l-Kummissarju tal-Pulizija nħatar wara sejħa pubblika mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku (PSC).

Dan hu organu indipendenti li joħroġ mill-Kostituzzjoni tagħna u apparti li kien hemm il-proċess li mexxiet il-PSC u d-deċiżjoni sussegwenti, sar smigħ quddiem dan il-Parlament li sfortunatament l-Oppożizzjoni m'attendietx għalih. Illum, aktar ma nħarsu lura, aktar naħsbu kemm kienet deċiżjoni żbaljata. Dan kien proċess li sar bl-aktar mod miftuħ u kienet l-ewwel darba li qatt sar proċess fil-miftuħ. Kull Prim Ministru li kien hemm qabel, ħlief għal Dr Robert Abela, kemm mill-Partit Laburista u kemm mill-Partit Nazzjonalista, ħatar il-persuna hu b'mod dirett. Il-Prim Ministru Robert Abela u jien bħala Ministru ddeċidejna li l-Prim Ministru tal-ġurnata għandu jaħdimha b'mod differenti. Għalhekk, il-fatt li l-Oppożizzjoni ma pparteċipatx f'dak il-proċess għax għażlet li tibbojkottjah dak iż-żmien u llum qed titkellem bil-mod kif qed titkellem, naħseb ikompli juri kemm id-deċiżjoni li ħadet dak iż-żmien kienet ħażina. (Onor. Membri: Hear, hear)

Jien, bħala l-Ministru responsabbli, inħares 'il quddiem biex inkomplu nagħmlu riformi u tibdiliet u nkomplu nagħmlu investimenti bħalma semmejna fil-Baġit, li wħud jeħduna lejn it-teknoloġija jew aktar investiment fit-teknoloġija, għax jidher li mhux biss taw il-frott, imma l-poplu Malti u Għawdxi wieġeb għax kien hemm żieda fil-fiduċja, anke skont ir-rapport tal-NSO li ġie ppubblikat f'dak ir-rigward.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Randolph De Battista, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. RANDOLPH DE BATTISTA:** Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) nediet l-Equal Pay Tool. Jista' l-Ministru jispjega kif se tkun qed taħdem din? Dan huwa suġġett importanti ħafna għal pajjiżna.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, fejn tidħol l-ugwaljanza, primarjament bejn is-sessi, f'pajjiżna għamilna passi importanti, iżda mhumiex biżżejjed. Jidher ċar li mxejna 'l quddiem ħafna, imma xorta mhuwiex biżżejjed. Ir-rwol tal-NCPE hu li tara li nimxu aktar 'il quddiem u tħajjar postijiet tax-xogħol jersqu 'l quddiem u japplikaw għall-equality mark. Meta mmur għall-attivitajiet tagħhom flimkien mal-Onor. Rebecca Buttigieg nara kumpaniji privati, inkluż banek, li jagħmlu sforz biex ikollhom l-equality mark. Fil-fatt, huma stess jgħidulek li għalihom hija a selling point biex jattiraw ħaddiema ġodda għax din hija xi ħaġa pożittiva u

tagħti garanzija li huma jemmnu f'politika interna ta' ugwaljanza.

Għaldaqstant il-Kummissjoni bniet fuq dan biex ikun hemm din l-Equal Pay Tool. Din hija mmirata għal postijiet tax-xogħol li għandhom 50 ħaddiem jew aktar għax minn dak li ġie spjegat minn min ħadem fuq din is-sistema teknoloġika, jekk ikun hemm inqas nies fil-kumpanija, meta ddaħħal ċerta data tista' ma tagħtikx data korretta u b'hekk ittieħdet id-deċiżjoni li tkun kumpanija ta' 50 persuna jew aktar.

Mela dawn il-kumpaniji jingħataw aċċess għal din l-għodda, fejn idaħħlu l-pagi u l-kondizzjonijiet. Ovvjament qed nitkellmu fuq persuni li jkollhom l-istess tip ta' xogħol għax wieħed jifhem li min ikollu responsabbiltajiet differenti mill-oħrajn, il-paga se tkun differenti wkoll. Jiġifieri hawn qed nitkellmu fuq ugwaljanza fit-tip ta' xogħol li jkun qed isir, allura din hija għodda b'saħħitha ħafna li tħajjar lil dawn il-kumpaniji sabiex jużawha.

Il-fatt li wrew interess li jkollhom it-timbru tal-equality u kellhom l-interess li jibqgħu jsegwuha, anke biex jibqgħu magħrufin fis-suq li huma pijunieri tal-ugwaljanza f'pajjiżna u allura jattiraw il-ħaddiema lejhom, huwa xi ħaġa tajba u naħseb li bħala Parlament għandna nfaħħruha. Issa din l-għodda se tgħinhom u jistgħu jużawha b'mod volontarju – ħadd mhu qed jobbliga xejn lil ħadd – biex ikunu jafu jekk hemmx persuni li skorrettement ikunu qegħdin jingħataw trattament inqas ugwali minn oħrajn. Nafu li f'pajjiżna primarjament hawn differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u dik mhijiex xi ħaġa tajba. Naħseb li bħala Parlament għandna nagħfsu ħafna fuqha u kemm-il darba smajt kelliema miż-żewġ naħat tal-Kamra jitkellmu fuq hekk. Allura din se tgħin lill-kumpaniji għax se jkollhom għodda f'idejhom biex jivverifikaw għax ikollhom l-informazzjoni kollha f'idejhom.

Sur President, naħseb li l-NCPE qed taqdi rwol importanti ħafna fis-soċjetà tagħna. Forsi mhijiex l-aktar entità tal-Istat li tissemma u mhijiex l-aktar entità li tkun fl-aħbarijiet, anzi xi kultant pjuttost jippreferu li ma jissemmewx, imma qed jaqdu rwol importanti ħafna. Naħseb li lkoll kemm aħna għandna nfaħħruhom u nirringrazzjawhom tax-xogħol li jagħmlu.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Joe Giglio, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. JOE GIGLIO:** Kif sar jew ma sarx il-proċess u min ipparteċipa jew ma pparteċipax f'dawk iż-żmenijiet partikolari, is-sitwazzjoni kienet dik li kienet. Jista' l-Ministru jirrispondi d-domanda li għamiltlu u jgħid x'beħsiebu jagħmel il-Gvern u hu bħala Ministru għall-Intern fid-dawl tal-fatt li minn hawn u ftit xhur oħra jagħlaq il-kuntratt tal-Kummissarju Gafà? Jista' jgħid jekk hux qed jikkonsidraw li jġeddu l-perjodu tal-Kummissarju Gafà jew għadhomx qed jaħsbuha? Din hija d-domanda! X'ġara jew ma ġarax ftit jinteressani, imma nitolbu jirrispondi d-domanda.

**L-ISPEAKER:** Ministru, għandek xi żżid mar-risposta li tajt?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Jien lill-Onor. Giglio nifhmu u qed nifhem li m'għoġbitux ir-risposta. U ma nagħtihx tort li m'għoġbitux ir-risposta, għax naħseb ... (Interruzzjonijiet) Ma nagħtihx tort!

**L-ISPEAKER:** Ikkonkludi Ministru, għax fadal ħafna domandi. Ħu paċenzja.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kieku kont fiż-żarbun tiegħu, naħseb li ma kenitx togħġobni r-risposta. (Interruzzjonijiet) Mhux ngħajjat jien, imma l-oħrajn m'għandhomx jgħajtu! Qed ngħid li kieku kont fiż-żarbun tiegħek jien, ukoll ma kenitx togħġobni r-risposta, għax dak li għamlu sħabek dakinhar ma naħsibx li kien korrett. U llum, meta nħarsu lura, naħseb li l-mistoqsija tiegħek qed tikkonferma li dak kien żball. Naħseb li jkun tajjeb li jqum xi ħadd mill-Oppożizzjoni u jgħid li kien żball. Nistgħu ma naqblux. Aħna fil-Parlament qegħdin, għandna ħafna fejn naqblu u għandna ħafna fejn ma naqblux, għalhekk nivvotaw biex nieħdu d-deċiżjoni tagħna.

Però dak iż-żmien l-Oppożizzjoni mhux qalet li ma taqbilx, imma saret laqgħa tal-Public Appointments Committee u m'attendietx għaliha. Naħseb li dan kien skorrett u huwa tajjeb li ngħidu f'dan il-Parlament li kien skorrett. Dakinhar saret ħatra u l-ħsieb tal-Gvern hu li jkompli fuq dik il-ħatra għax saret b'mod trasparenti, saret b'mod mill-aktar miftuħ fl-istorja ta' dan il-Parlament u fl-istorja ta' kif kull Prim Ministru ħatar Kummissarju tal-Pulizija. Li nixtieq hu li fil-futur, meta jkun hemm ħatriet simili, li se jkunu ftit 'il bogħod, l-Oppożizzjoni jew il-Partit Nazzjonalista ta' dak iż-żmien ma jerġgħux jagħmlu l-istess żball li għamlu dakinhar.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Rosianne Cutajar, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Matul l-aħħar snin kont waħda minn dawk li dejjem issuġġerew li f'pajjiżna nħaddmu s-sistema tal-electronic tagging. Naf li diversi maġistrati mill-Qorti wkoll appellaw dwar dan f'diversi sentenzi. Jista' l-Ministru jgħid x'jaħseb fuq dan is-suġġett li nemmen li f'ħafna każijiet jista' jwassal sabiex insalvaw diversi ħajjiet, inkluż f'każijiet ta' vjolenza domestika?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, ma tantx fadalli ħin, imma se nipprova nkun konċiż kemm nista', għax il-mistoqsija tal-Onor. Cutajar hija importanti. Fuq tagging, bħala Ministeru, fil-leġiżlatura li għaddiet konna għamilna konsultazzjoni pubblika fejn ipparteċipaw diversi setturi tas-soċjetà tagħna u taw il-kummenti tagħhom, u wara saru żewġ affarijiet. Kien tressaq Abbozz ta' Liġi quddiem il-Parlament u kien ħareġ it-tender għall-electronic tagging. Jekk niftakar tajjeb, ħareġ madwar sena u nofs jew sentejn ilu. Aħna nifhmu li t-tenders pubbliċi tal-Gvern xi drabi jieħdu ftit taż-żmien, speċjalment meta qed nitkellmu fuq ammonti pjuttost sostanzjali bħal fil-każ ta' dan it-tender, imma llum il-proċess tat-tender wasal biex ikun finalizzat u bħala Gvern inkunu nistgħu nersqu 'l quddiem biex bħala Parlament niddeċiedu.

Fl-aħħar ftit żmien smajt diversi rakkomandazzjonijiet minn nies li jaħsbu li l-affarijiet għandhom isiru b'mod differenti u nħares 'il quddiem li niddiskutihom f'dan il-Parlament. Jekk hemm bżonn nagħmlu xi emendi, nagħmluhom, għax jeħtieġ ikollna l-aħjar sistema possibbli. Fost dawn l-emendi jeħtieġ li nagħmlu wkoll dawk marbuta mal-vjolenza domestika – korrettament qalitha l-Onor. Cutajar – u din tista' tkun għodda li tintuża.

L-għan tiegħi bħala Ministru huwa li meta niġu quddiem dan il-Parlament biex niddiskutu dak l-Abbozz ta' Liġi, inressqu emenda, nagħtu kopja lill-Oppożizzjoni u lil kull Membru fil-Kamra minn qabel biex inkunu nistgħu niddiskutuha bl-aktar mod miftuħ u naraw li jkollna l-aħjar emenda possibbli biex ikun hemm l-għodda tat-tagging, għax dik li pproponejna tinkludi biss ċerti istanzi, u din se tkun tinkludi l-vjolenza domestika. Inħares 'il quddiem li fil-ġimgħat jew fix-xhur li ġejjin nibdew dak il-proċess parlamentari.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet issa għadda. L-Onor. Darren Carabott.

## TALBA GĦAL RULING

**ONOR. DARREN CARABOTT:** Sur President, b'referenza għal dak li seħħ illum fil-laqgħa tal-PAC, f'isem l-Oppożizzjoni qed nagħmel din it-talba wara li x-xhud li kellna llum taħt ġurament ikkonferma li lbieraħ kien hemm skambju ta' messaġġi, u minbarra l-messaġġi kien hemm skambju ta' mistoqsijiet li kellhom isiru waqt is-seduta tal-istess Kumitat.

Sur President, nitolbok sabiex tieħu l-passi u tinvestiga, għax naf li f'fora oħra dak li seħħ illum fil-PAC jammonta għal reat. Nitolbok sabiex tinvestiga, tieħu l-passi kollha u tara mhux biss il-mistoqsijiet, però anke l-messaġġi li ġew skambjati bejn il-Ministru Clayton Bartolo li huwa Membru fil-PAC u x-xhud li kellna llum, u tara jekk dan jammontax kemm għal ksur tar-regoli tal-Kamra, kemm għal ksur tal-guidelines, kif ukoll għal ksur ta' etika u kwalunkwe ksur li tista' ssib. Grazzi.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Is-Segretarju Parlamentari Onor. Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Sur President, nixtieq li l-Onor. Carabott jgħidilna għal liema klawsola qed jirreferi u jekk qatt il-Membri tal-Oppożizzjoni għaddewx xi mistoqsijiet lil numru ta' xhieda li issa tellgħu quddiem il-PAC.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Clayton Bartolo.

**ONOR. DARREN CARABOTT:** Kelma waħda biss, Sur President.

**L-ISPEAKER:** Ħu paċenzja. Ħadtu l-messaġġ tiegħek.

**ONOR. DARREN CARABOTT:** Kelma waħda biss, Sur President.

**L-ISPEAKER:** Għidli, Onor. Carabott.

**ONOR. DARREN CARABOTT:** Qatt, Sur President! Qatt! (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Issa d-domanda rrispondejtha. Ħa nisma' lill-Ministru Clayton Bartolo.

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Sur President, waqt dik l-istess laqgħa l-Onor. Darren Carabott bħala Chairman talabni ngħaddi dawn il-mistoqsijiet lill-Kumitat u jien għaddejthom mingħajr ebda tlaqliq. (Interruzzjonijiet) Ma laqlaqt assolutament xejn!

**L-ISPEAKER:** Kompli irrispondi lili, jekk jogħġbok.

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Sur President, intlabt ngħaddi dawn il-mistoqsijiet lill-Kumitat, u għaddejthom. Iċ-Chairman għamilhieli ċara u qalli li mhux lilu ngħaddihom, imma lill-Kumitat. U jien għaddejthom lis-Segretarja b'email.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. (Interruzzjonijiet) M'għandekx għalfejn tispjegali. M'għandix bżonn l-ispjega tiegħek! Nirringrazzjak. Ngħaddu għat-Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lill-Ministru Byron Camilleri.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu fuq scooters f'Jannar 2023 maqsuma skont il-lokalità u skont il-kontravenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11407;

Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu fuq scooters fi Frar 2023 maqsuma skont il-lokalità u skont il-kontravenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11408;

Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu fuq scooters f'Marzu 2023 maqsuma skont il-lokalità u skont il-kontravenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11409;

Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu fuq scooters f'April 2023 maqsuma skont il-lokalità u skont il-kontravenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 11410;

Tabella li turi n-numru ta' ċitazzjonijiet li nħarġu fuq scooters f'Mejju 2023 maqsuma skont il-lokalità u skont il-kontravenzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11411;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

*Work Plan 2023 – 2025* tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet (National Skills Council), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13436;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Exemption Order numru MTCA 136/23 (MF 16/84/189) maħruġa fil-21 ta' Novembru 2023 lil Malta International Contemporary Art Space, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

Exemption Order numru CFR 138/23 (MF 16/84/190) maħruġa fil-21 ta' Novembru 2023 lil Circular Economy Malta, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tabella li turi n-numru ta' kawżi reġistrati fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fil-perjodu bejn Ġunju 2007 u Ottubru 2023, maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 12945;

Tabella li turi n-numru ta' kawżi reġistrati fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ fil-perjodu bejn Jannar 2000 u Ottubru 2023, maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 12946;

Tabella li turi informazzjoni dwar kawżi li ġew terminati fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva bejn Ġunju 2007 u Ottubru 2023 maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 12947; u

f'isem il-Ministru għall-Anzjanità Attiva nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tabella li turi informazzjoni dwar dawk il-persuni li jaħdmu fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Anzjanità Attiva, li qed jagħmlu kors online ma' università barranija jew fl-Università ta' Malta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13570.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Ngħaddu issa għall-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024
## KUMITAT TA' PROVVISTA
## IL-ĦDAX-IL SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI

*L-Ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*L-Onor. David Agius, President tal-Kumitat, jippresiedi.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu biex jiġu diskussi l-Voti tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat u għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli.

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Sur President, se nressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 21 - MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €48,784,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 21 - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT IX - MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €233,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot IX - Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. L-Onor. Ivan Bartolo.

**ONOR. IVAN BARTOLO:** Sur President, nipproponi din l-emenda:

> **VOT 21 – MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI**
>
> ***Personal Emoluments***
> ***Item 11 - Holders of Political Office***
>
> Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".
>
> *Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".*

Sur President, ftit tal-ġimgħat ilu xi ħadd qalilna li kulħadd sar sinjur żgħir. Irrid ngħidlu li kull min hu bħali u mhuwiex maqful f'torri tal-avorju, min hu hands-on ma' bnedmin li baqgħu lura fil-ħajja minħabba ċirkostanza jew oħra, jaf li sfortunatament mhux kulħadd sar sinjur żgħir! Ara tal-qalba, dawk saru sinjuri kbar! (Onor. Membri: Hear, hear) F'pajjiżna, bil-paga u bil-part-time ukoll saret problema, aħseb u ara meta jkollok sfidi soċjali bħall-protagonisti li se nsemmu matul dawn id-diskorsi tal-lum fuq l-estimi finanzjarji tal-akkomodazzjoni soċjali.

Skont ir-rapport li ħareġ mill-Istitut Ewropew tat-Trade Unions, il-livell tal-paga tal-ħaddiema Maltin mill-2015 sal-lum, mit-12-il post waqa' għall-24 post. Irridu npoġġu l-politika f'ġenb u ngħidu dak li hu. Xejn mhu dekoruż li toqgħod tippreżenta slogans sbieħ, kif qegħdin naraw dan l-aħħar fejn faqgħulna moħħna! Anke meta tidħol fuq YouTube tara r-reklami ta' Malta Ġusta, Malta Flimkien, Malta f'Qalbna u x'naf jien! Inkunu qisna Neruni jdoqq l-arpa waqt li Ruma qiegħda tinħaraq! (Onor. Membri: Hear, hear)

Fis-settur tal-housing tal-lum jien nemmen li rridu naħdmu aktar flimkien. Aħna lkoll Maltin u min qed imiss mal-housing, sinjal li għandu bżonn. Parassiti jeżistu, bla dubju ta' xejn, u kull meta jkun hemm nies li jċemplu lili personalment – u nirrealizza, għax dawn nafhom wieħed, wieħed, waħda, waħda – u jgħiduli xi ħaġa fuq il-Ministru, inkun l-ewwel wieħed li naqbeż għalih

u ngħidilhom li l-Ministru f'dak il-każ għandu raġun. Aħna naqblu li l-parassiti kienu jeżistu u għadhom jeżistu, imma tajjeb li nitilqu mill-punt li mhux f'kull każ ikun hekk. Il-Gvern irid jidher li qed iwettaq dak li jwiegħed. Irid ikun hemm sinjal tal-verità u jidher li qed issir il-ġustizzja u mhux jippreferi lil dawk u mhux lill-oħrajn.

Malta ġusta ġġib armonija bejn in-nies, bejn il-poplu Malti kollu. F'Malta ġusta dak li jkun jieħu dak li hu tiegħu bi dritt mentri jekk ma jimxux kif suppost, dan kollu jnaqqas lill-Maltin u l-Għawdxin kollha mid-dinjità u jġellidhom fir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Mhux l-ewwel darba li nirċievu ritratti biex jgħidulna li t-talija ngħatat post tal-housing u jibdew jgħidulek l-istorja tagħha, imbagħad meta tfittex issib li wħud minnhom ikollhom raġun. Jiġifieri meta ma timxux kif suppost, toħolqu kunflitt soċjali għax meta l-politika taħdem għall-interessi tal-ftit, dik tiġi antipolitika.

Il-ġustizzja soċjali titlob li min jiggverna jħares il-prinċipji importanti tal-ġid komuni. Malta ġusta tkun meta s-soċjetà tinbena fuq sinċerità u mhux meta ngħaddu ż-żmien bin-nies, neħdulhom il-vot u nħalluhom jgħoddu t-truf tas-sigaretti għal xhur sħaħ minn qabel l-elezzjoni. Imma dwar dan nitkellem aktar 'il quddiem. Dan kollu jkerrah lil Malta tagħna u jimlieha bl-infafet, bil-felul u bi tbajja' li jittellgħu ma' wiċċ ir-Repubblika.

Sur President, pajjiżna jinsab fi gwerra miegħu nnifsu kontra uliedu. Ma jagħtix kas liż-żgħir, għax minnu ma tieħu xejn lura. Fir-raba' sular żgur li ltaqgħu ma' kulħadd, imma żgur li ma ltaqgħux ma' min hu fil-lista ta' stennija tal-housing. Fir-raba' sular żgur ma ltaqgħux mal-foqra, għax minn dawk ma tieħu xejn. Pajjiżna llum sar sinonimu ta' gwerra mas-siġar u kattiverja mal-ħamrija. Jara naqra ħamrija u jkun irid jibni fuqha. Irid jeqridha! Mhux veru li għexna l-aqwa żmien, ladarba mhux kulħadd qiegħed igawdi b'mod ugwali, mhux kulħadd qiegħed jiekol mill-istess platt u mhux kulħadd qiegħed ipoġġi mal-istess mejda. Filwaqt li toqogħdu tkantaw il-mantra ta' Malta Ġusta, ħarsu ftit lejn il-portmonijiet imtaqqba ta' tant nisa tad-dar. Oħorġu mit-torrijiet tal-avorju u morru araw tant bnedmin jgħixu fil-garaxxijiet bit-trabi magħhom.

Ħarsu ftit u araw kif il-prezzijiet tal-proprjetà f'pajjiżna żdiedu b'40% mill-2017 sal-lum, b'ekwivalenti għal żieda ta' 6% kull sena. Din l-analiżi m'għamilhiex il-Partit Nazzjonalista imma saret mid-ditta ta' awdituri KPMG. L-istess studju jgħid li persuni single ta' bejn il-25 sena u t-30 sena ma jaffordjawx 95% tal-proprjetà li hawn fis-suq lokali. U jiġu jgħidulna, bħalma qalulna lbieraħ, li l-faqar naqas. Bdejt inrodd is-slaleb bil-maqlub! Qalulna li min baqa' fqir irid jaħseb kif se jimxi 'l quddiem f'ħajtu u mhux jibqa' jiddependi mill-Gvern. Veru, imma biex taħseb sew, l-ewwel irid ikollok sodda fuqiex torqod u tagħmel lejl trankwill, imbagħad tibda taħseb sew u moħħok jibda jaħdem. Hemm tibda tiġi f'tiegħek u eventwalment tibqa' miexi b'ħajtek.

Xi ġimgħat ilu xi ħadd qalli li l-persentaġġ tal-popolazzjoni li jfittxu l-akkomodazzjoni soċjali u ta' dawk li jiddependu mill-akkomodazzjoni soċjali huwa wieħed żgħir. Araw ftit x'mentalità! Jien għamilt ftit riċerka qabel ma ġejt hawnhekk u sibt li mill-2018 'l hawn, fuq il-linja 153 rigward akkomodazzjoni soċjali biss ċemplu 5,419-il persuna. Dawn in-nies iċemplu 153 minħabba raġuni jew oħra, imma normalment għax ma jkunux jistgħu jaqbdu l-Awtorità tad-Djar. Hawn nieħu l-opportunità biex insellem lill-ħaddiema kollha ta' din l-Awtorità taħt it-tmexxija tas-CEO li huwa bniedem formidabbli.

Meta n-nies isibu t-telefon tal-Awtorità engaged għax il-ħaddiema jkunu għaddejjin bix-xogħol tagħhom, iridu jaraw fejn se jċemplu, allura jispiċċaw iċemplu fuq il-153 minħabba raġuni jew oħra. Mill-2019 sat-30 ta' Ottubru 2023, żaru l-uffiċini tal-Awtorità tad-Djar 63,548 persuna. Fuq il-lista ta' stennija llum hemm madwar 1,500 persuna, minkejja li l-Ministru Galdes qabel l-elezzjoni kien qalilna li se jkollna aktar units milli nies fil-lista. Mela jekk dawn l-eluf kollha mhumiex nies, x'jissejħu?!

Fid-Diskors tal-Baġit qalulna li l-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni alternattiva se tibqa' stabbli, imma lilna kienu qalulna li se jkollna aktar units milli nies fil-lista. Kważi kważi ġegħluna nifhmu li xħin jerġa' jitla' Gvern Laburista, l-Awtorità tad-Djar tista' tagħlaq! Minħabba raġunijiet validi, dawn qatgħu mil-lista lil dawk li xtaqu jbiddlu l-unit tagħhom – u dak iż-żmien il-Ministru kien CEO tal-Housing – mentri qabel il-lista kienet tammonta għal 3,000 persuna għax f'dik il-lista kienu jgħoddu lil dawk li riedu jibdlu l-unit u lil dawk li jieħdu s-sussidju tal-kera. Allura dan il-Gvern qiegħed iqarraq

b'kull min qiegħed jismagħna meta qed jibqa' jgħid li l-lista ta' stennija se tibqa' stabbli.

Mela qabel l-elezzjoni – u se nagħti d-dettalji kif inhuma, Sur President – il-lista ta' stennija kienet ta' 2,200 persuna u issa, bil-units li qed isemmu, bil-ħafna konferenzi stampa u bix-xeni kbar li tara, tibda taħseb li kull min qiegħed fil-lista ta' stennija se jispiċċa f'xi unit! Huwa tajjeb li nkunu nafu li minħabba raġunijiet validi, ċerti nies jispiċċaw barra minn din il-lista u huwa tajjeb li ninformawhom b'dan għax ħafna nies – u dan huwa punt importanti anke għall-ħaddiema tal-Awtorità tad-Djar – mingħalihom li jkunu għadhom fil-lista ta' stennija mentri peress li jkunu biddlu l-indirizz, ma jkunux jafu li fil-fatt spiċċaw barra. Mela l-kelliema tal-Gvern dejjem jiftaħru li l-lista ta' stennija hija l-inqas li qatt kellna, imma din hija waħda mill-gidbiet tagħhom, għax jew ma jafux jgħoddu, inkella qegħdin iqarrqu bin-nies!

Fi żmien Gvern Nazzjonalista l-lista ta' stennija kienet tqarreb it-3,000 persuna imma kif għedt, illum mhux qed jiġu kkalkolati n-nies li qegħdin jingħataw is-sussidju tal-kera, dawk li jixtiequ jbiddlu, u oħrajn, filwaqt li taħt Gvern Nazzjonalista kienu jdaħħlu u jgħoddu lil kulħadd f'din il-lista. Ma nafx jekk hijiex xi ħaġa tajba jew le, imma għalhekk il-lista kienet ta' 3,000 persuna. Issa biex infiehem dak li qed ngħid lil dawk li qegħdin isegwuna, xtaqt nispjega bejn wieħed u ieħor kif kienet il-lista ta' stennija matul iż-żmien.

Fl-2013 il-lista ta' stennija kienet ta' 2,800. Fl-2018, meta l-Partit Laburista kien ilu fil-gvern is-snin, il-lista ta' stennija telgħet għal 3,291. Fl-2019, sena wara, niżlet għal 3,113. Fis-sena 2020 kien hemm 2,920. Issa rridu nżommu f'moħħna li dawn qatgħu lil dawk li riedu jibdlu l-units u lil dawk li jieħdu s-sussidju tal-kera. Fl-14 ta' Ġunju 2022 kont għamilt mistoqsija parlamentari u l-lista ta' stennija kienet niżlet għal 1,342. Ma ninsewx li dik is-sena kienet għadha kemm għaddiet l-elezzjoni ġenerali. Issa fit-30 ta' Ottubru 2023 għamilt mistoqsija parlamentari fejn irriżulta li fuq il-lista ta' stennija kien hemm 1,527. Mela dawn qed jgħidulna li hija stabbli imma fil-verità dejjem baqgħet l-istess minn żmien Gvern Nazzjonalista. Il-bilanċ ġie mxekkel miż-żieda qawwija fil-popolazzjoni, u din irridu nifhmuha.

Dan wassal ukoll biex il-prezzijiet tal-proprjetà żdiedu sal-punt li sar impossibbli li dawk bi dħul baxx ikollhom il-proprjetà tagħhom. Se nispjega dwar dan fil-ħin li għandi għax tista' tgħid li din iż-żieda fil-prezzijiet ħolqot qasma bla preċedent bejn dawk li għandhom il-proprjetà tagħhom, li dejjem jogħlew fl-istatus tagħhom, u dawk il-familji li għandhom dħul baxx, li jridu jiffaċċjaw aktar spejjeż u qed jibqgħu jaqgħu lura fil-ħajja tagħhom. Iż-żgħażagħ huma fost l-aktar li ġew affettwati f'dan ir-rigward, u ma tistgħux ma tagħmlux riformi, ma tistgħux fil-Baġit ma ssemmux skemi varji fis-suq tal-Awtorità tad-Djar għax biex wieħed ikejjel l-affordabbiltà, hemm tipi ta' kejl differenti, imma dik li hi kera għall-proporzjon tad-dħul tibqa' l-aktar kejl komuni.

Biex nagħti eżempju se nagħmel referenza għal statistika maħruġa mill-Eurostat. Fl-2019, fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kien hemm waħda minn kull għaxar households li 40% tad-dħul tagħhom kien qed imur għall-akkomodazzjoni. U hawn irrid inkun ġust, għax jien dak li huwa abjad insejjaħlu abjad u dak li huwa iswed insejjaħlu iswed. Fl-2010 kien hawn espansjoni ekonomika kbira li ħeġġet ħafna ħaddiema minn barra minn Malta jiġu joqogħdu hawn. U bla dubju, dan wassal biex il-prezzijiet tal-proprjetà jkomplu jogħlew. Imma llum esaġerajna wisq għax hawn proporzjon tal-popolazzjoni li għandhom spiża ta' aktar minn 40% mid-dħul kollu li jkollhom fuq il-proprjetà. Hu għalhekk li llum il-ġurnata qed ngħidu li hemm kważi 100,000 persuna li qed jgħixu fil-faqar.

Minn ċensiment li sar reċentement ħareġ ukoll li l-kobor tad-djar Maltin naqas drastikament. Jekk immorru lura fis-snin, naraw li fl-1982 appartament ta' tliet kmamar tas-sodda kien ikejjel 135 metru kwadru, filwaqt li fl-2008 dan naqas għal 115-il metru kwadru.

Għalkemm fiċ-ċensiment tal-2011 kien hemm figuri pożittivi u minkejja t-titjib fil-liġijiet, xorta jibqa' l-fatt li l-Kamra tal-Periti saħqet fuq il-bżonn li l-ħaddiema jiġu ċertifikati, anke dawk fil-qasam tal-kostruzzjoni. Dan kollu sar biex ikun hemm titjib fil-prattiċità. Madanakollu jidher li s'issa għad m'hemm l-ebda metodu li jirreġistra kif saru x-xogħlijiet fil-proprjetajiet kollha.

Irrid ngħid ukoll li l-kirjiet tas-suq ħieles ġabu problemi kbar, speċjalment maż-żgħir, u rridu niftakru li l-Partit Laburista dejjem ippriedka li huwa partit tar-ruħ soċjali, tal-batut u taż-żgħir. Żommuha f'moħħkom li din ġabet problemi kbar, speċjalment maż-żgħir. Illum il-ġurnata qegħdin ngħidu li ma nikrux lill-Maltin, għax lil dawk ma toħroġhom b'xejn, filwaqt li qabel konna ngħidu li ma nikrux lill-barranin għax konna nibżgħu minħabba li ma nafuhomx, imma llum ir-rota daret ta' taħt fuq. Inħoss li minkejja r-riforma tal-kirjiet li kienet saret, li minn din in-naħa tal-Kamra involvejna ruħna fiha b'mod sħiħ, il-problema baqgħet ma ssolvietx.

Filwaqt li nfaħħar l-isforzi tal-Gvern u tal-Knisja f'Malta f'inizjattivi bħal, pereżempju, housing affordabbli mmexxi mis-CEO Jake Azzopardi, li llum qiegħed magħna hawnhekk, għad hemm diversi kwestjonijiet li jiskoraġġixxu, speċjalment żgħażagħ, milli jibqgħu f'Malta u b'hekk jispiċċaw ifittxu opportunitajiet barra minn pajjiżna. Hemm disponibbiltà limitata ta' akkomodazzjoni affordabbli u speċjalment f'żoni urbani, hemm żieda fil-prezzijiet tal-proprjetà u nuqqas ta' akkomodazzjoni għall-istudenti, kif ukoll piżijiet tat-taxxa fuq il-kera u x-xiri tal-proprjetà.

Hu għalhekk li fil-Baġit issemmew ċerti punti, għax bilfors kellhom jissemmew. Lill-Gvern m'hemmx għalfejn niġi jien u ngħidlu b'dan kollu għax jaf x'inhu għaddej fis-suq. Hemm sitwazzjonijiet f'pajjiżna li minħabba fihom hemm min spiċċa homeless, bħal dawk l-għasafar li tneħħewlhom is-siġar fil-Mosta fuq deċiżjoni tas-Sindku Laburista! Issa biex iraqqa' l-pannu bil-qargħa aħmar, għamel erba' Christmas trees fil-pjazza u mad-dawra!

Il-viżjoni u l-kuraġġ jagħmluk politiku tajjeb. Żommuha f'moħħkom li l-faqar ġej minn sfidi soċjali personali, kif ukoll minn deċiżjonijiet politiċi li nieħdu hawn ġew. Nittama li llum il-Ministru jweġibni fuq dawk il-persuni li wara li ħadulhom il-vot, għadhom sal-lum bla saqaf fuq rashom. Għadhom jistennew minkejja li ftit jiem qabel l-elezzjoni marru fi Block A tal-Awtorità tad-Djar fil-Furjana u ffirmaw kuntratt għall-housing soċjali. Jien qrajt diversi dokumenti li kellhom f'idejhom dawn il-persuni, li ma kinux wieħed jew tnejn. Din id-domanda jien għamiltha f'diversi diskorsi preċedenti.

Dakinhar li marru l-Furjana dawn iffirmaw appuntament ma' destin kiefer fejn ħajjithom marret għall-agħar, għax meta ffirmaw il-kuntratt m'għedtulhomx li l-unit tal-housing se tagħtuhulhom sena wara. Ma fissirtulhomx li l-unit tal-housing se tagħtuhulhom f'ċertu time frame li kontu ftehemtu magħhom. Tinsewx li dawn ħafna minnhom ma jafux jaqraw u tridu tispjegawlhom, għax dawn meta ffirmaw il-kuntratt, tawhom iċ-ċwievet, u wegħduhom li se jingħataw akkomodazzjoni soċjali xħin jitla' l-Gvern Laburista. Hekk qalulhom lil dawn, u m'hemmx wieħed jew tnejn, imma hemm grupp ta' nies.

Dawn in-nies bir-raġun qed iħossu li ġew traduti, għax dan l-appuntament swiehom ħafna tbatija. Qed jiġini każ f'moħħi ta' xi ħadd li hu ta' piż fuq il-familja tiegħu u ġieli jkun hemm xi diżgwid għax l-ispazju ta' dan il-flat hu dak li hu, imma meta dan jgħidilhom li ffirma għal unit tal-akkomodazzjoni soċjali, jgħidulu li dalwaqt jagħtuhulu. Madanakollu dan għadu fil-unit tal-familja tiegħu b'ċerti tbatijiet. M'hemmx għalfejn noqgħod niċċara l-affarijiet, għax ma nkunx irrid nikxef lill-individwi, imma hemm ħafna nies li għaddejjin minn tbatija.

Fost dawk li ffirmaw dawn il-kuntratti hemm min jinsab sitt piedi taħt it-trab, għax laħaq miet. Tkellimt kemm-il darba fuq dan u għamilna diversi mistoqsijiet parlamentari, imma bqajna bla tweġiba. Dawn il-persuni jeħtieġu rispett u mhux li tgħaddihom biż-żmien biex teħdilhom il-vot. Dawn il-persuni jeħtieġu l-għajnuna u mhux żebliħ. U għal din l-imġiba mhux il-Partit Nazzjonalista biss għandu jitkellem, imma kull min hu favur iż-żgħir u dawk li baqgħu lura fil-ħajja. Il-Knisja wkoll għandha titkellem dwar dan.

B'din l-inizjattiva kull wieħed u waħda minna għandna ninħelsu u mhux ninqaflu. M'għandniex nibżgħu nitkellmu f'isem dawk in-nies li jagħtuna ċerta informazzjoni imma jibżgħu jitkellmu. Jien xtaqt inqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra, imma qaluli biex l-informazzjoni nżommha għalija għax jibżgħu li jpattuhielhom. Kull min hu bniedem ta' rieda tajba jemmen li min għandu l-kuraġġ jista' jitkellem b'mod liberu. Hemmhekk ibdew poġġu s-slogans b'Malta Ġusta fuqhom! Meta kontu qegħdin tgħidu Malta Ġusta, żgur li ma kontux qegħdin tirreferu għal min hu l-iżgħar fost l-iċken li jkunu għaddejjin minn dan kollu f'ħajjithom. Min imiss

ma' dan il-qasam, b'xi mod ikun għadda minn xi sfida jew oħra, ikun għadda minn ċerta tbatija, minn sfidi ta' saħħa mentali u minn problemi li ċ-ċiklu tal-ħajja jibqa' jgħaddihom għal uliedna u ulied uliedna. Meta dawn in-nies jaraw is-slogan Malta Ġusta, ma naħsibx li jagħmel sens għalihom.

Tkellimt fid-dettall ma' wieħed mill-vittmi ta' dan l-ingann li ffirma kuntratt għal flat tal-akkomodazzjoni soċjali, però kien jaf li l-post li jrid imur fih għad fadal ħafna xogħol xi jsir fuqu. Hu ffirma dan il-kuntratt f'Marzu 2022 u qalulu li jrid jistenna erba' xhur minn dik id-data. Dan ikkalkula li f'Lulju ta' dik is-sena, wara li tkun għaddiet l-elezzjoni, se jkollu saqaf fuq rasu. Meta ma rċieva l-ebda telefonata, ċempel fejn kellu jċempel minħabba li kien ilu jistenna u qalulu biex fejn ilu jistenna, ikompli jistenna ħames xhur oħra.

Meta qorob il-Milied, dan stenna li sal-Milied se jkollu saqaf fuq rasu imma l-Milied wasal u dan baqa' jiġri minn post għal ieħor, tant li kien hemm mumenti meta kellu jorqod fit-triq. Fl-aħħar telefonata li għamel, jidhirli f'Settembru, tawh il-kelma li sa Diċembru 2023 kien se jidħol żgur. Madanakollu, meta mar fuq il-post li wegħduh u ħa xi ritratti, ra li jrid ikun miraklu bħal dak tal-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet biex dan il-post jitlesta sa Diċembru! Jien mhux se nqiegħed ir-ritratti fuq dan il-każ fuq il-Mejda tal-Kamra biex nirrispetta lil dan l-individwu li qalli biex dawn ir-ritratti jibqgħu f'idejja, imma lill-Onor. Albert Buttigieg se nurih kif għadu l-post sal-lum!

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, point of order.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-Ministru Roderick Galdes on a point of order.

**ONOR. RODERICK GALDES:** La qed jirreferi għal ritratti dwar siti tal-Awtorità tad-Djar, li mhux suppost jidħlu nies fihom meta jkun għaddej ix-xogħol, irid iqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Fil-każijiet li jkollna quddiem dan il-Parlament, jekk tkun qed tikkwota minn xi mkien trid tqiegħed id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra. Sa fejn naf jien – issa nieħu direzzjoni mingħand l-Ispeaker – jekk ikunu ritratti jew trid tirtirahom u tgħid li mhux se titkellem dwarhom, jew inkella jridu jkunu inklużi. Se nieħu direzzjoni mingħand l-Ispeaker u nkun nista' ngħidlek jekk tinkludix ir-ritratti. (Interruzzjonijiet) Qed jgħiduli li jekk qed issir referenza għalihom biss, m'għandekx għalfejn tqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra, la d-dokument u lanqas ir-ritratti. Tista' tkompli bid-diskors tiegħek, Onor. Bartolo.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Point of order.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Il-Ministru Roderick Galdes on a point of order.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, fid-diskors tiegħu l-Onor. Bartolo kien ċar li qed jgħaddihom lill-kollega tiegħu, jiġifieri r-ritratti qegħdin hawn. Semma l-appartament u semma l-persuna li tathomlu, allura jien qed nitlob li jiġu ppreżentati fuq il-Mejda tal-Kamra. Hawn qed nitkellmu fuq siti li l-ebda terza persuna ma tista' tidħol fihom waqt li jkunu għaddejjin xogħlijiet ta' kostruzzjoni.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Xorta se nitlob parir mingħand l-Ispeaker. Għalissa żomm ir-ritratti għandek, Onor. Bartolo. Tista' tkompli bid-diskors tiegħek.

**ONOR. IVAN BARTOLO:** Sur President, nittama li fid-diskors tiegħu l-Ministru ma jagħmilx bħalma għamel fl-aħħar estimi finanzjarji meta ħarabli mid-domandi. Għax meta staqsejthom biex jirreferu għall-każijiet li qed insemmi ġabu l-iskuża tal-protezzjoni tal-informazzjoni personali tal-individwi biex ma jipprovdux id-dettalji mitluba. Jgħidulna li l-informazzjoni hija sensittiva anke jekk l-informazzjoni mitluba tkun waħda ġenerika! Jien illum ma semmejtx l-individwi, u għalhekk minflok ma jweġbuna, joqogħdu jduru mal-lewża u jaħarbu milli jgħidulna kemm-il każ ta' tiswija strutturali għamlu. Dan is-servizz kien minn dejjem u seħħ taħt kull ministru responsabbli mill-bidu tat-twaqqif tal-Awtorità tad-Djar.

Minn żmien għal żmien l-Oppożizzjoni tkellmet fuq dan u issa ilha s-snin tistaqsi meta se jkunu lesti biex jiġu okkupati l-appartamenti l-ġodda. Skont il-mistoqsija parlamentari numru 6759 li ġiet imwieġba fil-15 ta' Ottubru tal-2018, ftit aktar minn ħames snin ilu, kienu qalulna li l-appartamenti l-ġodda mistennija jkunu lesti fl-2021, imma għall-Partit Laburista fil-gvern hemm krib li jbati biex jisma', hemm krib ieħor li

ma jridx jisma', filwaqt li hemm krib li ma jaqbillux jisma', bħal dan tal-lum.

Il-persuna li tkellmet miegħi ħallietli bil-miktub dak kollu li għaddewha minnu biex jekk allaħares qatt jiġrilha xi ħaġa, inkunu nistgħu niddefenduha meta jkun tard wisq. Ikun hawn min jidħak u jgħaddina biż-żmien, imma xorta se nibqgħu ngħidu dak li għandna ngħidu. Din il-persuna għalqet din it-testimonjanza b'dawn il-preċiżi kelmiet:

> "L-arroganza li għandhom splodiet ġo rashom. L-iskuża dejjem kienet il-kuntrattur!"

Għal dawn in-nies is-serq tal-voti hija prijorità. U s-serq tal-voti, Ministru, ma jagħmlekx politiku tajjeb. L-immaturità tispikka meta l-affarijiet imorrulhom ħażin u jwaħħlu fil-Partit li ilu fl-Oppożizzjoni għaxar snin. Dik hi l-prassi!

Dan l-aħħar, meta staqsejt lill-Ministru jekk hemmx time frame għal dawk li ffirmaw il-kuntratt biex jidħlu f'appartament qabel l-elezzjoni, li għadhom jistennew s'issa minkejja li qalulhom li se jidħlu f'Ottubru 2022, il-Ministru weġibni b'dan il-mod:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-allokazzjonijiet ġew imwettqa skont pjan tal-Awtorità tad-Djar imfassal fuq numru ta' snin. L-inkwilini prospettivi ġew informati bl-allokazzjoni bosta xhur qabel ma tlesta x-xogħol fuq il-binja sabiex ikunu jistgħu jippjanaw il-futur tagħhom."

Sur President, nitolbok tara jekk dan li qrajt jagħmilx sens! Ħafna logħob bil-bżallu imma fil-verità ma qalilna xejn! Bħalissa intom hemm fil-poter u l-poplu tellagħkom biex tbiddlu dak li f'għajnejkom kien jidher ħażin. Ħallukom mis-slogans popolisti, agħtu kas iż-żgħir u tkunux arroganti miegħu. Jien ma ġejtx hawn biex noqgħod ngħidilkom x'jgħidulhom fuq it-telefon, imma ġejt biex nispjega kif iħossuhom in-nies li jkollhom x'jaqsmu mal-Awtorità tad-Djar. Għalhekk ġejt hawnhekk illum! U qabel ma xxejjer il-bandiera tiegħek, isma' u agħti widen lill-kelliema tan-naħa l-oħra biex tartikola l-argumenti bl-aħjar mod possibbli u mhux tibqa' ġġebbed biex tgħatti l-ħażin tiegħek u ta' sħabek! Dak huwa ħażin! Meta tagħtu widen liż-żgħir, imbagħad tkunu tistgħu tgħidu Malta Ġusta u Malta f'Qalbna. Hemmhekk tkunu tistgħu tiktbu, fil-Kapitlu 2 paġna 16 tal-aħħar Diskors tal-Baġit, li se tinvestu f'pajjiż b'ruħ soċjali. Hemmhekk iva!

Niġi għal xi nuqqasijiet oħra li n-nies ta' spiss isemmu, bħal meta jkun hemm imġiba ħażina fil-komun li biha jbatu r-residenti l-oħra, speċjalment dawk li jkunu xtraw il-unit jew dawk li jkunu fl-iskema Nikru biex Nassistu. Irridu naraw li jittieħdu passi mill-aktar fis u mhux inħallu familji mdejqin fi djarhom għal numru ta' xhur. Irridu nkunu ċari mal-klijenti, għax xi wħud jaħsbu li għax qegħdin f'unit tal-housing, m'għandhomx iħallsu għall-eżiġenzi tal-komun bħalma jagħmlu r-residenti l-oħrajn meta tinqala' xi problema bħal, pereżempju, ħsara fil-lift. Irridu nispjegawlhom li huma parti minn dan il-komun u jridu jħallsu mal-oħrajn. Il-ħaġa ma tridx issir b'ħafna telefonati u ittri, għax il-burokrazija qed iġġib diversi tbatijiet.

Irridu nagħtu kas dawk l-anzjani li minħabba ċirkostanza jew oħra jinsabu maqfula f'darhom. Ftit tal-jiem ilu ltqajt ma' koppja li għandhom diversi sfidi, inkluż ta' mard, apparti li binthom għaddejja minn sfidi oħra. Xi ħadd qrib din il-koppja se jiżżewweġ u minħabba diversi raġunijiet ta' saħħa, kif ukoll għax qegħdin fit-tielet sular ta' din il-blokka, ma jistgħux joħorġu minn hemm biex imorru għat-tieġ ta' dan il-familjari li għalihom huwa l-mimmi ta' għajnejhom. Huma talbu biex jibdlu l-unit tagħhom għal wieħed fis-sular ta' isfel. Forsi tgħidli li dan huwa diffiċli, imma kien hemm min irnexxielu. Allura se nħalluhom hemm, jistennew il-mewt ġejja għalihom? Saħħithom qed tiggrava u każijiet bħal dawn jeħtieġ li nagħtu kashom.

La semmejt l-anzjani, nixtieq insemmi każ ieħor li ltqajt miegħu s-sajf li għadda. Qed nistaqsi jekk teżistix struttura għal min għalaq 60 sena u spiċċa homeless, għax ma nafx kemm-il telefonata għamilt dan is-sajf flimkien ma' sħabi tat-tim tiegħi meta ltqajna ma' każ partikolari. Ċempilna kullimkien u sibna ħafna bibien magħluqa. F'nofs Awwissu mort jien personalment niġbor anzjan minn pjazza partikolari. Tibda ċċempel ix-shelter homes u ma jaċċettawhx għax jgħidulek li għandu aktar minn 60 sena u peress li hu bla indirizz, għax m'għandux post, sab ruħu fit-triq.

Li ma kienx għall-ġenwinità ta' ħafna persuni, dan kien jagħmel sajf barra t-triq! Hawn irrid nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-eks Deputat Laburista Louis Buhagiar, li għenni

f'dan il-għan. Biex sar l-assessment mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva ma nafx kemm-il telefonata saret u qalu lil xi ħadd mit-tim tiegħi li ma jfissirx li għax se jsir l-assessment, hemm garanzija li se jagħtuh saqaf fuq rasu. Mela nkomplu ngħinu lil dan l-anzjan bil-qlub ġenerużi u bis-saħħa tal-persuna li semmejt.

Jeħtieġ li ninsistu għal emergency shelter li għandu jkun strutturat biex persuna toqgħod fih anke għal sitt ġimgħat u mingħajr ħafna mistoqsijiet ħalli ma noqogħdux numiljawhom. Meta xi ħadd mill-awtoritajiet induna fuq min qed nitkellem, għax diġà għamilt blog fuq il-midja soċjali, staqsieni jekk nafx li dan l-anzjan għandu każ mal-Pulizija. Jien għedtlu li dan kien il-ħabs u issa ħareġ mill-ħabs. Allura x'nagħmlu? Nidfnuh bil-lest?! Din hi Malta Ġusta tagħkom?!

Daqs kemm hi Malta Ġusta mas-sidien ta' appartamenti li ma jitħallsux il-kirjiet skont il-ftehim li jkun sar, għax l-inkwilini ma jaslux biex iħallsuhom. U meta dawn imorru għand l-awtoritajiet, jgħidulhom li ma jistgħu jagħmlu xejn! Aħna ma rridux nies fit-toroq, u hawn mhux qed nitkellem b'detriment għas-sidien. Iżommhom il-Gvern. Għandu tant flus, jibni units apposta! Naf familja li tikri flat li ħallihulhom missierhom u kieku m'għandhomx dan il-flat, dawn iż-żewġt aħwa nisa anzjani jmutu bil-ġuħ għax dejjem għexu fuq dħul limitat. U l-Gvern jibqa' jixħet ir-responsabbiltà fuq il-Gvern ta' qablu. Jibqa' jgħid li l-Gvern Nazzjonalista m'għamel xejn u huma għamlu kollox. Ix-xemx telgħet fl-2013!

Fil-mistoqsija parlamentari numru 11388 tlabt għal-lista tal-blokok ta' akkomodazzjoni soċjali tal-Awtorità tad-Djar li saru matul is-snin u ċ-ċifri jitkellmu waħedhom. Mhux se noqgħod naqra kollox, għax ma fadallix ħin, imma t-tweġiba li ngħatajt tgħid li fl-1950 taħt l-Eks Prim Ministru Nerik Mizzi kienu saru 159 blokka, fis-snin sebgħin taħt l-Eks Prim Ministru Dom Mintoff saru 481 blokka, fis-snin disgħin taħt l-Eks Prim Ministru Eddie Fenech Adami saru 131 blokka u fis-sena 2000 taħt l-Eks Prim Ministru Lawrence Gonzi saru 81 blokka.

Irrid ngħid li dak iż-żmien kienu qegħdin isiru l-preparazzjonijiet meħtieġa biex wara għaxar snin jibdew jinbnew blokok fl-Imsida, is-Siġġiewi u Bormla u intom sibtu kollox lest, għall-grazzja t'Alla. U mill-2013 sal-lum saru tmien blokok! Ministru, l-akkomodazzjoni soċjali hija l-bażi ta' kollox. Hija l-first philosophy. Nittama li din torqod biha llejla. Nifhem li l-akkomodazzjoni soċjali trid isservi kemm għall-investiment kapitali kif ukoll għal għanijiet soċjali, madanakollu nħoss li tliftu kull kontroll dan l-aħħar. Araw ftit x'inhi Malta Ġusta! U din nista' nqegħedhielek fuq il-Mejda tal-Kamra, Ministru!

Sur President, il-permess biex inqiegħed dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. IVAN BARTOLO:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Screenshot ta' post minn *Property Market in Malta* dwar bed space ġewwa x-Xgħajra u s-Siġġiewi.

Spazju għal sodda fix-Xgħajra jiswa €250 fix-xahar! Possibbli ma taraw xejn ħażin f'dan? Probabbli xejn, għax is-suq isuq! Il-problema hija li għal dawn, it-tajjeb sar ħażin u l-ħażin sar tajjeb! (Onor. Membri: Hear, hear) Nirringrazzjak, Sur President.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Ninforma lill-Kamra li għadni qed nistenna deċiżjoni rigward ir-ritratti, jiġifieri għalissa dawk ir-ritratti żommhom fil-pussess tiegħek. Aktar rimarki? L-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Sur President, is-settur tal-proprjetà, tal-kirjiet u tal-akkomodazzjoni soċjali jimmerita l-attenzjoni. Wieħed irid jersaq lejh b'sensittività, b'delikatezza kbira, b'għarfien ta' dak li qed isir mid-Dipartiment ikkonċernat u skont ir-realtà li hemm hemm barra.

Naħseb li dawn id-dibattiti, jekk xejn, għandhom iservu biex kemm jista' jkun inqiegħdu ideat fuq l-aġenda ta' dan il-Parlament li bihom inħarsu lejn min qiegħed l-aktar 'l isfel fis-soċjetà u lejn min ibati l-aktar. L-Onor. Ivan Bartolo qal sew li hawn qegħdin nitkellmu biex niddefendu lil dawk l-aktar żgħar fis-soċjetà u lil dawk li waħedhom m'għandhomx biżżejjed flus biex ifendu għal rashom, biex jixtru proprjetà, jew biex jgħixu fi proprjetà li wirtu jew li jaqilgħu biżżejjed flus biex jixtruha u jkomplu jħallsu s-self għaliha.

Naħseb li llum għandna nirriflettu fuq kemm għandna nies jikru proprjetajiet u kemm hemm aktar nies li saru sidien ta' darhom. Waħda mill-miri li kien stabbilixxa pajjiżna snin ilu kienet li jkollna aktar nies li jsiru sidien ta' djarhom, u hawnhekk rrid nistaqsi jekk illum dan il-proċess waqafx jew mexiex 'il quddiem. Dan qed ngħidu fid-dawl tal-fatt li aktar koppji żgħażagħ – u din hija tendenza prevalenti maż-żgħażagħ tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda – mhux qed jibqgħu jgħixu mal-ġenituri tagħhom, imma qed joħorġu barra mid-dar u jipprovaw jixtru dar għalihom. Hemmhekk għandna nistaqsu lilna nfusna jekk dawk li huma fil-klassi tal-ħaddiema, dawk li jaqilgħu ftit aktar mill-paga minima, dawk li jaqilgħu ftit aktar minn dak li jaqla' ħaddiem normalment, għandhomx biżżejjed introjtu li jippermettilhom biex il-bank jagħtihom self biex ikunu jistgħu jixtru dar.

Naħseb li meta wieħed ikun fit-triq jitkellem man-nies, jiltaqa' ma' ħafna esperjenzi ta' ġuvintur li ma jistgħux jixtru l-proprjetà tagħhom u ta' nies li sseparaw għal diversi raġunijiet u spiċċaw jgħixu għal rashom u ma jistgħux jixtru proprjetà u qed isibu diffikultà kbira biex jikru proprjetà. Altru dak li jiġi reklamat u dak li jingħad, u altru meta wieħed imur jistaqsi lis-sidien kemm hija l-kera. Hemm diskrepanza kbira f'dan. Tibda tmiss ma' din ir-realtà meta n-nies jibdew jiġu għandek biex jgħidulek li ma jistgħux ilaħħqu mal-pagamenti tal-kera. Iż-żidiet qawwija tal-kera llum saru xi ħaġa normali u ma saret l-ebda miżura mhux biex tgħinhom, imma biex kemm jista' jkun iżżomm il-kirjiet 'l isfel. It-tendenza ta' dawn l-aħħar snin kienet li l-prezzijiet ikomplu jitilgħu 'l fuq u jiżdiedu.

Naħseb li dan huwa ta' inkwiet kbir, speċjalment meta tiltaqa' ma' numru ta' każijiet li jgħidulek li bid-dħul tagħhom qed jirnexxilhom iħallsu ċerti affarijiet partikolari, imma niskanta wkoll kemm qed niltaqa' ma' nies li qatgħulhom is-servizz tad-dawl u l-ilma u m'għandhomx il-possibbiltà li jerġgħu jġibuh lura. Jien inkwetat ukoll fuq diversi nies bil-pjaga tad-droga, li kibret fuq li kibret f'dan il-pajjiż. Inkunu qegħdin indaħħlu rasna fir-ramel jekk ma nidħlux fis-sitwazzjoni ta' nies li tilfu l-proprjetà tagħhom minħabba d-dejn kbir li għamlu minħabba d-droga u spiċċaw f'idejn ħaddieħor biex iħallsu dan id-dejn.

Jien inkwetat ukoll dwar diversi anzjani li qed isibu ruħhom fil-pożizzjoni li għal snin twal kienu jgħixu fi proprjetà bil-kirja kif kienet qabel u f'daqqa waħda qed jibżgħu li se jsibu ruħhom barra. Fortunatament, diversi persuni qed jeħilsuha din, imma hemm ħafna nies oħrajn li qed jgħaddu minn trawma kbira, speċjalment dawk li jkollhom età avvanzata. Rajt ukoll nies li marru lura sew minn saħħithom.

F'pajjiżna żdied il-valur tal-proprjetà u żdied il-valur tal-kirjiet. Dan ġab il-konsegwenza li aktar nies mhux qed ikunu fil-pożizzjoni li jfendu għal rashom u qed ikollhom jiddependu min-nies tal-familja jew mill-Gvern. Il-Gvern qed joħroġ ħafna flus f'sussidji, u wieħed irid jirrikonoxxiha din li-ħaġa, però indipendentement minn dan, wieħed irid jippjana għal dak il-mument meta għada pitgħada s-sitwazzjonijiet li qed jiġġustifikaw il-ħlasijiet tas-sussidju jew jispiċċaw, jew jonqsu drastikament.

Jien staqsejt lill-Ministru kemm ħarġu flus f'sussidji u mill-istatistika li għaddieli fir-risposta rajt ċerta diskrepanza. Pereżempju f'Wied il-Għajn fl-2021 inħarġu kważi €0.5 miljun f'sussidji għal 191 persuna, mentri s-sena l-oħra nħarġu €440,000 għal 255 persuna. F'Raħal Ġdid, fl-2021 inħarġu €262,000 f'sussidji għal 88 persuna u s-sena l-oħra nħarġu €190,000 għal 125 persuna. Fiż-Żejtun, fl-2021 inħarġu €200,000 għal 76 persuna u s-sena l-oħra nħarġu €177,000 għal mitt persuna. Naħseb li dawn il-punti wieħed għandu jirrifletti fuqhom u jressaqhom 'il quddiem biex nibdew naħsbu għal dak li se jiġri għada pitgħada, speċjalment meta r-rata ta' inflazzjoni f'pajjiżna mhijiex nieżla 'l isfel ħafna u dan ifisser li għada pitgħada se jkollna ferm aktar nies li huma homeless.

Meta titkellem mal-istituzzjonijiet li jieħdu ħsieb dawk li huma homeless jgħidulek li n-numri żdiedu u mhux naqsu, speċjalment dawk li jispiċċaw fit-traġedja tal-abbuż tad-droga. Hawn irridu naraw x'miżuri ġodda se nintroduċu f'pajjiżna, jekk aħniex se nagħmlu politika li permezz tagħha aktar nies isiru sidien ta' darhom, f'liema każ irridu nintervjenu b'saħħa ferm akbar milli qegħdin nagħmlu llum. Min-naħa l-oħra, irridu naraw hux se nħallu l-prezzijiet tal-kirjiet jogħlew b'dan il-mod daqshekk qawwi, tant li ħafna Maltin mhux qed jifilħu għalihom.

Nifhem li meta jiġu l-barranin f'pajjiżna hemm dawk li jkollhom impjiegi tajbin u jkunu jifilħu jikru postijiet bl-għoli u hemm dawk li ma jifilħux. Kif qal tajjeb l-Onor. Ivan Bartolo, illum teżisti r-realtà li hemm barranin li qed jikru s-

sodda. Jien smajt b'każijiet fejn is-sodod qed jinkrew darbtejn f'ġurnata, jiġifieri hemm ix-xift ta' dawk li jorqdu matul il-ġurnata u x-xift ta' dawk li jorqdu mal-lejl. Din hija r-realtà u nistenna li f'dan id-dibattitu l-Ministru se jiddikjara l-kisbiet li għamel matul is-sena li għaddiet u jagħti l-punti ta' trijonf tal-Ministeru tiegħu, però nippretendi wkoll li nħarsu lejn dak li verament hemm bżonn f'pajjiżna u nippjanaw għall-quddiem f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkomodazzjoni soċjali.

Hemm barra hemm ir-realtà ta' nies li qed ibatu fid-djar tagħhom. L-Onor. Bartolo huwa aktar iffokat fuq dan is-suġġett u tajjeb li wieħed jagħti kas tal-kritika tiegħu, mhux biss għax ġejja mill-qalb imma wkoll għax hija r-realtà. Ħafna drabi waqt iż-żjajjar fid-djar tidħol għand xi nies li ma jkollhomx id-dar tagħhom f'kondizzjoni tajba u jagħmlu ħilithom kollha biex jibqgħu għaddejjin, allura rridu naħsbu fid-dinjità ta' dawn in-nies ukoll.

Jista' jkun li xi ħadd jiġi jgħidli li l-konvenji f'pajjiżna baqgħu għoljin. Ċertament li l-konvenji jitilgħu ftit 'il fuq u jinżlu ftit 'l isfel, imma dan ma jfissirx li l-konvenji li jsiru qed iwieġbu għar-realtà ta' dawk n-nies li huma fil-klassi medja u dawk li huma aktar 'l isfel mill-klassi medja li mhux qed jirnexxilhom jimxu 'l quddiem. U ngħidu x'ngħidu, f'pajjiżna n-nies għandhom il-kultura li jsiru sidien ta' darhom. In-nies ma jarawx il-kera bħala kommodità imma bħala li qegħdin jarmu l-flus minflok ma jinvestuhom fi proprjetà li tista' ssir tagħhom. Din hija l-kultura ta' pajjiżna, u hija kultura tajba, għax pajjiżna baqa' sod u b'saħħtu finanzjarjament minħabba li ħafna Maltin iġemmgħu l-flus u jagħmlu ħilithom kollha biex jixtru l-proprjetà li jgħixu fiha ħalli jkollhom xi ħaġa taħt rashom u biex iħallu xi ħaġa lil uliedhom.

Fil-ġurnata tal-lum mhuwiex faċli li tibni d-djar għall-akkomodazzjoni soċjali u li tħares lejn proġetti ġodda, imma jekk m'għandekx dan għar-rimedju tiegħek, trid taħseb f'affarijiet oħrajn. Għad jasal il-mument meta s-sussidju fuq il-kera ma jibqax mezz effettiv ta' kif ngħinu lin-nies, speċjalment meta l-kera qiegħda dejjem tiżdied. Nittama li meta l-Ministru jiġi biex iwieġeb għall-kritika li saret minn din in-naħa tal-Kamra jeħodha fid-dawl tajjeb li hi. Aħna ma nixtiqux niġu fil-pożizzjoni li fuq naħa kollox jidher tajjeb u n-naħa l-oħra kollox jidher ħażin, imma hemm realtà li l-Gvern irid jaffronta fit-tliet snin li ġejjin. Din hija x'politika nazzjonali se jkollna fir-rigward tal-poplu Malti, jekk aħniex se nagħtu appoġġ biex il-politika li l-Maltin isiru sidien ta' darhom tissoda, jekk aħniex se nabbandunawha bil-konsegwenzi ħżiena tagħha, jew aħniex se nagħmlu miżuri biex nieħdu ħsieb ngħinu ferm aktar lin-nies.

Sur President, il-Ministru jista' jgħidli li għamlu skema biex jgħinu lin-nies jixtru l-proprjetà, imma meta tmiss mar-realtà ssib li minkejja li l-intenzjoni hija tajba, mhijiex b'saħħitha biżżejjed biex twieġeb għar-realtà li teżisti. Hemm bżonn ferm aktar għajnuna finanzjarja biex ngħinu lin-nies ikunu jistgħu jixtru l-proprjetà tagħhom u jsiru sidien ta' darhom. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li rċevejt id-direzzjoni tas-Sedja għal dak li konna qegħdin nitkellmu dwaru aktar kmieni rigward ir-ritratti. Id-direzzjoni tas-Sedja hi li minn ritratt ma tistax tikkwota, u għalhekk l-Onor. Ivan Bartolo mhuwiex obbligat li jqiegħed ir-ritratti fuq il-Mejda tal-Kamra.

Aktar rimarki? L-Onor. Albert Buttigieg.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, aħna l-Maltin kburin ħafna bid-djar tagħna u ninvestu ħafna fihom, kemm bħala enerġija kif ukoll bħala flus, u nagħmlu minn kollox biex ikollna dar li tilqagħna. Għalina l-Maltin id-dar hija l-bejta fejn insibu l-mistrieħ tagħna.

Forsi għax għandna din il-kultura li nħarsu lejn id-dar tagħna bħala l-bejta tagħna li 82% taċ-ċittadini tagħna huma sidien ta' darhom. Meta nara din iċ-ċifra, inkompli ma' dak li qal l-Onor. Ivan Bartolo u ngħid li għandna l-kultura li nkunu sidien ta' darna. Nemmen li dan is-suċċess ma waqax mis-sema, imma kien sforz politiku li ħeġġeġ liċ-ċittadini tagħna jsiru sidien ta' darhom. Qed ngħid li kien sforz politiku għax nemmen li kull Gvern li kellna, bil-mod u bil-filosofija tagħhom, ħadmu qatigħ biex wasslu għal din iċ-ċifra ta' 82% ta' ċittadini li huma sidien ta' darhom. Huwa ċertifikat għalina lkoll li bl-isforz politiku tagħna, minn kull naħa, wasalna biex ħafna miċ-ċittadini tagħna huma sidien ta' darhom.

Filwaqt li qed nirrikonoxxi dan il-fatt, inħoss li huwa skorrett li wieħed jipprova jagħti l-

impressjoni li l-ewwel għajnuna lil dawk li jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom bdiet tingħata minn meta l-Gvern Laburista ħa t-tmexxija tal-pajjiż fl-2013. Huwa skorrett meta ngħidu li l-iskema ta' għajnuna lil dawk li jsiru sidien ta' darhom bdiet minn dak iż-żmien. Ix-xemx ma telgħetx ilbieraħ u lanqas biħsiebha tinżel għada, allura rridu nkunu onesti biżżejjed u ngħidu li veru mill-2013 'il quddiem kien hemm skemi biex jgħinu lill-first-time buyers, imma rrid infakkar li dan kien mertu ta' dak li nbena minn qabel, kapitlu wara kapitlu u tarġa wara tarġa, li wasslu għal fejn qegħdin illum.

Sur President, ippermettili nsemmi xi ftit mill-iskemi li għenu biex pajjiżna laħaq din iċ-ċifra ta' 82%. Kellna skema li kienet tissejjaħ Home Ownership Scheme (HOS) fejn diversi plots tal-Gvern ġew mogħtija bi prezz issussidjat lil diversi koppji żgħażagħ li saru sidien ta' darhom u llum għandna ħafna terraced houses kif ukoll binjiet oħra.

Skema oħra li kellna hija Sir Sid Darek, fejn inkwilini li kienu qegħdin jgħixu f'appartamenti jew terraced houses tal-Gvern, ingħataw iċ-ċans li jixtru l-proprjetà tagħhom bi prezzijiet issussidjati – dak iż-żmien, xi wħud skandalizzaw ruħhom b'dawk il-prezzijiet – u jsiru sidien ta' darhom.

Kellna wkoll l-iskema Rent-to-Buy, fejn filwaqt li tħallas il-kera tiegħek, kellek l-opportunità li tkun qed tixtri dik il-proprjetà.

Kellna wkoll l-Equity Sharing Scheme, li l-Gvern Laburista jiftaħar li daħħalha hu, imma fir-realtà kienet iddaħħlet fl-2004 mis-CEO ta' dak iż-żmien Marisa Micallef Leyson. Equity sharing tfisser li inti tixtri parti u l-Gvern jixtri l-parti l-oħra, imbagħad wara ċertu żmien tixtri dik il-parti li jkun xtara l-Gvern. Dak kien mezz ieħor kif stajt issir sid ta' darek.

Kien hemm ukoll l-iskema, li għadha hemm, li l-Awtorità tad-Djar tħallas lura l-VAT fuq numru ta' xogħlijiet li jsiru fl-ewwel dar tiegħek. Kien hemm ukoll skema fejn kienet titnaqqas it-taxxa tal-boll meta jkun hemm bejgħ ta' appartamenti għal għan soċjali.

Fil-lista li semmejt, wieħed jista' jinnota diversi skemi li kienu ta' għajnuna u sostenn biex il-koppji jsiru sidien ta' darhom għall-ewwel darba. Għaldaqstant nerġa' ngħid li hija skorretta u inġusta n-narrattiva tal-Gvern Laburista meta jgħid li l-ewwel għajnuna li qatt ingħatat lill-koppji biex isiru sidien ta' darhom kienet l-iskema ta' €1,000 fis-sena għal għaxar snin. Din qiegħda tiġi mogħtija għal sena oħra u nistqarr li donnu l-Gvern mhux qed jieħu r-rispons li qed jingħatalu, ċjoè li jista' jkun li din qed ikollha effett fuq l-għoli tal-prezzijiet tal-proprjetà.

Biex inkun ċar, għax hawnhekk diġà bdew jikkummentaw bejniethom, għalkemm din l-għotja ta' €1,000 fis-sena għal għaxar snin hija għajnuna li l-koppji żgur se jsibu x'jagħmlu biha, inħoss li l-Gvern mhux qed jinduna li din l-għotja tista' twassal biex tkun waħda mir-raġunijiet li l-prezzijiet tal-proprjetà komplew jiżdiedu. Mhux qed ngħid li din hija r-raġuni prinċipali, għax hemm diversi raġunijiet, imma qed ngħid li hija waħda mir-raġunijiet li wasslu għall-għoli tal-ħajja. Dan għaliex sfortunatament, numru ta' żviluppaturi u sidien ta' proprjetà rraġunaw li jekk il-Gvern se jgħin lil dawn il-koppji, għandhom ibillu subgħajhom huma wkoll ħalli jgħinu lilhom infushom! Sfortunatament, dan jiġri kull darba li jingħataw ċerti sussidji.

Għalkemm dawk il-koppji li qed jieħdu €1,000 għal għaxar snin huma kuntenti, u nawgurawlhom, filwaqt li l-Gvern qed jiftaħar b'tant pompa b'din l-iskema, koppji futuri se jkollhom iħallsu aktar għall-ewwel dar tagħhom. Fil-qosor, nistqarr li l-Gvern mingħajr ma jaf – u hawnhekk qed niskużah – qed iġib il-ġebla fuq saqajn l-istess koppji żgħażagħ li qed jixtru l-proprjetà tagħhom. Irridu nkunu onesti u nammettu li meta tagħmel żieda diretta fuq sussidju, kultant ikollok dak li jgħidulu kontro-effett u tiġik bil-kontra. Mingħalik tkun qed tgħin u fir-realtà fit-tul tkun qed tagħmel aktar ħsara milli ġid. Dan mhux jien biss għedtu, imma qaluh nies li jaħdmu f'dan is-settur u fil-passat qalu wkoll il-Bank Ċentrali ta' Malta.

Kif għedt ilbieraħ waqt id-diskussjoni li kellna fuq il-voti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali, nerġa' ngħid li throwing money at the problem mhijiex soluzzjoni. Naħseb li fil-qasam soċjali, jekk tibqa' titfa' l-flus biex mingħalik issolvi l-problemi, il-problemi xorta hemm se jibqgħu. F'intervista li kelli mal-ġurnal *MaltaToday* fl-2017 meta din l-iskema ngħatat għall-ewwel darba, kont għedt li din kienet se żżid il-prezzijiet, u qed nerġa' ngħidha llum b'mod responsabbli, anke jekk naf li hawn min mhux qed jaqbel miegħi. Skont l-istudju li ħarġu l-KPMG –

naħseb li kulħadd jaf min huma l-KPMG – ftit tal-ġimgħat ilu, il-proprjetajiet żdiedu b'40%, jiġifieri b'6% mill-2017 sal-lum, u dan proprju meta daħlet din l-iskema. Dan mhux qed jgħidu l-Partit Nazzjonalista imma qed tgħidu l-kumpanija ta' awditjar KPMG.

F'dan ir-rapport il-KPMG jagħti diversi eżempji ta' kif tela' l-prezz tal-proprjetà mill-2013 'l hawn. Pereżempju jgħid li appartament b'żewġt ikmamar tas-sodda fl-2013 kien jiswa €142,000, filwaqt li l-istess appartament fl-2017 sar jiswa €200,000, u fl-2023 l-istess appartament sar jiswa €280,000. Huwa tajjeb li nerġa' ngħidhom dawn, forsi l-Ministru mhux qiegħed attent għalihom. Fl-2013 appartament ta' żewġt ikmamar tas-sodda kien jiswa €142,000, fl-2017 l-istess appartament sar jiswa €200,000, u fl-2023 sar jiswa €280,000! Għalhekk. joħroġ biċ-ċar li kien hemm żieda. Nerġa' ngħid li mhux qed nipponta subgħajja u ngħid li dik l-iskema kienet il-kawża prinċipali, imma kienet waħda mill-kawżi li wasslu għal dan.

Sfortunatament dan qed iwassal biex ikollna koppji li bħalissa qed jissejħu 'stretched class', għax hawn ħafna koppji li minkejja li għandhom dħul stabbli u mhumiex fuq il-benefiċċji soċjali, ma jistgħux jixtru proprjetà. Għalhekk, nappella lill-Gvern biex jifhem din l-urġenza u jifhem ukoll ir-responsabbiltà li għandu quddiemu. Hawn irrid infaħħar lill-Gvern għall-inizjattiva li qed jieħu biex jipprova jindirizza din il-problema – għax jien fejn hu abjad ngħidlu abjad u fejn hu iswed ngħidlu iswed – billi flimkien mal-Knisja Kattolika waqqaf il-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli.

Se ntenni dak li għedt lis-CEO ta' din il-Fondazzjoni, li qiegħed hawn preżenti; jien u sħabi kollha ta' din in-naħa se nkunu qegħdin nagħtu s-sehem tagħna biex din il-Fondazzjoni tilħaq l-għan aħħari tagħha. Hawnhekk nagħmel appell lill-Knisja u lill-għaqdiet reliġjużi, kemm tan-nisa u kemm tal-irġiel, li jekk għandhom proprjetajiet li m'għadhomx jużawhom minħabba diversi raġunijiet, ipoġġuhom għall-benefiċċju ta' din il-Fondazzjoni biex tkun tista' tkompli tagħmel ix-xogħol siewi li qiegħda tagħmel. Qed ngħid dan għax hawn persuni li minkejja li ma jgħixux fuq is-servizzi soċjali, mhumiex f'sitwazzjoni li jixtru appartament. Fil-fatt, diġà kien hawn kelliema li tkellmu qabli fuq din id-diffikultà.

Sur President, quddiem din is-sitwazzjoni, fejn il-prezzijiet tal-proprjetà qegħdin ikomplu jogħlew, se nerġa' nagħmel proposta li diġà għamilt lill-Ministru, għax nemmen li fiha sinifikat u twassal għal soluzzjoni fit-tul. Din l-iskema ta' sussidju fuq l-interessi tas-self mill-bank kienet ħarġet fl-2012 u għoġobkom twarrbuha. Nafu lkoll li llum il-maġġoranza tal-koppji ma jixtrux dar mingħajr ma jissellfu mill-bank u għalxejn noqogħdu nħambqu li din hija realtà kiefra, għax din hija r-realtà. Nafu lkoll li diversi koppji qegħdin jissallbu u jimtlew bl-ansjetà bejniethom minħabba l-loan li jkollhom mal-bank, għax din qed tħalli aspett soċjali negattiv fuq ir-relazzjoni tagħhom.

Kif għedt, din l-iskema li daħlet fis-seħħ fl-2012 sfortunatament kienet twarrbet, bħal diversi skemi oħrajn li mbagħad ibiddlulhom isimhom u jerġgħu joħorġuhom. Din kienet skema tajba, għax mingħajr ma wieħed imiss il-prezz tas-sidien, kienet qed tgħin lill-koppji fil-ħlas tal-interessi fuq is-self għall-ewwel proprjetà tagħhom, speċjalment fl-ewwel snin. Ilkoll nafu li l-interessi tal-bank fl-ewwel snin huma aktar qawwija, allura din l-iskema kienet qiegħda tindirizza proprju din il-ħaġa. Min-naħa l-oħra, is-sidien ma kellhomx tentazzjoni li jżidu l-prezzijiet, għax ma kellhomx x'jaqsmu ma' dan.

Skont il-workings – jien nista' ngħaddihom lill-Ministru u lis-CEO, imma ninsab ċert li s-CEO għandu dawn il-workings fl-uffiċċju tal-Awtorità – is-sussidju li kien jingħata fl-2012 kien iwassal mhux għal €10,000 imma għal €14,000, jiġifieri din l-iskema kienet aktar ġeneruża. Allura nistieden lill-Gvern biex jerġa' jiftaħ din l-iskema, bħalma għamel bl-Iskema Kiri li tant għajruni fuqha. Allaħares ngħid il-kummenti li qlajt mill-Oppożizzjoni ta' dak iż-żmien fuq din l-iskema, li mbagħad tawha isem ieħor u reġgħu ħarġuha! Allaħares nitkellem fuq l-Equity Sharing Scheme li tant qalgħu fuqha, imbagħad reġgħu ħarġuha!

Allaħares nitkellem fuq l-iskemi li għamilna biex nirranġaw il-faċċati u l-madwar tal-binjiet tal-Gvern – din ukoll għalquha u reġgħu fetħuha – jew biex titneħħa t-taxxa fuq il-bejgħ tal-proprjetajiet ta' Skema Kiri. Il-Ministru kien wieħed minn dawk li meta kellna Skema Kiri kienu jgħiduli: Wara għaxar snin x'se jiġri, se titfgħuhom 'il barra? Il-proposta kienet biex ninkoraġġixxu lis-sidien ibigħu dik il-proprjetà u nagħtuhom inċentiv fiskali. Qed nieħu gost li

wara għaxar snin issibu d-diffikultajiet, f'dan il-Baġit erġajtu għamiltuha! Sew jgħid il-Malti li min imaqdar irid jixtri. (Onor. Membri: Hear, hear) Allura nerġa' nagħmel l-istedina biex tagħmlu U-turn oħra u toħorġu din l-iskema ta' sussidju fuq is-self għall-first-time buyers.

Sur President, irridu ndaħħluha f'moħħna li l-banek huma entitajiet kummerċjali u għandhom il-pjan li jgħollu l-interessi fuq is-self tagħhom. Mhijiex xi ħaġa li nieħdu gost ngħiduha jew li qegħdin ninkoraġġuha, u mhux qegħdin ngħiduha biex inwerwru lin-nies – biex jekk hawn xi ħadd li qed jipprova jislet dak li qed ngħid barra mill-kuntest, ngħidlu li mhuwiex minnu – imma hija realtà li rridu niffaċċjawha. Jista' jkun li l-banek 'il quddiem jgħollu l-interessi tal-loans. Għalhekk, jagħmel aktar sens li noħorġu din l-iskema mill-ġdid.

F'dan id-diskors jien tkellimt fuq li nkunu sidien ta' darna. Naħseb li fuq dan hemm qbil miż-żewġ naħat tal-Kamra għax hemm ħafna benefiċċji meta tkun is-sid tal-proprjetà tiegħek. Imma nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-kollegi tiegħi li għalkemm dan huwa l-iskop tagħna, hemm realtà oħra ta' żgħażagħ jew koppji li mhumiex qegħdin iħarsu aktar li jkunu sidien ta' darhom għal diversi raġunijiet. Naħseb li jkun tajjeb li nagħmlu diskussjoni matura u mhux partiġjana dwar dawk il-koppji li ma jistgħux ilaħħqu biex jixtru proprjetà u lanqas għandhom intenzjoni li jixtru proprjetà, imma jridu jmorru għall-kiri.

Hawn nistaqsi jekk dan huwiex riflessjoni tal-prezzijiet tal-proprjetà li dejjem qed jiżdiedu, mil-limitazzjonijiet tal-art li f'Malta hija dik li hi, mill-problemi li kkawża fuq l-ambjent l-iżvilupp bla rażan, għat-tensjoni finanzjarja fil-koppji u l-vulnerabilità ta' ċerti relazzjonijiet li qed ikollna. F'pajjiżna qed jidħlu realtajiet soċjokulturali ġodda fejn, kważi, kważi, dieħla l-mentalità – u naħseb li min jaħdem f'dan is-settur jaf x'qed ngħid – li n-nies ma jibqgħux jixtru l-proprjetà imma jibdew jikru, speċjalment fejn hemm koppji ta' ċerta età. Forsi dan mhuwiex il-mument li nagħmlu politika li tiffavorixxi l-kiri tal-proprjetajiet, għax forsi għal dawn in-nies illum aktar jagħmel sens li jkollok il-piż tal-kirja milli tal-loan.

Għaldaqstant irridu naraw kif nistgħu noffru opportunità lil dawk il-koppji li ma jixtiqux isiru sidien ta' darhom għax jaraw li ma jaqbillekx li tagħmel ħajtek kollha tħallas il-loan minflok ma tgawdi l-ħajja. Dawk iż-żgħażagħ li jsiefru biex jagħmlu esperjenza barra minn Malta ħafna drabi jikru u għalhekk, meta jirritornaw lura jġibu din il-mentalità tal-kiri. Ma jfissirx li dawn il-punti qed naqbel magħhom kollha, imma naħseb li wasal il-mument li jkollna l-kuraġġ li niddiskutu bejnietna biex insibu soluzzjoni għal din ir-realtà ġdida. Nemmen li l-Parlament għandu jservi biex issir diskussjoni serja u matura biex naraw x'inhuma l-problemi futuri ta' dan il-pajjiż.

Sur President, irridu nifhmu li Malta qed tinbidel u hemm realtajiet ġodda fis-soċjetà tagħna li aħna, bħala politiċi, irridu nitkellmu fuqhom. Il-konklużjoni tiegħi hi li lil hinn mill-battibekki politiċi, għax dawk huma parti mix-xenarju li l-kollega ta' warajja żgur se tkompli fuqhom, irridu nifhmu t-tensjoni u l-ansjetà li jgħaddu minnha l-koppji biex isiru sidien tad-dar tagħhom. Nemmen li kulħadd għandu intenzjoni tajba, inkluż il-Gvern u l-Ministru, imma huwa tajjeb li naħdmu lkoll flimkien.

Qabel ma nikkonkludi nixtieq nirringrazzja mhux biss lill-ħaddiema, għax dawn qed jaħdmu biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom, imma lil dawk li jitkellmu favur id-drittijiet tal-persuni li huma homeless biex ikollhom saqaf fuq rashom. Insellem speċjalment lil diversi NGOs li jaħdmu mal-homeless u ma' nies li huma batuti u vulnerabbli. Naħseb li għandna nirrikonoxxu u nirringrazzjaw lil dawn iċ-ċittadini attivi.

Sur President, l-aħħar punt tiegħi huwa li għandna naħdmu flimkien biex inkomplu nibnu u nsaħħu lil pajjiżna billi nkunu sidien jew inkwilini serji. Meta n-nies ikunu stabbli għax għandhom id-dar tagħhom, li hija l-bejta li tagħtina kwalità ta' ħajja tajba, allura se jkollna soċjetà ħafna aħjar milli għandna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-ħin li fadal hu għan-naħa tal-Gvern. Rimarki? L-Onor. Romilda Zarb.

**ONOR. ROMILDA ZARB:** Sur President, nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-kelliema tal-Oppożizzjoni tal-kummenti tagħhom dwar l-allokazzjoni finanzjarja fil-Baġit 2024, Malta Ġusta. Ma naqbilx mal-kummenti kollha li saru f'din il-Kamra, iżda napprezza li bla dubju huma jiġu hawnhekk biex iressqu l-ħsibijiet taċ-ċittadini tagħna.

Bħala Gvern aħna nħaddnu fiċ-ċentru tal-ħidma tagħna l-familji, iż-żgħażagħ u l-anzjani li aħna ngħożżu. Hu għalhekk li l-Baġit għandu t-tema Malta Ġusta, għax nemmnu f'dak li qegħdin inressqu 'l quddiem fejn se nkomplu nkunu ta' spalla bil-fatti. Għandna viżjoni li hi mibnija fuq il-ġustizzja soċjali u l-bżulija li se tara li nkunu hemm biex inkomplu nibnu fuq it-tajjeb li rnexxielna nagħmlu matul dawn is-snin. Din il-ħidma għamilnieha b'inċentivi sostenibbli, fejn komplejna nibnu blokka fuq blokka biex inkomplu nsaħħu dak li bdejna nimplimentaw. L-akbar allokazzjoni li qatt ra s-settur tal-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli hija s-somma rikorrenti ta' €48,784,000 fejn qegħdin naraw żieda ta' aktar minn €4.5 miljun għas-sena 2024. U dan juri li se nkomplu nkunu ta' spalla.

F'din il-Kamra ntqal li Malta qed tinbidel. Mhux Malta biss qed tinbidel, imma kollox qed jinbidel, l-affarijiet kollha li jdawruna. Ir-realtajiet jinbidlu minn żmien għall-ieħor għax l-uniku fattur kostanti li għandna fil-ħajja hija proprju l-istess bidla. Għalhekk huwa importanti li bħala Gvern inkomplu nirrikonoxxu dawn il-bidliet, inkomplu nifhmuhom u nkomplu naraw kif nistgħu ngħinu liċ-ċittadini.

Bla dubju, dan huwa Baġit lil hinn minn kif ġie deskritt ilbieraħ mill-Onor. Ivan Bartolo, – aħna t-tnejn Mostin, it-tnejn kollegi – li rrefera għall-Baġit 2024 bħala baġit fil-ġranet tal-Halloween! Jien inħoss li dan il-Baġit verament se jkompli jgħin lill-familji. Lil hinn minn dan il-kunċett, ma ninsewx il-mod kif iċ-ċittadini kienu jħarsu lejn il-baġits li kien ikun hemm meta l-Partit Nazzjonalista kien fil-gvern. Mela ejjew inħarsu 'l quddiem ħalli nkomplu nibnu għax dan il-Gvern matul dawn is-snin, għal sena wara l-oħra, kompla jressaq 'il quddiem baġits li verament jgħinu liċ-ċittadini.

Bla dubju, bħala Gvern dejjem għarafna kif nindirizzaw dawn ir-realtajiet. U proprju għalhekk se nieħdu ħsieb li nkomplu ninċentivaw u nassiguraw il-valuri soċjalisti tagħna. Se nkomplu nkunu hemm biex naraw fejn nistgħu ngħinu. Matul is-snin rajna kif dan il-Gvern irnexxielu jassigura rata ta' ownership b'saħħitha, tant li qed ikollna aktar persuni li qed jirnexxilhom isiru sidien ta' darhom. Fil-fatt, fis-sena 2021 kellna 81.9% li kienu sidien ta' darhom filwaqt li fi tmiem is-sena 2022, din ir-rata żdiedet għal 82.6%. Jiġifieri minkejja li diġà kienet rata b'saħħitha, komplejna nżiduha.

Ir-rata f'pajjiżna ta' dawk li huma sidien ta' darhom hija akbar mir-rata Ewropea. Fil-fatt, huwa importanti li ngħidu li bejn is-sena 2021 u s-sena 2022, ir-rata ta' sidien ta' darhom f'żoni Ewropej niżlet għax filwaqt li fl-2021 kienet 69.9%, fi tmiem l-2022 niżlet għal 69.1%. Mela hemmhekk naraw li meta l-medja fiż-żona Ewropea kienet 69.1%, pajjiżna rnexxielu jirreġistra r-rata ta' 82.6%, jiġifieri 13.5% aktar meta mqabbel mar-rata medja Ewropea.

Is-suċċess ta' dan il-Gvern huwa frott il-ħidma li qed issir biex dejjem inkomplu ntejbu dan ir-riżultat. Aħna rridu nkomplu nkunu hemmhekk biex verament ngħinu aktar nies u familji jsiru sidien tad-dar tagħhom. Tajna diversi għajnuniet u se nsemmi wħud minnhom, fosthom l-Equity Sharing Scheme, l-10% li tingħata bħala konvenju, l-għoti ta' €1,000 fis-sena għal għaxar snin, l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-boll u diversi skemi oħrajn biex kemm jista' jkun inkomplu nkunu ta' spalla għal dawk kollha li jixtiequ jsiru sidien ta' darhom.

Sur President, meta nitkellem f'din il-Kamra ta' spiss inħobb nagħmel referenza għall-importanza li qatt m'għandna ninsew il-punt tat-tluq. Qed insemmi l-punt tat-tluq biex kulħadd jifhem x'konna kapaċi nibnu matul dawn is-snin. Jien kburija li nifforma parti minn dan il-Gvern li jħaddan politika soċjalista, fejn iżomm fuq quddiem l-interessi tal-familji tagħna. Nifhmu li għad fadal ħafna xi jsir, iżda l-ħidma hija kostanti u qalbna qiegħda tħabbat fid-direzzjoni t-tajba biex dejjem inkomplu nassiguraw li ħadd ma jitħalla jaqa' lura fis-soċjetà. Għalhekk, infakkar li aħna konna ta' spalla għall-first-time buyers meta fil-Baġit għall-2014 bdejna nassistu biex ikun hemm eżenzjoni tat-taxxa tal-boll fuq l-ewwel €150,000. Matul is-snin, mhux biss sostnejnieha din l-għajnuna, iżda estendejnieha għas-second-time buyers, anke fuq l-ammont li jiġi eżentat.

Sur President, dan se nibqgħu nagħmluh għas-sena 2024, fejn se nkomplu nestendu l-iskemi ta' tnaqqis mit-taxxa tal-boll għall-first-time buyers u għas-second-time buyers. Se nsemmi wkoll dak li nidejna matul din is-sena, meta bdejna ngħinu lill-first-time buyers b'investiment ta' €1,000 fis-sena għal għaxar snin. Nemmen li din kienet għajnuna importanti biex inkunu nistgħu ngħinu lil dawk il-koppji u persuni li qegħdin jersqu 'l quddiem biex jakkwistaw l-ewwel proprjetà tagħhom. Dan l-inċentiv ewlieni ġie mwiegħed

fil-manifest elettorali ‘Malta Flimkien’ u matul din is-sena rajna 2,700 first-time buyer li xtraw il-proprjetà fl-2022 jibdew jirċievu l-ewwel għotja ta’ €1,000. Din se jkunu qed jirċevuha għal għaxar snin, għal total ta’ €10,000. Dan ifisser investiment ta’ madwar €3 miljun għal matul is-sena 2024, liema allokazzjoni se tkun qiegħda tiżdied għal €5.2 miljun.

Sur President, ninnota wkoll li dan il-Baġit qiegħed jieħu ħsieb li jippremja lis-sidien Maltin u Għawdxin meta dawn jikkontribwixxu fi skemi ta’ akkomodazzjoni soċjali f’pajjiżna. Dan se nassigurawh b’żewġ miżuri li ġew imħabbra fil-Baġit. It-tneħħija tat-taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri tal-proprjetà għas-sidien u l-inkwilini li jaqgħu taħt ċerti skemi tal-Awtorità, kif ukoll meta l-Awtorità tkun kriet il-proprjetà privata lill-benefiċjarji tal-akkomodazzjoni soċjali u t-tneħħija tat-taxxa fuq il-bejgħ u x-xiri tal-proprjetà għas-sidien u l-inkwilini li jibbenefikaw mill-iskema ta’ Benefiċċju tal-Kera, fejn is-sid jagħżel li jbigħ il-proprjetà lill-persuna jew lill-familja li tkun qed tibbenefika mis-sussidju tal-kera.

Fiż-żewġ miżuri li semmejt se tkun qed titneħħa t-taxxa tal-boll fuq l-inkwilini soċjali u se titneħħa t-taxxa tal-bejgħ minn fuq is-sidien fuq l-ewwel €200,000. Aħna qegħdin naħdmu b’dan il-mod biex inkomplu nippromwovu l-istabbiltà u nkunu ta’ spalla għal dawk l-inkwilini li biex jibqgħu mexjin ’il quddiem fis-soċjetà jkollhom bżonn kull għajnuna possibbli min-naħa ta’ dan il-Gvern.

Hawn nixtieq ngħid li bħala Gvern qegħdin naħdmu qatigħ biex il-maġġoranza ta’ dawn in-nies isiru sidien ta’ darhom, iżda xorta waħda nemmen li se jifdal dik is-sezzjoni li rridu nkomplu naħdmu biex inkunu hemm għalihom, inkomplu nifhmuhom u nagħrfu eżattament ir-realtajiet li jeżistu. Parti mill-ħidma tagħna bħala Gvern hija li nkomplu nisimgħu, nifhmu u naraw fejn nistgħu nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn. Dan huwa Gvern li dejjem jaħdem biex jassisti lil min hu l-aktar dgħajjef fis-soċjetà, jew lil min bi ftit għajnuna jirnexxilu jiffjorixxi. Din hija l-ġustizzja soċjali li aħna nitkellmu fuqha b’mod kostanti u dan il-Baġit se jassigura li jkollna Malta Ġusta.

Sur President, għal sena oħra se nkomplu nibnu fuq dak li bnejna matul l-aħħar snin għax, kif diġà spjegajt, aħna Gvern li nisimgħu, nifhmu r-realtajiet li jiżviluppaw u niddeċiedu xi jrid isir. Għaldaqstant se nkomplu nsaħħu l-benefiċċju tal-kera għall-inkwilini u nixtieq nispjega s-saħħa ta’ dan il-benefiċċju li, sfortunatament, għad fadal persuni li mhux qed jibbenefikaw minnu, minkejja li huma intitolati għalih. Ejjew nagħrfu x’tip ta’ benefiċċju qegħdin inressqu ’l quddiem, għax dan qed nagħmluh proprju għalikom kollha li bħalissa qegħdin tikru, u skont id-dħul tagħkom, jista’ jkun li tkunu intitolati għalih. Il-benefiċċju se jkun qiegħed jiżdied kif se nispjega.

Persuna li tapplika waħedha minn €3,600 fis-sena se tkun qed tibbenefika b’€4,200 fis-sena. Familja b’wild wieħed, minn €4,800 se tkun qed tibbenefika b’€5,400 fis-sena, filwaqt li familja b’żewġ ulied jew aktar, minn €5,000 se tkun qed tibbenefika minn €6,000 fis-sena. B’hekk se nassiguraw li l-minimu li jista’ jingħata lill-benefiċjarji tal-iskema mill-inqas ikun ta’ €125 fix-xahar. Hawn nistgħu naraw kif verament qegħdin intejbu din l-iskema biex inkunu hemmhekk u ngħinu lil dawk kollha li għandhom bżonn. Il-Baġit 2024 se jkun qed jassigura li dan is-settur ikompli jevolvi id f’id mal-progress tal-pajjiż, għax huwa kruċjali li bħala Gvern nassiguraw li ma nħallu lil ħadd jaqa’ lura.

It-tmexxija ta’ dan il-Gvern iddur mal-bżonnijiet tan-nies, għaldaqstant se nagħmel referenza qasira għall-iskema New Hope li se nkomplu noffruha matul is-sena 2024. Ninsab kburija li bħala Gvern bdejna din l-iskema u se nkomplu nsostnuha. Ejja niftakru li kellna individwi jew koppji li kienu jiġu mxekkla milli jaċċessaw is-suq tal-proprjetà, għax minkejja li kienu eliġibbli għal self, kellhom sfida biex jottjenu polza ta’ assigurazzjoni tal-ħajja minħabba sfidi li ma kellhomx kontroll fuqhom.

Minkejja li ma kontx għadni daqshekk involuta fil-politika, jien personalment kont iltqajt ma’ din l-isfida meta ltqajt ma’ persuna li kienet ġiet maħkuma mill-marda tal-kanċer.

Hija kienet irkuprat minn din il-marda u meta ġiet biex tieħu loan indunat li kellha sfida qawwija min-naħa tal-polza tal-assigurazzjoni. Issa dan il-Gvern, grazzi għal din l-iskema, qed jassigura li dawn ikollhom l-għajnuna neċessarja biex ikunu eliġibbli u jkollhom polza bi prezz raġonevoli biex isiru sidien ta’ darhom. Huwa r-rwol tagħna l-politiċi li nifhmu dawn il-weġgħat u hu għalhekk li twieldet l-iskema New Hope, sabiex tagħti din l-opportunità.

Sur President, minkejja li l-ħin dejjem ikun kontra tagħna, kemm jista' jkun nipprovaw inwasslu l-aktar informazzjoni possibbli f'kull opportunità li jkollna. Għażilt li ntemm id-diskors bl-istess mod li għalaqtu s-sena li għaddiet meta ħarisna lejn dawn l-estimi. Kull inċentiv li nfasslu matul is-snin dejjem ikun imsejjes fuq il-prinċipju li nagħmlu housing aktar affordabbli, filwaqt li f'moħħna dejjem inżommu lil dik il-faxxa tas-soċjetà li ma jirnexxilhomx isiru sidien ta' darhom. U hekk se nkomplu nagħmlu! Dan huwa Gvern li dak li jwiegħed iwettqu. Dan qed ngħiduh bil-fatti għax bla dubju, matul dawn is-snin stajtu taraw kemm ħdimna biex kemm jista' jkun inkomplu nkunu hemmhekk u noffru l-għajnuna. Dan huwa Gvern li bid-deċiżjonijiet tiegħu jkompli joffri ċertezza u stabbiltà. Il-familji Maltin u Għawdxin jistgħu jserrħu moħħhom li dan il-Gvern se jibqa' joffri serħan il-moħħ, għax dejjem jara li jindirizza r-realtajiet u ma jibżax jieħu deċiżjonijiet, anke f'dan is-settur. (Onor. Membri: Hear, hear) Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON (Onor. Michael Farrugia):** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, ilbieraħ konna qegħdin niddiskutu l-estimi tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u jien tkellimt dwar kif il-ġustizzja soċjali trid tkun il-kumpass morali tagħna f'kulma nagħmlu. Bl-istess mod għandna nħarsu lejn is-settur tal-akkomodazzjoni soċjali, li huwa wieħed mill-iżjed setturi importanti biex nassiguraw li kulħadd, hu min hu u ġej minn fejn ġej, jgħix bid-dinjità li tixraqlu u kemm jista' jkun ikollu l-għodda biex jibqa' jistinka ħalli l-ħolma tiegħu ssir realtà, speċjalment meta wieħed ikun irid isir sid ta' daru. Hawnhekk il-Gvern irid jibqa' jkun proattiv u jadatta għar-realtajiet tal-ġurnata, li se nispjega x'inhuma.

L-ewwel nett għandna popolazzjoni li qiegħda tikber mhux biss fin-numru ta' nies, imma anke demografikament. Għandna żieda fil-popolazzjoni anzjana li se tibqa' tikber, u lkoll naqblu li l-anzjani jixirqilhom l-iżjed serħan il-moħħ possibbli. Għandna wkoll sfidi ta' affordabbiltà, speċjalment għall-first-time buyers. Smajna dwar dan il-punt, u bix-xieraq, għax huwa fost l-aktar punti ta' tħassib għal ħafna nies. Dan apparti problemi individwali oħra li niltaqa' magħhom fuq livell personali, b'mod partikolari dawk l-adulti li jkunu qegħdin jisseparaw jew jiddivorzjaw u jkollhom bżonn akkomodazzjoni alternattiva fl-immedjat u f'dak il-mument mhux neċessarjament ikollhom biżżejjed dħul biex jikru, u wisq inqas biex jixtru, post għal rashom. Għalhekk, se nispjega x'qegħdin nagħmlu biex nindirizzaw dawn l-isfidi u se nibda mill-affordabbiltà.

Fl-opinjoni tiegħi, waħda mill-iżjed inizjattivi interessanti u proattivi kienet dik tal-ħolqien tal-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli li twaqqfet bi sħab mal-Knisja. Din l-inizjattiva nħolqot proprju biex tipprovdi soluzzjonijiet sostenibbli u innovattivi li jħarsu lejn is-suq tal-proprjetà tal-lum għal dawk in-nies li ma jaqgħux fil-kategorija li jistgħu jaċċessaw l-akkomodazzjoni soċjali, imma bl-istess mod qed isibuha diffiċli biex jaċċessaw is-suq privat. Din hija realtà li ma nistgħux ninnegawha, għax hija waħda mill-aktar sitwazzjonijiet li jitkellmu magħna dwarha n-nies.

Nifhem li l-problema tal-kirjiet u l-affordabbiltà hija ta' tħassib mhux f'Malta biss għax hija prevalenti f'ħafna pajjiżi, imma bħal f'kull sfida oħra, xogħolna hu li nsibu soluzzjoni li tkun sostenibbli u mhux għall-mument biss. Inħares 'il quddiem biex nara x-xogħol ta' din il-Fondazzjoni jieħu l-forma, li kif qed nifhem huwa bbażat fuq mudelli li diġà jeżistu f'pajjiżi oħra. Huwa importanti li dan il-mudell ma jkomplix joħloq iżjed nies li jkollhom bżonn l-assistenza, imma permezz ta' għodod alternattivi nkunu nistgħu noħolqu akkomodazzjoni affordabbli direttament għal din il-faxxa tal-popolazzjoni. Din il-Fondazzjoni għaddejja bl-istudji u r-riċerka tagħha biex nifhmu iżjed x'inhuma r-realtajiet soċjoekonomiċi li qed ikunu ta' ostaklu biex din il-faxxa tas-soċjetà tinvesti fil-proprjetà. Dawn huma r-realtajiet li rridu nindirizzaw bil-miżuri tagħna.

Fil-jiem li għaddew qrajt rapport interessanti ħafna ppubblikat minn din l-istess Fondazzjoni, intitolat: *Housing Affordability in Post-Boom Malta - The case for the third sector*. Dan diġà joħloq idea aħjar ta' fejn irridu mmorru b'din l-inizjattiva. Nixtieq insellmilhom minn hawn għax nemmen li qegħdin jagħmlu biċċa xogħol tajba ħafna. Fl-aħħar għaxar snin in-numru ta' homeowners f'dan il-pajjiż żdied b'44,000 persuna – għax xi kultant inħallu lil min jagħti l-impressjoni li kollox doom and gloom – biex

illum qegħdin nitkellmu fuq rata ta' homeownership ta' ftit aktar minn 80%.

Fost affarijiet oħra, wasalna s'hawn għax fejn qabel l-2013 l-Awtorità tad-Djar kellha madwar seba' skemi b'baġit globali ta' €2 miljun, illum għandha 15-il skema b'baġit li jaqbeż l-€40 miljun. Dawn il-15-il skema ma jibbenefikawx minnhom biss dawk li huma l-aktar vulnerabbli, imma għalkemm naqblu li dawn iridu jibqgħu prijorità, jibbenefikaw minnhom ukoll dawk li ma kellhomx bżonn l-għajnuna tal-Awtorità tad-Djar biex jidħlu fis-suq tal-propjetà u dan il-Gvern ħass li għandu jagħtihom imbottatura 'l quddiem u jippremja l-bżulija tagħhom. Aħna dejjem emminna li l-għaqal u li wieħed jibqa' jaħdem għal dak li jixtieq għalih u għall-familja tiegħu, għandu jkun sostnut u ppremjat.

Hawn ma nistax ma nsemmix l-iskemi tal-first-time buyers, li ssemmew ħafna f'dan id-dibattitu, u bir-raġun. Kellna tnaqqis fit-taxxa tal-boll, liema miżura se tiġi estiża għal sena oħra, kemm għall-first-time buyers kif ukoll għas-second-time buyers, u l-għotja ta' €1,000 fis-sena għal għaxar snin lil kull min xtara l-ewwel dar tiegħu mis-sena 2022 'l hawn.

Din l-iskema qanqlet interess kbir u kienet waħda mill-iżjed li kelli feedback fuqha għax tagħti għajnuna diretta lil min jixtri l-ewwel residenza tiegħu fi żmien meta jkunu qed jiżdiedu b'mod sostanzjali l-ispejjeż tagħhom b'rabta max-xiri tal-proprjetà, kemm għal-loan innifsu kif ukoll minħabba spejjeż oħra li jġib miegħu dan l-investiment.

Dan huwa altru milli throwing money at the problem, bħalma kien hemm min iddeskrivieha din. Kieku taraha f'iżolament, forsi, però din kienet waħda minn kullana ta' miżuri li qegħdin jibbenefikaw minnhom il-first-time buyers. Fil-fatt, minn mistoqsija parlamentari li għamilt lill-Ministru Roderick Galdes ftit tax-xhur ilu rriżulta li sal-aħħar ta' Mejju 2023, l-Awtorità tad-Djar irċeviet aktar minn 3,300 applikazzjoni għal din l-iskema. Minn dawn, 1,500 kienu koppji filwaqt li 1,721 kienu persuni waħedhom. Rajtha interessanti ħafna li kienet aktar popolari ma' persuni waħedhom. Qed ngħid hekk, għax min ikun waħdu jrid iġorr il-piż finanzjarju waħdu u sintendi l-purchasing power ta' persuna waħedha jkun aktar limitat minn dak ta' koppja.

Tant emminna fiha din l-iskema li din il-miżura daħlet b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2022 u se tkompli sas-sena d-dieħla. Ovvjament din tingħaqad ma' skemi oħra li jindirizzaw lill-first-time buyers, fosthom skemi għal min jixtri propjetà f'Żona ta' Konservazzjoni Urbana (UCA), fejn qed ngħinuh biex jirkupra parti sostanzjali mill-ispejjeż li jagħmel fuq il-proprjetà. Bl-iskemi li introduċa l-Gvern, apparti l-għajnuna diretta qegħdin naraw li l-qalba ta' kull raħal jew belt f'Malta qed jieħdu ħajja ġdida. Parti mill-mertu huwa ta' dawn l-iskemi li bihom komplejna nippromwovu b'mod attiv ħalli nħajru lill-first-time buyers jixtru l-proprjetà tagħhom fil-qalba tal-irħula u fil-UCAs tagħna.

Fl-aħħar snin, first-time buyer li jixtri proprjetà f'UCA kien qed jingħata għotja ta' €15,000 jekk il-proprjetà li jixtri tkun f'Malta u għotja ta' €30,000 jekk tkun f'Għawdex. Peress li din l-iskema ħalliet il-frott meħtieġ u kienet ta' suċċess, fil-Baġit ta' din is-sena rajna li nżidu l-inċentiv lil dawk li jixtru f'UCA f'Għawdex u minflok għotja ta' €30,000 se jibdew jibbenefikaw minn għotja ta' €40,000. Dak li ma qalux il-kelliema tal-Oppożizzjoni huwa li l-Baġit irnexxielu jsaħħaħ dak li diġà kien introdott fis-snin ta' qabel, u jintroduċi skemi oħrajn magħhom. Hemmhekk tara l-intervent dirett tal-Gvern biex nibqgħu naraw iżjed nies isiru sidien ta' darhom u iżjed żgħażagħ li l-ħolm tagħhom ikunu jistgħu jagħmluh realtà.

Lil hinn mill-first-time buyers, l-Awtorità tad-Djar għandha numru ta' skemi li huma mmirati għal persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom. Miżura li kienet implimentata fil-bidu ta' din is-sena u li impattat il-ħajja ta' mijiet ta' nies, jekk mhux aktar, hija li persuni b'diżabilità ma baqgħux jingħaddu fil-komputazzjoni tat-test tal-mezzi mill-Awtorità tad-Djar għall-benefiċċju tal-kera u skemi oħra. Din il-miżura kienet importanti ħafna u qed naraw li kemm jista' jkun nibqgħu nipprijoritizzaw il-bżonnijiet ta' dawn in-nies.

Miżura oħra li forsi ma bbenefikawx minnha eluf ta' nies, imma li żgur għamlet differenza kbira fil-ħajja ta' dawk li ħaduha, hija s-SensAbility Scheme. Permezz ta' din l-iskema, fl-aħħar sena 24 familja li għandhom tifel jew tifla fuq l-ispettru tal-awtiżmu jew bil-kundizzjoni tal-ADHD jew Down Syndrome u diżabilitajiet oħra, setgħu jibdlu kamra f'darhom stess għal kamra sensorjali, li hija xi ħaġa sabiħa. Minkejja li forsi

ma nitkellmux biżżejjed dwar din il-miżura, iffrankat eluf ta' ewro fi spejjeż lil dawn il-ġenituri u l-iskariġġ li joqogħdu jmorru minn post għall-ieħor. Naħseb li dawn it-tip ta' miżuri rridu nibqgħu nipprijoritizzawhom għax jagħmlu differenza kbira fil-ħajja ta' dawn in-nies.

Sur President, minkejja l-għajnuniet kollha li jipprovdi l-Gvern fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali, jifdal sitwazzjonijiet fejn ikun hemm bżonn nirrikorru għall-akkomodazzjoni alternattiva. Irrid ngħid li l-mentalità li wieħed jgħid li jrid jieħu post tal-Gvern iddejjaqni ħafna. Hija a short-term fix u onestament ma tantx inħossni komda b'min qed jissuġġerixxi li l-akbar nuqqas tal-Baġit f'dan is-settur huwa li mhux qed nibnu biżżejjed units ta' akkomodazzjoni soċjali. Ilbieraħ smajna b'mod ripetut li rridu nipprovdu l-qasba u mhux il-ħuta. Jien irrid nara li kemm jista' jkun kulħadd ikollu il-mezzi biex ikun indipendenti.

Irridu nibqgħu nippromwovu l-bżulija u s-sens ta' sodisfazzjon li din iġġib magħha, però jibqa' l-fatt li hemm individwi u familji li jkunu f'riskju immedjat li ma jkollhomx saqaf fuq rashom jew li jkollhom jgħixu f'ċerti kondizzjonijiet. U b'idejja fuq qalbi ngħid li ma tkun tixtieqhom fuq ħadd. Sfortunatament rajt aktar każijiet minn dawn milli wieħed jixtieq u huwa importanti li mhux biss jingħataw prijorità, imma jingħataw akkomodazzjoni alternattiva u nibqgħu nikkomunikaw magħhom biex fl-iżjed mumenti ta' diffikultà u konfużjoni ma jħossuhomx li qegħdin waħedhom mingħajr għajnuna.

Ninnota li kompla l-iżvilupp ta' units ta' akkomodazzjoni soċjali madwar Malta u l-iskema Nikru Biex Nassistu qed tħalli l-frott tagħha wkoll.

Fejn tidħol l-akkomodazzjoni soċjali nemmen li rridu nkomplu ntejbu t-trasparenza fl-allokazzjoni ta' dawn il-units, jekk xejn, biex kulħadd ikun jista' jippjana l-futur tiegħu. Fil-units eżistenti ta' akkomodazzjoni soċjali għaddej proġett ta' riġenerazzjoni fuq blokok li wħud minnhom kienu minsijin għal snin sħaħ. Fl-aħħar tliet snin l-Awtorità tad-Djar ħadmet fuq 270 blokka, b'investiment ta' iżjed minn €10 miljun, li jfissru kwalità ta' ħajja aħjar għal madwar 2,000 familja. Dawn ix-xogħlijiet imorru id f'id ma' programmi ta' tisbiħ li għaddejjin f'żoni partikolari ta' akkomodazzjoni soċjali u fiż-żoni tal-madwar, fejn bl-għajnuna ta' fondi Ewropej qegħdin naraw li jkollna żoni rikreattivi u aktar aċċessibbli għar-residenti li jgħixu f'akkomodazzjonijiet soċjali u l-lokalità immedjata.

Naħseb li kulħadd jaqbel li waħda mill-aktar affarijiet li jsemmulna n-nies huma l-lifts fil-blokok ta' akkomodazzjoni soċjali u rridu nkomplu naraw li nimmodernizzaw u ntejbu l-aċċessibbiltà ta' dawn il-blokok. Ma rridu naraw lil ħadd li jkun imwaħħal f'daru stess u minħabba li jkollu problema ta' mobbilità, ikun irid jillimita l-ħruġ tiegħu. Din hija xi ħaġa li ltqajna magħha, però qed tiġi indirizzata. Nifhem li ħafna blokok huma antiki u ma ġewx mibnija bil-ħsieb li eventwalment jiġi installat lift, u din tagħmilha aktar diffiċli, però nieħu pjaċir ninnota li x-xogħol għaddej ġmielu u skont it-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari li saret mill-Onor. Ivan Bartolo, minn April 2022 ġew installati u kkummissjonati 44 lift mill-Awtorità tad-Djar fil-blokok ta' akkomodazzjoni soċjali.

Sur President, nagħlaq billi ngħid li l-isfidi qegħdin hemmhekk u bħalma għedt fil-bidu tad-diskors tiegħi, nieħu pjaċir nara li qegħdin inħarsu lejn dan is-settur b'sens ta' responsabbiltà. Qed nagħrfu l-isfidi immedjati u qegħdin nippreparaw għal dawk fit-tul. L-għan aħħari jibqa' dejjem li kulħadd ikun jista' jgħix f'kondizzjonijiet dinjitużi, ma nirrepetux żbalji li saru fil-passat u naraw li s-suq tal-proprjetà jibqa' ġust u bbilanċjat ma' kulħadd, bħalma diġà għamilna fir-riforma fil-kirjiet ta' qabel l-1995. Lill-Ministru ngħidlu li dan is-settur jeħtieġlu li naħdmu b'sens ta' ġustizzja soċjali kuljum, għax hemm ħafna nies li qegħdin iħarsu lejna u jiddependu minna. L-għan aħħari jibqa' dejjem li naraw li kulħadd ikollu l-mezzi disponibbli biex jagħmel ħajja aħjar għalih innifsu u għall-familja tiegħu. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRIPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, irrid nibda d-diskors tiegħi billi ngħid li l-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, immexxi minni, matul din is-sena implimenta l-miżuri kollha li tħabbru fil-Baġit ta' sena ilu. L-akkomodazzjoni hija aktar minn sempliċement il-bricks u l-ġebel, imma hija l-pedament tar-refuġju u s-sigurtà f'ħajjitna. Filwaqt li l-istruttura fiżika tipprovdi kenn u post

li wieħed jista' jsejjaħlu dar, huma l-elementi intanġibbli li verament jagħmlu din l-abitazzjoni bħala kenn.

L-akkomodazzjoni tiġbor fiha l-konfort tal-familja, id-daħk tal-ħbieb li jaqsmu l-istejjer flimkien, u l-bejta li fiha tista' tistrieħ wara ġurnata xogħol. Hija riflessjoni tal-personalitajiet tagħna u s-santwarju fejn nistgħu nkunu aħna nfusna. Id-dimensjonijiet emozzjonali u soċjali tal-akkomodazzjoni soċjali jestendu ferm lil hinn mill-konfini fiżiċi tagħna u jagħmluha parti essenzjali mill-esperjenza umana tagħna.

Huma dawn l-elementi kollha li wasslu biex permezz tal-Baġit Malta Ġusta, is-settur tal-akkomodazzjoni għas-sena 2024 se jerġa' jara żieda fl-allokazzjoni finanzjarja b'investiment li jlaħħaq il-€50 miljun. Dan hu rekord bla preċedent fl-istorja ta' pajjiżna. U huma dawn l-elementi li fl-aħħar snin imbottawna biex illum nistgħu ngħidu li fis-settur tal-akkomodazzjoni għamilna differenza li ma tħares lejn wiċċ ħadd. Ma tħarisx lejn il-blu jew l-aħmar, kif xi ħadd ipprova jgħid fid-diskors tiegħu f'dan il-Parlament. Id-differenza pożittiva li għamilna ħarset biss lejn li nagħmlu 'Malta Tagħna' u 'Malta Ġusta'.

Sur President, ħalli nibda nirrispondi għall-kritika li għamlu l-kelliema tal-Oppożizzjoni. L-Onor. Buttigieg illum qalilna li l-iskema li għamilna s-sena li għaddiet ta' €1,000 fis-sena għal għaxar snin se timpatta l-prezz tal-proprjetà u beda jsemmi li l-prezz tal-proprjetà għola mill-2013 għall-2023. Pereżempju qalilna li proprjetà li fl-2012 kienet tiswa €140,000, illum ġiet tiswa €280,000. Infakkru wkoll li appartament li fis-snin tmenin kien jiswa Lm5,000, fis-snin disgħin dan beda tiela' fil-prezz. Issa dak iż-żmien ħadd ma qal ejja nwaqqfu s-suq u nwaqqfu l-ekonomija milli tkompli tespandi u tikber biex inżommu l-prezz tal-proprjetà baxx, għax aħna dejjem kellna l-kunċett tas-suq liberu. Meta tistaqsihom x'se jagħmlu dawn, jgħidulek li ma jafux.

Kien hemm perjodu partikolari meta waqa' l-prezz tal-proprjetà, u dan kien meta kien hawn il-qgħad fil-pajjiż, meta kien hawn vena li ma kienet xejn tajba, meta ħadd ma ried jinvesti, u meta lanqas bejgħ ma kien hawn. Jiġifieri mhux talli l-prezz tal-proprjetà beda nieżel, talli ma kienx hawn min irid jixtri proprjetà għax ma kienx hawn fiduċja fil-pajjiż. Issa llum il-ġurnata għandna l-fiduċja, għax l-ekonomija kibret u din hija xi ħaġa matematika. Hija xi ħaġa ta' demand and supply. M'hemmx għalfejn nagħtik lezzjoni jien, Onor. Bartolo, imma hija xi ħaġa li kulħadd jista' jgħidhielek. Fejn għandek ekonomija b'saħħitha, għandek tkabbir ekonomiku, allura aktar se jkollok il-fiduċja tan-nies li jinvestu.

Iċ-ċirkostanza tal-gżira tagħna hi li l-art hija limitata u l-prezz tal-bini għola għax l-inflazzjoni telgħet matul iż-żmien. Ma tistax tagħmel xi ħaġa artifiċjali biex tikkontrolla l-prezz tal-proprjetà. Immaġina kieku dak iż-żagħżugħ u żagħżugħa daħlu għal loan, investew €250,000 fl-appartament tagħhom u jien, bħala politiku, jew il-kollega tiegħi min-naħa l-oħra tal-Kamra niġu hawn u ngħidu li se nżommu l-prezz tal-proprjetà milli jogħla. Xi ħaġa li hija impossibbli li tagħmilha għax tfalli lil dawk il-familji li għandhom il-loans mal-banek f'pajjiżna. Allura ma niġux ngħidu xi ħaġa hawnhekk biex nikkritikaw lill-Gvern, imma ma noffrux alternattiva.

Qalulna wkoll li ċerti skemi kienu ilhom hemm. Aħna mhux biss saħħaħna, biddilna u rranġajna l-iskemi li kien hemm, imma fl-aħħar snin tripplajna l-iskemi, partikolarment meta jien dħalt fis-settur tal-Awtorità tad-Djar. Taħt it-tmexxija tiegħi, mill-baġits miżeri li kellna qabel, illum għandna l-aktar baġit rikorrenti ta' €50 miljun fis-sena li qed jiffinanzja l-kwalità tal-ħajja ta' dawn in-nies u l-familji.

L-Onor. Buttigieg qalilna li l-iskema tal-€10,000 se timpatta l-prezz tal-proprjetà, imbagħad beda jgħidilna li l-iskema tagħhom kienet differenti għax tħallas l-interessi tal-loans. Allura lanqas din ma jafu? Ma jafux li qed nagħmlu l-istess ħaġa? Ma jafux li l-€10,000 ma jingħatawx ċekk dak il-ħin, imma jingħataw fuq għaxar snin? Dawn ma jafux li skont din l-iskema, l-ewwel €1,000 teħodhom sena wara? U kif tiġi tgħidli li aħna tajnieha lill-iżviluppatur meta jrid ikun hemm transazzjoni ta' bejgħ u l-ewwel tkun inxtrat dik il-proprjetà, imbagħad il-Gvern jissussidjalek dik il-loan?

Dawn huma skemi aġġornati għaż-żmenijiet tal-lum. Inżid ngħid li s-sena li għaddiet tajna din l-għajnuna bżonjuża lil 2,800 familja li fiċ-ċirkostanzi ta' affordabbiltà li għandu pajjiżna, dan il-Gvern dejjem wieżen lil dawk in-nies li għandhom bżonn l-għajnuna. Aħna qatt m'għedna li m'għandniex sfida ta' affordabbiltà,

dażgur li għandna l-isfida ta' affordabbiltà, u se jibqa' jkollna anke jekk jitilgħu huma fil-gvern.

Irrid infakkar ukoll li minbarra din l-iskema, aħna raħħasna t-taxxa tal-boll. Dażgur li għamilna ħafna aktar minnkom skemi għall-first-time buyers! Mela r-roħs ta' €7,500 taxxa tal-boll mhijiex taxxa ffrankata liż-żgħażagħ tagħna? Meta rġajna saħħaħna l-iskema tal-Grant on First Residence (GFR) f'dan il-Baġit, mhux flus tajniehom liż-żgħażagħ? Iva, aħna nemmnu li dawk iż-żgħażagħ li huma lesti jidħlu għas-sagrifiċċju tal-loan u lesti jagħmlu x-xogħol tagħhom ħalli jsiru sidien ta' darhom, għandna nimbottawhom 'il quddiem.

Aħna ma rridux ninkoraġġixxu l-għażż, ma rridux ninkoraġġixxu lil dawk in-nies li semma l-Onor. Bartolo meta ammetta għall-ewwel darba li fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali ssib min jipprova jieħu dak li ma ħaqqux jew li m'għandux dritt għalih.

Semmew ukoll l-Equity Sharing Scheme ta' żmienhom, li hija totalment differenti. Din kienet tfisser li jixtru 20% minn proprjetà li ħafna drabi kienet tkun mibnija mill-Gvern stess. Aħna tajna blank cheque lil min għandu problema fis-separazzjoni u għandu 'l fuq minn 40 sena, u issa qed ngħinu anke lil min għandu 'l fuq minn 30 sena. Dawn jistgħu jixtru proprjetà mis-suq privat, li jagħżluha huma u fejn iridu huma, u l-Gvern qed jagħtihom sa 50% ta' dik il-proprjetà mingħajr imgħax għal 20 sena. Il-Gvern qed ikollu sehem individwali, qed ikun il-partner tagħhom! Mela tiġi tgħidli bl-Equity Sharing Scheme tagħkom ta' għaxar snin ilu, fejn tqammiltu u dik l-iskema ma tajtuhiex lil kulħadd! Aħna ma qgħadniex nagħżlu lil min nagħtuha, imma tajnieha lil kull min jikkwalifika għaliha. Dik hi d-differenza, għax għandna baġit b'saħħtu. Aħna għandna €50 miljun, meta għaxar snin ilu kellkom €2 miljun!

L-isbaħ waħda qalha l-Onor. Bartolo, meta qalilna li mill-2018, ċemplu 5,000 persuna fuq il-linja 153. Bħallikieku dawn il-5,000 persuna ċemplu kollha għal post tal-Gvern! Dan ma jafx li l-Awtorità llum tant kibret li għandha r-riforma tal-pre-1995 leases taħt idejha? Illum għandek 65,000 persuna jikru u jirreġistraw kull sena quddiem l-Awtorità u jagħmlu t-telefonati lill-Awtorità, imbagħad tiġi tgħidli li għax 5,000 persuna ċemplu l-153, kollha għandhom bżonn l-akkomodazzjoni soċjali!

Nagħtu tant servizzi! Lil min għamilnielu stairlift, lil min irranġajnielu d-dar u lil min għamilnielu l-kamra tal-banju. Dawn huma kollha servizzi ġodda li tajniehom f'dawn l-aħħar snin. Għamilna wkoll ħafna xogħol ta' manutenzjoni, fejn minn €250,000 fis-sena llum tlajna għal baġit ta' €4 miljun fis-sena. Huma hemm imorru, għall-kantaliena negattiva, kantaliena ta' dwejjaq fejn jaraw li dan il-pajjiż mhuwiex miexi 'l quddiem, imma aħna nuru l-verità għax għandna l-istatistika tal-investiment li pajjiżna għamel f'dawn l-aħħar snin.

Dejjem għaddejjin bil-kritika tas-soltu, li aħna ninsabu fit-torri tal-avorju, però mbagħad qalilna li aħna nkunu parteċipi fis-serq tal-voti. Ħa nagħmilhielek ċara, Onor. Bartolo, għax meta taqbeż din il-linja, jien fid-dover li nwieġbek b'mod konkret. Jien kont l-uniku Ministru f'dan il-pajjiż li kelli l-kuraġġ li naqta' s-sitwazzjoni li post tal-Gvern jibqa' tiegħek għal għomrok, imbagħad mingħand in-nanna jmur għand il-ġenitur, mingħand il-ġenitur imur għand l-ulied u nibqgħu sejrin hekk, bil-persuni li jidħlu fl-akkomodazzjoni soċjali u joqogħdu jiġru bil-BMW jew b'żewġ karozzi lussużi ma tistax taqlagħhom minn hemm!

Jien dik waqqaftha billi daħħalt means test, fejn l-Istat jagħtik l-appartament għax ikollok bżonnu u jibqa' għandek sakemm ikollok bżonnu, imma mhux tippretendi li dak l-appartament li jiswa €200,000 tibqa' tgħaddih minn ġenerazzjoni għall-oħra u ma jerġax jiġi lura għand l-Istat biex jgħin lil min hu batut.

Jien kelli l-kuraġġ li nagħmilha dik! Issa jekk inti qallek xi ħaġa xi ħadd, jew taf b'xi każ ta' allegat serq ta' voti, taf x'għandek tagħmel. Dak huwa reat kriminali u jġorr miegħu piena ta' ħabs. Mela ersaq 'il quddiem! Aħna m'aħniex godardi u meta kellna każijiet bħal dawn, ersaqna 'l quddiem, però mhux toqgħod tallega u filwaqt li tfaħħar lis-CEO, tgħid li l-Awtorità qed tisraq il-voti tan-nies!

Issa dawn fi żmienhom allokaw postijiet! Fl-2008 tgħidx kemm allokaw blokok qabel l-elezzjoni, imma dan ma jsemmihx l-Onor. Bartolo. Id-differenza hi li dawk il-blokok qatt ma nbnew u lil dawk in-nies ħallewhom bil-karta biss. Ara aħna, tajniehom il-post ġebel u saqaf, imma għedniełhom fejn kienu sejrin. Trid tifhem li waqt il-kostruzzjoni jinqalgħu l-intoppi, bħal meta jkollok xi kuntrattur li ma jkunx qed

jagħmel xogħol tajjeb. Irrid nagħmilha ċara li dawn mhumiex flusi, imma huma flus il-poplu. Filwaqt li fi żmienkom kontu tħalluhom jagħmlu l-konkrit difettuż – aħna kellna nħallsu miljuni ta' ewro fl-Imtarfa minħabba xogħol li sar 25 sena ilu – aħna jekk jirriżultalna li kuntrattur mhux miexi tajjeb, inwaqqfuh akkost li ndumu aktar biex inlestu l-proġett. Jien, bħala Ministru, fid-dover li nara li flus il-poplu jintefqu tajjeb.

Jien nifhem li jkun hemm min jixtieq jidħol malajr, imma d-differenza hi li taħt Gvern Nazzjonalista anke l-oqbra wegħdu u m'għamluhomx! Kellu jkun Gvern Laburista li bena l-oqbra fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata biex ikunu jistgħu jingħataw lin-nies. Magħna n-nies jafu fejn qegħdin u jafu li se jidħlu fl-appartament tagħhom. L-appartamenti tal-Imsida huma lussużi u swewna l-flus, mela le. U ftit tal-ġimgħat oħra jibdew deħlin in-nies. Għedtulna li domna, imma l-proġett għamilnieh! Veru ftit tard, imma għamilnieh! Ara intom m'għamiltuhx, ħallejtuh fuq il-karta! Ħal Kirkop u ż-Żurrieq deħlin in-nies ukoll u fil-Qrendi diġà daħlu.

Ħalli nsemmi aktar! Ħal Luqa s-sena d-dieħla se jidħlu l-ewwel 20, u l-20 ta' wara jidħlu fis-sitt xhur ta' wara. Ejjew inkunu pożittivi meta għandna proġetti bħal dawn u l-akbar investiment li qatt rat Malta f'dak li għandu x'jaqsam mal-akkomodazzjoni soċjali. Jien mhux mitt blokka semmejt li nbiegħu kollha, imma nsemmilek 1,700 appartament li se jibqgħu tal-Istat! Qegħdin hemm għall-fqir. Qegħdin hemm għal dawk in-nies li ma jaffordjawx jixtru u għandhom bżonn l-għajnuna tal-Istat.

L-Onor. Bartolo semma wkoll l-iskema Sir Sid Darek u qalilna li n-nies ma jifilħux jixtru. Ħalli ngħidlu kemm ma jifilħux jixtru n-nies. Fl-aħħar għaxar snin, 44,000 familja saru sidien ta' darhom. Dak ifisser li aktar nies xtraw il-proprjetà u aktar żgħażagħ irnexxielhom jaslu biex jixtru l-proprjetà, imma għall-Onor. Bartolo kulħadd għandu bżonn l-akkomodazzjoni soċjali. Dażgur li hawn min qed ibati, imma ma jfissirx li dawk li waslu bis-saħħa tagħhom għax studjaw, għandhom job tajjeb, ħadmu u investew, ma nsemmuhomx. Dawn huma parti minn dawk li saru sidien ta' darhom. Tajniehom l-għajnuna bħala Gvern, u mhux talli tajniehom l-għajnuna, talli llum huma parti mill-istandard of living aħjar li daħħal dan il-Gvern, dik li konna nsejħulha l-middle class il-ġdida.

Għalhekk irridu nippremjaw il-bżulija. Lil min għandu bżonn l-għajnuna nagħtuhielu, imma li nagħtu b'xejn, le. Li nagħtu b'xejn lil kulħadd le, anke f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi li nagħtu mill-Awtorità. Kemm jekk nistallaw lift u kemm jekk nagħmlu manutenzjoni, irid ikun hemm rendikont ta' dak kollu li jintefaq. Jien stess lis-CEO tiegħi kemm-il darba ngħidlu biex jibda jibgħat il-kontijiet li qed iħallas l-Istat lil dawk li qed jużaw l-akkomodazzjoni soċjali, ħalli jkunu jafu eżattament kemm l-Istat qed jissussidja dawn l-affarijiet. Dan bħal meta nagħmlu l-operazzjonijiet fl-isptar. Dawn huma s-servizzi soċjali tagħna, imma biex ma neħdux dawk l-affarijiet daqslikieku kienu garantiti, hemm bżonn li n-nies ikunu informati u jkunu jafu kemm l-Awtorità tad-Djar qed toħroġ minn flus il-poplu ħalli dawn jingħataw l-għajnuna.

Qalilna wkoll li aħna nkunu fir-raba' sular. Għall-korrettezza, l-uffiċċju tiegħi qiegħed fil-ħames sular u mhux fir-raba' sular, imma minn dak is-sular fejn niddiskuti man-nies tiegħi, irnexxielna nwettqu ħafna miżuri. Arahom, telqu 'l barra! M'hawn ħadd min jismagħni! Ma jimpurtax, aħna nibqgħu għaddejjin, nibqgħu nippriedkaw u nibqgħu ngħidu dak li qegħdin nagħmlu għal Malta Tagħna u għal Malta Ġusta. Daqshekk iħobbuhom lill-fqar u lil min għandu bżonn l-akkomodazzjoni soċjali!

Qalilna wkoll fuq l-40% Debt-to-Income Ratio. Possibbli, meta għamilna skema tal-benefiċċju tal-kera bħal dik?! Il-ġimgħa li għaddiet kont Spanja u l-Ministru tal-Portugall staqsietni kif titħaddem din l-iskema. Immaġinaw ftit l-Ewropa, li bħalissa għandha kriżi soċjali bħal dik, tlaqqa' f'laqgħa informali lill-Ministri kollha tal-Ewropa minħabba li fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea qed tiżdied il-homelessness u minħabba li n-numru ta' nies li jgħixu barra fit-triq qed jiżdied konsegwenza tal-faqar.

Lill-Ministru kontroparti tiegħi, ta' pajjiż kbir li għandu diffikultajiet mhux biss ta' affordabbiltà, semmejtilha l-Housing Benefit Scheme. Din hija skema ewlenija li introduċejna aħna u mhux is-sussidju li kien hemm qabel ta' €80 li kien jagħti Gvern Nazzjonalista lil kulħadd. Din hija skema li llum tista' tagħti sa €500 fix-xahar. Qisha pensjoni oħra li tkun ibbażata fuq il-kera li tħallas skont id-dħul li għandek. (Interruzzjonijiet)

Qed nieħu pjaċir li qed issemmu l-40%, għax aħna nizżilnieha għal 25% għax irridu li l-Maltin

ikollhom aktar sostenn milli qed jirċievu l-Ewropej. Kien hemm min ma fehemniex. Pereżempju meta ġejna biex nieħdu r-riforma tal-pre-1995 fuqna – avolja skont hu l-waiting list qisha statika u mhux se jkollok separazzjonijiet fil-familji! – aħna ħriġna għonqna għal dawk li kienu jgħixu ġo palazzi u spiċċaw barra t-triq. Lil dawn qed nagħtuhom l-għajnuna wkoll.

Ara dawn, ma jsemmuhomx! Qisna qed nilagħbu bin-numri! Ma jridux jammettu li fi żmienhom m'għamlu xejn u għalhekk kellhom 3,200 ruħ fuq il-waiting list. Din ma jistgħux iniżżluha. Tant hu hekk li llum assistejna għal logħob biċ-ċifri biex jipprovaw … (Interruzzjonijiet) Sur President, dan mhux kliem! Jien ħallejtu jagħmel id-diskors tiegħu.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** L-ewwel nett, ċertu kliem mhuwiex parlamentari. Jiġifieri l-kelma "giddieb" trid tirtiraha.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, jien se nibqa' ninsisti li l-istatistika uffiċjali turi li l-waiting list taħt Gvern Nazzjonalista fl-2013 kienet ta' 3,200 familja u l-Gvern Laburista sab ma' wiċċu għaxart iċwievet biss xi jqassam. Għalhekk konna ħadna d-deċiżjoni li nagħmlu l-akbar proġett ta' akkomodazzjoni soċjali. Ma tistax telimina waiting list bħal dik jekk ma tiħux konjizzjoni ta' dak li għandek bżonn tinvesti fih. B'€2 miljun ma stajniex insolvu l-problemi kollha li sibna ma' wiċċna dak iż-żmien! Kellna defiċit dejjem jikber u l-Ewropa kienet qed tgħidilna li ma nistgħux ninvestu fl-akkomodazzjoni soċjali, għax inżidu d-dejn fil-pajjiż. Għalhekk, dak iż-żmien kellna mmorru l-European Central Bank (ECB) u l-European Investment Bank (IEB) biex jgħinuna finanzjarjament ħalli nġibu l-għajnuna għal dan il-proġett massiv. U għalhekk daħħalna l-flus tal-passaporti, li parti minnhom marret biex jinbnew l-appartamenti tal-Gvern flimkien man-National Development and Social Fund (NDSF).

Jien kburi li rnexxieli, u hawn insellem lill-Knisja u lis-CEO tal-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli, li ġie attakkat f'din il-Kamra, għax il-viżjoni tagħna s'hemm twassal u l-legat li se nħalli warajja bħala Ministru huma sisien sodi u miżuri ġodda li fuqhom jistgħu jibnu l-futur ta' dan is-settur.

Dak hu s-sabiħ ta' dan is-settur. Huwa settur diffiċli u jien nixtieq ngħid "iva" lil kulħadd. Jiġu quddiemi nies li ma jkunux jikkwalifikaw minħabba ċertu dħul. Din hija r-realtà, imma rridu nifhmu l-limitazzjoni tal-pajjiż fil-benefiċċji soċjali. Il-means test għalhekk qiegħed. Mhux kulħadd jista' jikkwalifika, u mhux tiġi tallega hawnhekk li qegħdin nagħtu postijiet lil min ma jixraqlux! Jien ma nilgħabx il-politika tal-*Facebook*!

Illum l-Onor. Bartolo ġabilna stampa ta' reklam għall-kiri ta' sodod għal €250 fix-xahar. Jien ma noqgħodx fuq *Facebook*. Il-politika tiegħi mhix li mmur fuq il-*Facebook*, jew fuq il-midja soċjali. Il-politika tiegħi hija l-ispezzjonijiet li għamilt fis-sajf biex nara li fejn kien hemm l-abbuż, jinqata'. Għamilna koordinament mal-Korp tal-Pulizija u mal-Awtorità tal-Ippjanar u jekk l-Onor. Bartolo jaf b'xi każ, ma joqgħodx fuq x'jgħid it-tali fuq *Facebook*. Tliet kwarti tal-affarijiet li jingħadu fuq il-midja soċjali jkunu foloz. Jekk trid tkun verament serju, aqbad ibgħatli email jew ċempilli, għidli x'każ għandek u l-għada stess tara l-pulizija mal-bieb ħalli jieħdu l-passi li għandhom jieħdu. Dik hija d-differenza, li ħaddieħor iparla u aħna nattwaw!

U hekk se nkomplu nagħmlu! Għalhekk illum qegħdin naħdmu fuq l-akbar riforma tal-kera. Fi ftit tal-ġranet oħra se nkun qed nattakka lil min jaħseb li l-ksur fundamentali tal-bniedem huwa xi parti mid-dritt li jista' jagħmel li jrid f'dan il-pajjiż ħalli jieħu kemxa flus mill-kera tiegħu. Le, dik mhijiex aċċettabbli għalina, għax aħna soċjalisti u nemmnu li kulħadd għandu d-dritt li jgħix b'dinjità, kemm jekk huwa barrani u anke jekk huwa Malti.

Kellna dikjarazzjoni oħra li ma stennejthiex minnu. Qalilna li fi żmienhom il-Maltin kienu jikrulhom. Ma nafx minn fejn ġabha din, għax naħseb li l-isfiduċja li kien hawn fi żmienhom fis-settur tal-kera u l-biża' li kien hawn minħabba l-pre-1995 rent laws li l-Gvern se jikkonfiskalek darek, ħadd ma ried jaf bil-kera! Illum is-suq tal-kera sploda, kif sploda għax daħħalna l-fiduċja mill-ġdid f'dan is-settur. Jien niftakar żmien meta kienu jgħidulek: Mela ma nikrix post! Jekk ma joħroġlix minn hemm, Alla m'għamlu! U l-Maltin kienu jgergru li ma jsibux appartamenti ta' ċertu standard biex jikru. Staqsu lis-sidien li kellhom il-proprjetà maqbuda fil-passat.

Aħna writna bomba ma' wiċċna. Is-sena li għaddiet stess ħallasna €14 miljun kumpens ta' danni, mhux ta' żmienna imma ta' żmien il-

Gvern Nazzjonalista li f'25 sena m'għamel xejn biex jirranġa l-liġi. Dawk huma flus il-poplu. Iva, qed inħallsu kumpens minħabba li l-Istat kiser id-drittijiet umani ta' ħafna sidien. Issa aħna mhux biss kellna l-kuraġġ li nirriformaw din il-liġi u noħorġu aktar flus biex nipproteġu l-anzjani u għednielhom il-verità, imma qed inħallsu d-danni li ħaddieħor injora għal dawk is-snin kollha! Dik hi d-differenza! Ħaddieħor jiġi jikkritika u jparla hawnhekk … (Interruzzjonijiet) Iva, agħmel xogħlok, imma agħmlu riċerkat xogħlok, Onor. Bartolo! (Interruzzjonijiet) Għalhekk qed inwieġbek!

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Ministru, jekk jogħġbok indirizza lis-Sedja.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Iva, Sur President, għalhekk se nkompli nwassal il-leħen ta' din in-naħa tal-Kamra.

Qalilna wkoll fuq ix-xogħlijiet tal-manutenzjoni, bħallikieku għamluhom huma, meta fuq nofs l-appartamenti tal-Gvern u l-akkomodazzjoni soċjali fil-pajjiż f'dawn l-aħħar ħames snin infaqna bejn €12 miljun u €15 miljun f'manutenzjoni. Il-manutenzjoni tagħhom kienet fantażma għax mhux talli ma investewx flus, talli qalulhom li jekk jitolbu l-manutenzjoni jgħolluhom il-kera. Niftakar meta l-Eks Ministru John Dalli ġie fil-Parlament u qalilna li jekk ikollok akkomodazzjoni soċjali u tapplika għall-manutenzjoni, jgħollilek il-kera. Iċċekkjaw id-dibattiti. Aħna mhux talli għamilnieha, talli dorna … (Interruzzjonijiet) Nistiednek tmur tara Ta' Mlit il-Mosta, San Ġwann u n-Naxxar.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Ippermettili, Ministru. L-ewwel nett ma rridx cross debate. It-tieni, Onor. Bartolo, kellek ċans titkellem. Issa qed jitkellem il-Ministru u l-kelma hija tal-Ministru. Jekk nimxu bil-kwiet, immexxu.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, nerġa' ngħid, nistieden lill-Onor. Bartolo jmur jara l-blokok ta' San Ġwann, imur jara tal-Mosta u jmur jara x-xogħol li qed nagħmlu u li għamilna f'Santa Luċija, fil-Ħamrun u fin-Naxxar – nista' nieħdok nofs Malta – u se naslu anke sa Għawdex. Kien hemm waħda qaltilna li Għawdex għadna m'għamilnihx. Nagħmluh, mela le, u nagħmluh bi pjan, għax magħna taf fejn int.

L-isbaħ waħda kienet meta semma l-istorja ta' xi ħadd homeless. Nifhmu, imma ma qallix bih għax kont ngħinu mill-ewwel. Jekk ma jafx, għandna struttura għall-homelessness fejn l-Awtorità tad-Djar tħallas mill-ewwel id-depożitu tal-kera, tħallas l-ewwel kera u tagħtih is-sussidju mill-ewwel biex jikri minnufih.

Infakkar li l-NGOs kollha u min qed jopera fis-settur tal-homeless huma ffinanzjati mill-Gvern, inkella jfallu. Dawn jingħataw ukoll l-għajnuna ħalli jekk tinqala' xi ħaġa urġenti, ikunu jistgħu jagħmlu perjodu ta' żmien sakemm iqumu fuq saqajhom.

Il-problema tiegħi hi – u din ir-realtà jafha l-Onor. Bartolo – li jkollok nies jieħdu s-sustanzi u jkunu mkeċċijin minn kullimkien, inkluż mill-homes, għax ma joqogħdux bil-għaqal u jiġu fuqek jgħidulek biex tagħtihom kamra ħalli jmorru jieħdu sustanza kemm iridu fil-libertà. Le! No way! Jien ma nkunx kompliċi ma' xi azzjoni li lil dik il-persuna tagħmlilha ħsara f'saħħitha.

Jekk hemm bżonn, nagħmlu kif għamilt il-ġimgħa li għaddiet meta kont qed nitkellem mal-Fondazzjoni mid-Dlam għad-Dawl u mal-Caritas li joffru s-servizzi u l-programm neċessarju biex persuna terġa' tqum fuq saqajha. Ngħinuk billi nagħtuk iċ-ċavetta, imma magħha trid tagħmel minn kollox biex toħroġ mill-vizzju li għandek. L-Istat ma jistax jisponsorjalek il-vizzju jew il-problema li għandek, anke jekk qed tieħu s-sustanzi. Fuq dan kont ċar ma' kulħadd. Dik hi l-politika tagħna. Ngħinu, imma trid tagħmel il-parti tiegħek ukoll. Bħala Stat ma nistgħux nibagħtu messaġġ ħażin f'dan ir-rigward, speċjalment għaż-żgħażagħ għax irridu li jkollhom futur aħjar f'pajjiżna.

Niġi issa għall-kummenti tal-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici. Huwa tkellem fuq is-sussidju. Jien m'għandix l-informazzjoni, allura ma nistax nagħtihielu hawnhekk. Imbagħad kien hemm min semma l-kwestjoni tal-bdil. Nerġa' ngħid li l-bdil isir. Aħna qed inħallu l-bdil isir fost in-nies, imma r-realtà hija li ta' qabilna ma investewx ħafna fil-lifts meta kienu jafu li għandna popolazzjoni li dejjem qiegħda tixjieħ.

Ir-realtà hi li llum il-ġurnata dħalna fil-fażi li għandna ħafna nies 'il fuq minn 70 sena. Aħna, fejn nistgħu niffaċilitaw, niffaċilitaw. Lili jdejjaqni min ikollu appartament tal-Gvern u għall-ebda raġuni jew għax jiddejjaq mill-ġar

tiegħu, ikun irid appartament ieħor. Lill-Awtorità dik toħolqilha problema ta' nuqqas ta' ċwievet, u dejjem ngħidulhom li jekk iridu jpartu, jistgħu jpartu mal-listi li jkunu online mal-Awtorità. B'hekk niffaċilitaw il-proċess li toqgħod titlobni appartament ġdid u l-Awtorità titlef żewġ ċwievet sakemm tkun tista' tgħin lil min qed jistenna akkomodazzjoni. Dik hija waħda mis-soluzzjonijiet li dejjem noffru lir-residenti li jkunu affettwati.

Saru diskors interessanti mill-kollegi li tkellmu llum, fosthom l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici li semma l-problema tal-prezz tal-proprjetà. Irridu nifhmu xi rridu, għax nistgħu ngħidu li s-suq isuq, imma s-suq tajnieh inċentiv biex ngħinu lil min għandu bżonn dik l-imbottatura ħalli jimxi 'l quddiem. Ma nistgħux nippretendu li l-Istat isolvi l-problemi kollha ta' kulħadd. Il-fatt li llum għandna 82% tal-poplu Malti li hu sid ta' daru huwa l-inkoraġġiment ewlieni biex inkunu nistgħu ntejbu l-pożizzjoni tagħna f'ċerti setturi bħalma hi l-akkomodazzjoni soċjali.

Irrid insemmi kif illum il-ġurnata, meta wieħed jitkellem fuq is-settur tal-akkomodazzjoni, inkluż hawn ġew fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, in-narrattiva m'għadhiex tibda u tispiċċa ma' dak li huwa soċjali biss. Illum, għax għarafna nespandu l-orizzonti tagħna fid-diskussjoni, nitkellmu dwar is-soċjal, dwar l-affordabbiltà, dwar is-settur tal-kera u dwar dawk li għalkemm ma kellhomx bżonn l-Istat biex jidħlu fis-settur tal-proprjetà, għax aħna Gvern tal-ġustizzja soċjali, xorta dħalna għalihom biex inwieżnu fejn hemm bżonn. Kull pass li nagħmlu, kull miżura li nħabbru ma tkunx waqgħet mis-sema. Il-punt tat-tluq ta' kull miżura huwa d-djalogu kontinwu man-nies u mal-istakeholders.

Irridu nammettu li s-settur tal-akkomodazzjoni huwa wieħed delikat u jitlob minna proattività, iżda fl-istess ħin kawtela. Illum ir-realtajiet inbidlu. Mhuwiex sigriet li qed ngħixu f'soċjetà fejn is-separazzjonijiet fil-familji żdiedu, bil-konsegwenza li jista' jagħti l-każ li jkollok persuni li ma jkollhomx saqaf fuq rashom wara s-separazzjoni. Nirrikonoxxu li ma' din ir-realtà għad hemm faxxa ta' nies li, minħabba ċirkostanza jew oħra, la jistgħu jaċċessaw is-suq tal-proprjetà u lanqas tal-kera.

B'dawn ir-realtajiet quddiem għajnejna, fl-2017 konna imbarkajna fuq l-akbar proġett li qatt ra dan l-pajjiż f'dak li għandu x'jaqsam mal-bini ta' akkomodazzjoni soċjali. Investiment ta' €140 miljun li jfisser saqaf diċenti u dinjituż għal dawk l-aktar fil-bżonn. U l-ħidma tagħna ma waqfitx malli ħabbarna dan l-investiment. Għall-kuntrarju, mat-tħabbira xammarna l-kmiem u bdejna naħdmu. Dan mhux qed ngħidu bil-paroli, imma bil-fatti. Il-fatti nistgħu narawhom b'għajnejna hekk kif bħalissa madwar il-pajjiż għaddejjin xogħlijiet ta' kostruzzjoni u xogħol ieħor fuq 20 sit ta' akkomodazzjoni soċjali.

Dawn l-20 sit se jfissru 1,700 appartament li se jagħtu l-opportunità lil dik il-mara, lil dik il-koppja jew lil dik il-familja li minħabba ċerti ċirkostanzi ma jistgħux jaċċessaw is-suq tal-proprjetà. Fl-aħħar sena, b'investiment ta' madwar €9 miljun, aktar minn 130 familja bdew jgħixu l-ħolma tagħhom taħt saqaf diċenti u dinjituż. Ma nistax ma nsemmix li l-approċċ proattiv tagħna fis-settur tal-akkomodazzjoni wassal ukoll biex nibnu kollaborazzjoni u relazzjoni b'saħħitha mal-privat.

Permezz tal-iskema Nikru Biex Nassistu, għaddew għand il-Gvern madwar 700 proprjetà oħra mingħand sidien ta' djar battala li wrew ix-xewqa li jikru l-abitazzjoni tagħhom lill-Awtorità tad-Djar. F'din l-iskema, il-proprjetà hija mikrija għal għaxar snin u trid tkun fi stat tajjeb u mgħammra bi kċina li tinkludi l-appliances. Permezz ta' din l-iskema, l-Awtorità tad-Djar tkun f'pożizzjoni li tikri din il-proprjetà għall-akkomodazzjoni soċjali. Mis-sena li ġejja, dawk is-sidien li taw il-proprjetà tagħhom taħt din l-iskema se jibbenefikaw minn eżenzjoni fuq it-taxxa tal-bejgħ fuq l-ewwel €200,000 ta' valur tal-proprjetà.

Lil dawk l-inkwilini li bħalissa qed jikru taħt din l-iskema, se nagħtuhom l-opportunità li jsiru sidien ta' darhom u ma jħallsux taxxa tax-xiri fuq l-ewwel €200,000 tal-valur ta' din il-proprjetà. Jekk persuna, koppja jew familja tapplika biex tibbenefika mill-akkomodazzjoni soċjali u ma tkunx taqa' fil-parametri tal-eliġibbiltà, għandna skemi oħrajn għaliha. Fil-fatt, fl-aħħar snin eluf ta' benefiċjarji saru sidien ta' darhom ukoll.

Hemm l-iskema ta' 10% tad-depożitu għal dawk iż-żgħażagħ li baqgħu fuq il-bankijiet tal-Università jistudjaw. U sewwa għamlu li baqgħu jistudjaw. Intom kontu toħolmuha din, Onor. Bartolo! Il-bank qalilhom li jista' jgħinhom jieħdu loan u aħna dħalna biex ngħinuhom iħallsu l-10% meta jagħmlu l-konvenju. Fl-2023 biss,

għenna kważi 400 żagħżugħ jew adult biex sar sid ta' daru. Hawn qed ngħidu li mhux sempliċement tajniehom self fuq numru ta' snin, imma tajniehom self ta' flus mingħajr imgħax ta' €22,500. Jiġifieri dawn kollha qed niffrankawlhom eluf kbar ta' ewro.

Insemmi wkoll l-Equity Sharing Scheme, li minn 40 sena niżżilnieha għal 30 sena u allura komplejna nilħqu aktar nies. Ir-riżultat ta' dan huwa li fl-2023, bħala partner fix-xiri ta' proprjetà, il-Gvern daħal għal 80 familja oħra f'sena waħda biss.

Bl-iskema Sir Sid Darek qed nagħtu l-opportunità lil dawk li jgħixu f'appartamenti li tamministra l-Awtorità jsiru sidien ta' darhom. U matul din is-sena, 80 familja oħra saru sidien ta' darhom. Dawn mhumiex sempliċement numri, imma huma stejjer ta' suċċess li jkomplu jsaħħu t-twemmin tiegħi, l-istess twemmin li żera' fija l-Partit Laburista aktar minn 30 sena ilu meta kont għadni żagħżugħ u dħalt fil-politika, l-istess Partit li llum qed imexxi dan il-pajjiż biex ilkoll ngħixu f'Malta Ġusta.

Illum il-lista tal-istennija għall-akkomodazzjoni soċjali qaċċatnieha bin-nofs, bi 82% tal-popolazzjoni li huma sidien ta' darhom. U dan mhuwiex b'kumbinazzjoni. Nerġa' ngħid li għaxar snin ilu kellna waiting list ta' 3,200 persuna u llum din niżżilnieha għal 1,500 persuna. Din jiddejqu jisimgħuha! Għaxar snin ilu kellna 44,000 ruħ inqas sidien ta' darhom u llum għandna aktar minn tliet kwarti tal-pajjiż li sar sid ta' daru u ħallas il-loan kollha. Dawn il-figuri huma xhieda ħajja li l-politika tagħna f'dan is-settur ħadmet u bidlet il-ħajja tan-nies.

M'iniex ngħid li wasalna, anzi għad fadlilna ħafna. Aħna qatt m'aħna kuntenti, u dik hi d-differenza, li aħna ma narawx in-nies dubbien imma nibqgħu naħdmu u nissieltu sabiex noħolqu aktar ġid, noħolqu aktar inizjattivi u noħolqu aktar proġetti, għax il-viżjoni tagħna hi li l-faqar għalina mhuwiex perċezzjoni, imma huwa realtà ta' kuljum għal diversi familji. Jien qiegħed fil-Partit Laburista għax naf xi tfisser tbatija. Naf li meta trabbejt u kont għadni żgħir għaddejna minn ċirkostanzi fejn kellna nitħabtu u nagħmlu s-sagrifiċċji kollha biex naslu fejn wasalna. Għalhekk jogħġobni dan is-settur, għax minkejja li hu l-iżjed settur diffiċli, finalment jagħtik l-isfond kollu ta' kull politiku li qiegħed fil-politika li jħares madwaru u jkun jaf eżattament ir-realtajiet li jgħaddu minnhom diversi familji.

La qed insemmi r-rata ta' home ownership, irrid nenfasizza kif il-Baġit ta' din is-sena jagħmel enfasi fuq dan, filwaqt li jindirizza numru ta' realtajiet. Bħalma se nagħmlu ma' dawk li qed jikru fl-iskema Nikru Biex Nassistu, se nagħtu l-istess opportunità lil madwar 3,000 inkwilin li jibbenefikaw mill-benefiċċju tal-kera biex huma wkoll isiru sidien ta' darhom mingħajr ma jħallsu taxxa tax-xiri fuq l-ewwel €200,000 mill-prezz tal-proprjetà. Il-miżuri tagħna huma research driven. Dik hija d-differenza, li aħna nagħmlu l-istudji u r-riċerka, imbagħad niġu hawn nitkellmu bil-fatti. Biss biss l-aħħar studji juru kif ir-realtà kurrenti ta' dawk li qegħdin jixtru proprjetà għall-ewwel darba, qed jagħmlu dan waħedhom.

Kien għalhekk li fil-Baġit ta' din is-sena indirizzajna anomalija li kellna fl-iskema li permezz tagħha l-first-time buyers jingħataw lura rifużjoni tal-VAT fuq xogħlijiet li jkunu qegħdin jagħmlu fuq il-proprjetà tagħhom, magħrufa aħjar bħala Grant on First Residence (GFR). Iva, din kienet introdotta minn Gvern Nazzjonalista, imma aħna ma rmejnihiex, ħallejnieha hemm, saħħaħna fuq dak li kien hemm, u komplejna nagħtu lill-familji. Kellna s-sitwazzjoni fejn koppja first-time buyers kienet qed tieħu aktar minn persuna waħedha. Il-Baġit għas-sena li ġejja qed jindirizza din l-anomalija u first-time buyer żagħżugħ jew persuna single għandhom jingħataw l-istess ammont daqs koppja li qed tixtri l-ewwel proprjetà tagħha.

Sur President, ladarba qegħdin nitkellmu fuq l-akkomodazzjoni soċjali, ma nistax ma nsemmix id-diżastru li sibna fl-oqsma tad-djar eżistenti. U din irrid nenfasizzaha. L-oqsma tad-djar tħallew mingħajr manutenzjoni għal snin twal u għalhekk l-istat tagħhom kien iddeterjora sew. Niftakar meta ġabuli l-lista ta' stennija ta' nies li kienu qegħdin jitolbu u jitkarrbu lill-Istat biex jagħmlilhom manutenzjoni straordinarja. Eluf kbar ta' nies li riedu l-għajnuna tal-Istat imma dak iż-żmien ma kienx hemm flus biżżejjed biex seta' jsir dak l-investiment. Ma kienx ikun jagħmel sens li nibnu bini għall-akkomodazzjoni soċjali ġdid jekk ma ninvestux fl-appartamenti li kellna disponibbli għal min kien qed jgħix fl-akkomodazzjoni soċjali.

Fl-2023 biss infaqna €4 miljun fuq manutenzjoni. X'differenza meta wieħed jara l-housing estates

illum! Qabel kienu jingħarfu mid-dehra u llum tarahom ġodda fjamanti bix-xogħol li qegħdin nagħmlulhom. Permezz ta' dan l-investiment saru madwar 1,000 intervent ta' tiswija strutturali, madwar 780 intervent ta' tiswija u tibdil fis-sistema tad-drenaġġ, elettriku, aperturi, madum, meters u cupboards ġodda fil-partijiet komuni. Saru madwar 300 intervent ta' emerġenza biex jitneħħa l-periklu u aktar minn mitt test biex naraw minn fejn ġej is-sors tad-dħul tal-ilma f'dik il-proprjetà. Jien ma nqisx dan l-investiment bħala investiment fil-ġebla, imma investiment fil-kwalità tal-ħajja tan-nies li jgħixu fihom.

Apparti minn dawn il-miżuri ġodda, għas-sena 2024 se nkomplu nibnu fuq dak li bnejna fis-snin li għaddew. Se nkomplu nibnu aktar appartamenti ta' akkomodazzjoni soċjali, se nkomplu neżentaw liż-żgħażagħ first-time buyers mit-taxxa tal-boll fuq l-ewwel €200,000 meta jixtru proprjetà, se nkomplu nagħtu €15,000 lill-first-time buyers li jixtru proprjetà fil-UCA, fil-qalba tal-irħula, u mis-sena li ġejja dawk li jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom f'Għawdex se jieħdu ċekk ta' €40,000 oħra.

Se nkomplu nagħtu €1,000 għal għaxar snin, mhux kif qalulna li mmissu l-prezz tal-proprjetà, imma hija maħduma apposta biex tissussidjalek il-loan. Iċ-ċekk ma jingħatax lill-iżviluppatur, kif kien hawn min fehemha. Jien niskanta kif għamel żmien CEO tal-Awtorità dan, meta llum lanqas l-iskemi ma jaqra! Iċ-ċekk imur fuq il-loan tal-persuna, jiġifieri qed nissussidjawlha r-rata tal-interessi. Basta jiġu hawn jitkellmu mingħajr ma jkollhom il-fatti f'idejhom. Se nkomplu nagħtu lil dawn il-first-time buyers kif diġà tajna lil 2,800 familja matul is-sena li għaddiet. F'kelma waħda, se nibqgħu nimxu 'l quddiem bl-istess enerġija u entużjażmu ħalli nkomplu nsaħħu l-familji Maltin u Għawdxin li emminna fil-bżulija tagħhom u huma emmnu fil-politika tagħna.

Niftakar li qabel l-2020 kellna settur tal-kera sparpaljat, anzi nażżarda ngħid li kellna kollox minbarra settur tal-kera. Ma kellniex idea min kien qed jikri u fejn qed jikri. Ridna bidla fid-direzzjoni u xammarna l-kmiem biex lis-settur tal-kera, li huwa settur importanti ħafna ekonomikament, nagħtuh direzzjoni u struttura suriet in-nies. Tliet snin wara, għandna settur tal-kera regolat b'qafas legali b'saħħtu li jindirizza d-dinamika fl-istess settur. Illum għandna madwar 56,000 kuntratti tal-kirjiet reġistrati mal-Awtorità tad-Djar u dan ifisser li hemm fiduċja sħiħa f'dan is-settur.

Din l-informazzjoni nafuha għax aħna konna l-pijunieri tar-riforma f'dan is-settur. Illum ħadt pjaċir li l-awtorità ħarġet rapport annwali ieħor tas-sitwazzjoni li sa ftit tas-snin ilu ma konniex nafu x'hemm fiha. Irrid insellem lill-uffiċjali tal-Awtorità tad-Djar li llum saret leader fl-informazzjoni relatata mal-ikbar investiment li l-Malti għandu fil-proprjetà tiegħu. Hawn ħafna nies li investew fil-proprjetà u nefqu ġidhom fil-proprjetà, imma qabel ma kenitx teżisti informazzjoni riċerkata daqs illum. Aħna din id-data għamilnieha trasparenti għal kulħadd, tajnieha lil kulħadd u llum jista' jaċċessaha kulħadd biex ikun jaf eżattament x'qed jiġri min-naħa ta' din l-Awtorità.

Ftit tal-jiem oħra se nerġgħu niltaqgħu f'din l-istess binja biex nerġgħu nkunu katalisti tal-bidla. L-Onor. Bartolo semma dak li jkun għaddej fis-settur tal-kera u l-ispezzjonijiet li saru. Però rrid infakkru li meta ġejna biex niddiskutu r-riformi u l-liġi tal-kera, il-Partit Nazzjonalista kien ipprova jċaħħad lill-uffiċjali tal-Awtorità milli jkollhom id-dritt li jidħlu fil-proprjetà biex jinvestigaw x'kien qed jiġri, għax kien qalilna li 'the big brother is watching you'. Illum, li nafu li ġejna bżonnha, nittamaw li jkunu magħna f'din ir-riforma u jagħtu s-saħħa lill-Awtorità li tinvestiga fejn ikun hemm l-abbuż. Mhux noqogħdu ngħidu fuq l-abbuż u mbagħad meta niġu għas-*si* u n-*no* ma nagħtux l-għajnuna u l-għodda neċessarja lill-ħaddiema tal-Awtorità ħalli jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom! Biss biss konna sibna li kien hemm 30 ruħ f'appartament wieħed.

Sur President, inkompli mal-messaġġ li ta l-Prim Ministru fil-ġimgħat li għaddew, u lil dawk il-ftit sidien li kulma jridu hu li jħaxxnu bwiethom minn fuq dar in-nies, ngħidilhom: Your time is up! Qed inkun ċar kif kien il-Prim Ministru fil-ġimgħat li għaddew.

Ladarba qed nitkellmu fuq is-settur tal-kera, ma nistax ma nsemmix li bħalissa qegħdin inkunu ta' spalla għal kważi 3,000 ruħ li jaraw is-suq tal-kera bħala mezz alternattiv ta' akkomodazzjoni. Dan qegħdin nagħmluh b'investiment ieħor bla preċedent. Fil-fatt, illum qed nagħtu €7.5 miljun f'għajnuniet lil dawk il-familji li qed jgħixu fil-kera. Din il-miżura li ħabbarna ftit tal-jiem ilu fil-Baġit se tissarraf f'żieda sostanzjali fil-bwiet ta'

dawk li jikru. Hija definizzjoni ħajja ta' meta ngħidu li rridu naraw Malta Ġusta.

Ħalli nagħti eżempju ta' kif din il-miżura se tkun qed tolqot lin-nies. Żagħżugħ li għadu qed jistudja fl-Università ta' Malta li ma jixtieqx jidħol għall-piż tal-loan imma jixtieq imur jgħix għal rasu għal perjodu ta' żmien, bħala Gvern qed nagħtuh l-opportunità li jmur jgħix għal rasu għaliex biż-żieda li ħabbarna fil-jiem li għaddew, minn massimu ta' €3,600 li kien jirċievi qabel, se jibda jieħu sa massimu ta' €4,200, jiġifieri żieda ta' €600 fis-sena għalih.

Familja li għandha żewġt itfal jew aktar li qed tgħix fil-kera s'issa kienet tieħu sa massimu ta' €5,000. Bl-investiment li qed nagħmlu fil-benefiċċju tal-kera, din il-familja llum se tibda tieħu sa massimu ta' €6,000 fis-sena, żieda ta' €1,000. Kull miżura li daħħalna jew saħħaħna għamlet differenza pożittiva, għax bħalma huwa l-Baġit għal din is-sena, kull miżura hija magħmula min-nies għan-nies. Kull miżura hija maħsuba li tagħmel lil Malta aktar ġusta.

Fl-aħħar snin forsi n-numru ta' skemi li tamministra l-Awtorità tad-Djar għamlu aktar ħoss minn oħrajn, però d-differenza pożittiva li għamlu dawk l-iskemi li ssemmew inqas minn oħrajn kienet bla preċedent. Insemmi l-iskema tal-installar tal-lifts fir-residenzi privati biex koppja anzjana jkollha aktar aċċessibbiltà. Din mhijiex l-aktar skema li daqqejna t-trombi fuqha, imma fl-aħħar għaxar snin biddilna l-ħajja ta' madwar 1,400 anzjan għax bis-saħħa ta' din l-iskema setgħu jagħmlu darhom aktar aċċessibbli, anke permezz ta' stairlift.

Ladarba qiegħed nitkellem dwar l-aċċessibbiltà, irrid nindirizza s-suġġett tal-lifts fil-binjiet tal-akkomodazzjoni soċjali. Meta nbnew il-binjiet tal-akkomodazzjoni soċjali fis-snin ħamsin, fis-snin sittin u fis-snin sebgħin, lift kien meqjus bħala kumdità u lussu, filwaqt li llum huwa neċessità.

Irridu nitilqu mill-punt li l-Awtorità hija l-akbar amministratur ta' proprjetà fil-pajjiż għax tamministra madwar 1,200 blokka u llum qed tamministra madwar 7,600 appartament. Issa, biż-żieda li se nagħtuha ta' 1,700 appartament ieħor, trid tamministra dawk l-ammonti kollha ta' appartamenti. Uħud minn dawn il-binjiet huma binjiet antiki li qatt ma kienu skedati jew maħsuba li jinkludu l-lift dak iż-żmien. Madanakollu, aħna qatt ma qtajna qalbna quddiem sfida, anzi l-passat għallimna li jekk hemm gvern u partit li jiffaċċja l-isfidi u jaqbad il-barri minn qrunu huwa aħna.

Bħalissa l-Awtorità tad-Djar qed tinstalla medja ta' erba' liftijiet fix-xahar. Fix-xhur li ġejjin għandna 97 post ta' akkomodazzjoni soċjali li se jkun qiegħed jiġi provdut lift fihom, li 87 minnhom għandhom il-permess tal-lift approvat u se jkun qed jinbeda x-xogħol fuqhom. Madwar 22 minnhom se jitlestew sal-aħħar tal-2023 sabiex jingħaqdu ma' 23 lift ieħor li diġà ġew mogħtija lir-residenti. B'hekk se jkunu ġew istallati madwar 50 lift, li huwa rekord assolut.

Is-suċċessi li semmejt ma setgħux ikunu possibbli mingħajr it-tim formidabbli tal-Awtorità tad-Djar taħt it-tmexxija tal-Kap Eżekuttiv Matthew Zerafa. Matul din is-sena biss, l-impjegati tal-Awtorità tad-Djar ipproċessaw – hawn huma, mhux kollha jridu post tal-Gvern, Onor. Bartolo – 7,700 applikazzjoni ġdida li huma parti mill-imrewħa ta' skemi li toffri l-istess Awtorità, lil dawk il-persuni li jridu jsiru sidien ta' darhom, lil dawk li jridu jlaħħqu mal-ispejjeż tal-kera jew għal skemi oħrajn ta' għajnuna li nagħtu fid-djar Maltin u Għawdxin.

Nirringrazzja wkoll lis-Segretarju Permanenti uxxenti għal dan il-Ministeru, is-Sur Mark Musù, kif ukoll lis-Segretarju Permanenti preżenti s-Sur Emanuel Psaila u lit-tim tiegħu li bdew mill-ewwel b'ħidma biex jassistu lili u lill-kollegi tiegħi f'settur bħal dan. Ma nistax ma nirringrazzjax lit-tim tas-Segretarjat tiegħi, li flimkien mal-istakeholders prinċipali fasslu l-miżuri li kienu parti mill-manifest Malta Flimkien, li kienu parti mill-Baġit Malta Ċertezza u Stabbilità u li issa huma wkoll parti mill-manifest Malta Ġusta.

Illum xtaqt iddibattejt mal-Membri tal-Oppożizzjoni dwar il-miżuri li ħabbarna fil-Baġit u l-miżuri li ġew bihom huma għas-settur tal-akkomodazzjoni, iżda jekk hemm fattur wieħed konsistenti li l-Oppożizzjoni tħaddan għal dan is-settur huwa l-baħħ, għax m'għandha xejn x'toffri! F'għaxar snin fl-Oppożizzjoni, ma ġew qatt bi proposta waħda li hija waħda biex bħala politiċi ntejbu u nsaħħu flimkien is-settur tal-akkomodazzjoni f'pajjiżna.

Is-suċċessi li kellna fl-aħħar snin ilkoll flimkien fis-settur tal-akkomodazzjoni huma frott it-twemmin tagħna li l-akkomodazzjoni hija prinċipju universali li ma jħassru ħadd. Prinċipju li jservi bħala gwida fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna u jiggwidana biex l-għażliet tagħna ma jqisux biss l-aspetti tanġibbli tal-kenn, iżda wkoll il-kwalitajiet intanġibbli li jibdlu l-akkomodazzjoni f'dar. Aħna Gvern li fhimna u nifhmu li l-akkomodazzjoni tmur lil hinn mill-estetika u l-materjaliżmu. Is-settur tal-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli huwa ċ-ċavetta li jixpruna l-aqwa verżjoni tagħna.

Sur President, li taħdem man-nies huwa sentiment speċjali, iżda li tara l-frott tal-ħidma tiegħek jissarraf f'Malta Ġusta huwa ta' sodisfazzjon li ma jirbaħlu ħadd u xejn! Nirringrazzjak.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli hija konkluża u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Fis-7.24 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa ġew posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

## FTEHIM TAL-KAMRA

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, ninforma lill-Kamra li skont kif provdut fil-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023 intlaħaq ftehim sabiex is-seduta ta' għada filgħodu, 22 ta' Novembru 2023, tibda fit-8.30 a.m.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Nistieden lill-Ministru Roderick Galdes biex, jekk jogħġbu, iressaq l-aġġornament tal-Kamra.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal għada l-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2023, fit-8.30 a.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**It-Tnax-il Seduta Stabbilita – Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali**

Vot 25 - Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Vot XII - Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali – Kapital;

Abbozz Nru 70 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla - Tielet Qari.

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali m'għandhiex tieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal għada l-Erbgħa, 22 ta' Novembru 2023, fit-8.30 a.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru.

*Fis-7.29 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### ĊITAZZJONIJIET MARBUTA MA' SCOOTERS

**11407. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet fuq scooters f'Jannar 2023? Jista' jgħid ukoll għal liema raġuni nħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet u minn liema lokalitajiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

### ĊITAZZJONIJIET MARBUTA MA' SCOOTERS

**11408. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet fuq scooters fi Frar 2023? Jista' jgħid ukoll għal liema raġuni nħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet u minn liema lokalitajiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

### ĊITAZZJONIJIET MARBUTA MA' SCOOTERS

**11409. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet fuq scooters f'Marzu 2023? Jista' jgħid ukoll għal liema raġuni nħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet u minn liema lokalitajiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## ĊITAZZJONIJIET MARBUTA MA' SCOOTERS

**11410. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet fuq scooters f'April 2023? Jista' jgħid ukoll għal liema raġuni nħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet u minn liema lokalitajiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## ĊITAZZJONIJIET MARBUTA MA' SCOOTERS

**11411. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet fuq scooters f'Mejju 2023? Jista' jgħid ukoll għal liema raġuni nħarġu dawn iċ-ċitazzjonijiet u minn liema lokalitajiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## SPTAR MATER DEI - BARRANIN LI ĦALLSU GĦAS-SERVIZZI TAS-SAĦĦA

**11436. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm persuni barranin minn pajjiżi terzi li ħallsu għas-servizzi tas-saħħa ġewwa l-Isptar Mater Dei jew Ċentri tas-Saħħa? Kemm kien l-ammont li nġabar? Minn liema pajjiż kienu ġejjin?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa):** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika l-perjodu li qed jistaqsi dwaru.

## PERSUNI BARRANIN LI JĦALLSU L-BOLLA

**11437. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni barranin, kemm minn pajjiżi terzi kif ukoll mill-Unjoni Ewropea, li ħallsu bolla hawn Malta? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi kienu ġejjin u kemm kien l-ammont li nġabar?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** L-ammont ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali (bolol) imħallsa minn persuni barranin hawn Malta, għas-sena 2022, hu skont it-tabella t'hawn taħt:

| | **Impjegati** | **Kontribuzzjoni mill-Impjegati (Euro)** | **Kontribuzzjoni mill-Employers (Euro)** |
|---|---|---|---|
| Unjoni Ewropea | 63,287 | €69,363,419.42 | €69,498,713.07 |
| Pajjiżi Terzi | 61,544 | €50,880,952.93 | €50,719,295.18 |
| **Total** | **124,831** | **€120,244,372.35** | **€120,218,008.25** |

Kien hemm ukoll dawn il-persuni li ħallsu kontribuzzjonijiet soċjali Class II:

| | **Persuni** | **Kontribuzzjoni Class II** |
|---|---|---|
| Unjoni Ewropea | 2,149 | €1,665,346 |
| Pajjiżi Terzi | 204 | €143,358 |
| **Total** | **124,831** | **€1,808,704** |

## LIĊENZJI TAS-SEWQAN - Y PLATE

**11496. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw liċenzji tas-sewqan, tal-y plate u mhux, lil persuni barranin mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. AARON FARRUGIA (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali):** Transport Malta ħarġet 3,894 liċenzja tas-sewqan lil persuni barranin (li mhumiex ta' nazzjonalità Maltija jew mhumiex imwielda Malta) bejn l-1 ta' Jannar 2022 U l-14 ta' Novembru 2023.

## Ħ'ATTARD – TRIQ IL-LINJA, WIED RMIEDI U TRIQ ID-DORGA - XOGĦLIJIET

**11497. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10790 jista' l-Ministru jgħid meta x-xogħol fuq l-imsemmija toroq,

speċjalment Wied Rmiedi u Triq il-Linja, ser ikun lest?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fit-tliet proġetti msemmija, Infrastructure Malta qed tagħmel minn kollox biex dawn ix-xogħlijiet jitlestew kif ippjanat, filwaqt li joħolqu l-inqas inkonvenjent lir-residenti u l-inħawi.

Fi Triq id-Dorga fadal l-aħħar saff ta' asfalt u l-marki taż-żebgħa. Ix-xogħlijiet mistennija jitlestew fil-ġimgħat li ġejjin.

Infrastructure Malta qed tistenna direzzjoni mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali dwar il-konservazzjoni ta' element arkeoloġiku li nstab waqt il-ftuħ ta' trinka tal-ilma tax-xita, f'parti minn Triq il-Linja.

Fi Triq il-Linja u f'Wied Rmiedi jonqos isir l-aħħar saff tal-asfalt u l-marki taż-żebgħa. Ix-xogħlijiet mistennija jistlestew fil-ġimgħat li ġejjin.

## Ħ'ATTARD – TRIQ A. CAMILLERI U TRIQ IL-QIEGĦA - XOGĦLIJIET

**11498. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jinbeda x-xogħol fuq Triq A. Camilleri u Triq il-Qiegħa, f'Ħ'Attard, u meta ser jitlesta? Jista' jgħid ukoll kemm kienet l-istima u kemm hu maħsub li tkun in-nefqa?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ix-xogħol fi Triq A. Camilleri hu previst li jibda fix-xhur li ġejjin wara li jiġi konkluż proċess ta' konsultazzjoni ma' entitajiet varji. Min-naħa l-oħra Infrastructure Malta m'għandhiex xogħol ippjanat fl-immedjat għal Triq il-Qiegħa.

## JUDICIAL STUDIES COMMITTEE - INFIQ FUQ SAFAR U IKLIET

**11499. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus mill-Judicial Studies Committee fuq safar u ikliet fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż fuq il-mawra ta' ġimgħa fl-Albanija ftit ġimgħat ilu? Jista' jgħid ukoll x'kien il-programm ta' kull żjara fl-2022 u fl-2023?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11440.

## IL-FGURA – TRIQ KOTTONER - TISWIJA

**12943. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11347, jista' l-Ministru jgħid x'passi ulterjuri ttieħdu sabiex Triq Kottoner, il-Fgura, tiġi aħjar?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ix-xogħlijiet fi Triq il-Kottoner huma parti minn proġett usa'. Din it-triq ser issir flimkien ma' Triq San Tumas, bix-xogħlijiet mistennija jibdew fix-xhur li ġejjin.

## ĦAŻ-ŻABBAR/FGURA – TRIQ IL-KUNSILL TAL-EWROPA - XOGĦLIJIET

**12944. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11345 dwar xogħlijiet maġġuri fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, bejn Ħaż-Żabbar u l-Fgura, jista' l-Ministru jgħid kemm hija prevista li se tkun l-ispiża tax-xogħlijiet komplessivament wara li finalment jiġu konklużi?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ix-xogħlijiet maġġuri li għaddejjin fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, bejn Ħaż-Żabbar u l-Fgura, huma stmati li ser jiswew €2.5 miljun. Ix-xogħlijiet, li saru fuq medda ta' tul ta' 600 metru, jinkludu l-bini mill-ġdid tat-triq bi tliet saffi t'asfalt. Sar disinn ġdid tat-triq, bankini aktar wesgħin u infrastruttura adegwata għaċ-ċiklisti u l-mixi. Sar disinn ġdid ta' landscaping, inkluż b'sistema ta' irrigazzjoni u bini ta' ġibjun ġdid biex it-tisqija ssir b'mod sostenibbli. Ġiet installata sistema ġdida ta' dawl u strutturi għas-saħħa u s-sigurtà għas-sewwieqa (Vehicle Restraint Systems), strutturi ta' ħitan ġodda, sistemi ġodda ta' servizzi ta' provvista ta' ilma u tliet pelican crossings.

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA – KAWŻI REĠISTRATI**

**12945. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati kawżi fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva minn meta ġie fis-seħħ, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tabella li turi kemm ġew reġistrati kawżi fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ġewwa l-Qrati ta' Malta minn meta t-Tribunal ġie fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2007 sal-31 ta' Ottubru 2023 tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**ĊENTRU TAL-ARBITRAĠĠ – KAŻIJIET REĠISTRATI**

**12946. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati każijiet fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ minn meta ġie fis-seħħ, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sal-aħħar ta' Ottubru 2023 tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA – KAWŻI DEĊIŻI**

**12947. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew deċiżi kawżi fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva minn meta ġie fis-seħħ, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Minn meta beda t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, ċjoè mill-15 ta' Ġunju 2007 sal-aħħar ta' Ottubru 2023, kien hemm 1,906 kawżi li ġew terminati. Tabella li turi aktar fid-dettall kif ġew terminati l-kawżi fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fil-perjodu msemmi tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**KUMMISSJONI PERMANENTI KONTRA L-KORRUZZJONI – KAŻIJIET PENDENTI**

**12948. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11294 u jgħid kemm kien hemm każijiet pendenti quddiem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni sal-aħħar tas-sena 2022?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

**IL-BELT VALLETTA – MIŻURI TA' BONORDNI**

**13097. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl ta' diversi inċidenti fil-Belt Valletta, l-aktar filgħaxija u matul il-weekends, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri effettivi qed jittieħdu mill-Pulizija biex tiġi assigurata l-bonordni?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12925.

**GĦAWDEX – SEJĦA GĦALL-OFFERTI GĦAL TINDIF TA' WIDIEN**

**13126. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5760 li ngħatat fis-7 ta' Frar 2022 dwar kemm u fejn tnaddfu widien f'Għawdex matul is-snin 2020, 2021 u 2022, peress li f'din it-tweġiba jingħad "li matul dawn is-snin tħejjew il-permessi neċessarji biex isir it-tindif tal-widien. Fl-ewwel kwart ta' din is-sena se jkunu qed jinħarġu s-sejħiet għall-offerti għat-tindif ta' 12-il wied madwar Għawdex. It-tindif ta' dawn il-widien għandhom allokat kofinanzjament tas-somma ta' €2,316,736.00, li minnhom 80% huma ffinanzjati minn fondi Ewropej filwaqt li l-20% l-oħra huma ffinanzjati minn fondi nazzjonali", jista' l-Ministru jgħid jekk inħarġux is-sejħiet għall-offerti fl-ewwel kwart tas-sena 2022? Jekk iva, jista' jgħid meta ħarġu u meta ġew awarded kif ukoll meta nbeda u tlesta x-xogħol kollu mitlub mis-sejħiet?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex):** Dawn is-sejħiet mistennija joħorġu lejn il-bidu tas-sena 2024.

## IN-NADUR – TRIQ IT-TIĠRIJA U TRIQ IL-QALA – XOGĦLIJIET

**13127. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol fuq Triq it-Tiġrija u Triq il-Qala, fin-Nadur? Jista' jgħid x'tenders ħarġu s'issa u liema minnhom ġew awarded? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-vot għax-xogħol fuq dawn it-toroq għas-sena 2024?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Ministeru għal Għawdex ħareġ sejħa għall-offerti 'Tender for the provision of consultancy and construction management services for the reconstruction of several arterial roads between the boundaries of Nadur and Qala'. Din it-tender ġiet awarded fit-8 ta' Mejju 2023. Il-Ministeru talab lill-periti inkarigati sabiex sal-aħħar ta' din is-sena jippreżentaw il-pjanti preliminari ħalli wara l-analiżi nkunu nistgħu noħorġu t-tender għax-xogħlijiet tat-tali triq.

## IĊ-ĊIRKEWWA U L-IMĠARR - PASSENGER FERRY TERMINALS – PROĠETT GĦAL SISTEMA TA' E-TICKETING

**13128. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar is-sejħa SPD3/2022/065, CFT Title 'Construction, finishing works and commissioning of an e-ticketing project at Ċirkewwa and Mġarr passenger ferry terminals' u kemm ġie awarded dan it-tender? Jista' jgħid ukoll meta se jkunu lesti l-affarijiet mitluba minn din is-sejħa u meta se tibda topera s-sistema ta' e-ticketing?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Is-sejħa SPD3/2022/065, CFT Title 'Construction, finishing works and commissioning of an e-ticketing project at Ċirkewwa and Mġarr passenger ferry terminals' ġiet awarded u qegħda fil-fażi li tinħareġ il-commencement notice lill-kuntrattur li rebaħ it-tender għall-valur ta' €472,137.52. Dawn ix-xogħlijiet qed ikunu ppjanati mill-kumpanija Gozo Channel skont l-eżiġenzi tas-servizz. Il-kumpanija se tikkordina mal-kuntrattur kif meħtieġ. L-ewwel fażi tas-sistema ta' e-ticketing diġà bdiet topera mill-24 ta' Jannar 2023, fejn il-kumpanija bidlet is-software l-antik tat-ticketing system ma' programm ġdid.

## IL-QORTI TA' GĦAWDEX – SUBBASTI PENDENTI

**13129. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5763 u jgħid kemm hemm subbasti pendenti fil-Qorti ta' Għawdex? Jista' jgħid kemm minnhom huma appuntati u kemm minnhom għad iridu jiġu appuntati? Jista' jgħid f'kull każ kemm ilhom pendenti dawn is-subbasti?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Filwaqt li ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mistoqsija parlamentari 5763 kienet twieġbet fil-mistoqsija parlamentari 6682, ninformah ukoll li sal-14 ta' Novembru 2023 kien hemm 27 subbasti pendenti fil-Qorti ta' Għawdex, li minnhom tnejn jinsabu appuntati u 25 għad iridu jiġu appuntati. It-tabella ta' hawn taħt tindika kemm ilhom pendenti dawn is-subbasti.

| Sena | Ammonti |
|---|---|
| 2012 | 1 |
| 2013 | 1 |
| 2016 | 3 |
| 2017 | 1 |
| 2019 | 1 |
| 2020 | 2 |
| 2022 | 12 |
| 2013 | 6 |

## BAJJA TA' MARSALFORN GĦAWDEX – BINI MILL-ĠDID TAL-BREAKWATER

**13130. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'sar sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, x'qiegħed isir bħalissa u x'hemm maħsub li jsir fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin dwar l-applikazzjoni PA/02106/21 ERA Reference: EA/00004/21; Project Title: Coastal defence system at Marsalforn Bay consisting of the reconstruction of Santa Marija breakwater, construction of a rubble mound berm on the Menqa site, two rubble mound groins at the

valley outfall and replenishment of the beach; Location: Site at, Il-Bajja ta' Marsalforn, Marsalforn, Żebbuġ (Gozo)?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-kuntrattur lesta r-rapporti kollha marbuta mal-EIA hekk skont kif inhuma stabbiliti fit-termini ta' referenza tal-ERA. Dan ġew mgħoddija lill-Ministeru li issa qiegħed janalizzahom biex jekk hemm xi emendi, dawn isiru qabel l-istess rapporti jintbagħtu uffiċjalment lill-ERA.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13250. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, l-2021 u l-2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13251. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, l-2021 u l-2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13252. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, l-2021 u l-2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13253. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, l-2021 u l-2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13254. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, l-2021 u l-2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**13255. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea li

kellhom jiġu minfuqa matul l-2020, l-2021 u l-2022 u ma ntefqux? Jista' jgħid ukoll liema kienu u jagħti breakdown tagħhom?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

**SKEJJEL TAL-ISTAT – INGAĠĠ TA' LSEs**

**13393. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10608 u 10892 u jgħid kemm-il persuna aktar hemm bżonn li tiġi ingaġġata mal-Gvern bħala LSE fl-iskejjel tal-Gvern, maqsumin skont il-livell primarju u dak sekondarju, sabiex tkun intlaħqet id-domanda għal-LSEs?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Ikun hemm sejħiet regolari għall-ingaġġ ta' LSEs.

**L-IMSIDA – TRIQ IX-XATT - XOGĦLIJIET**

**13400. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti data definittiva ta' meta ser jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq ix-Xatt Ta' Xbiex fl-Imsida?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Wara deċiżjoni tar-regolatur f'Settembru ta' din is-sena biex Infrastructure Malta tidħol u tiffinalizza xogħlijiet li kienu qed isiru minn entitajiet terzi, wara proċess amministrattiv u anke legali, dan ix-xogħol se jitkompla fil-ġimgħat li ġejjin. Huwa mistenni li dan ix-xogħol jieħu madwar xahrejn, u x-xogħlijiet huma ppjanati li jsiru fil-maġġoranza tagħhom matul il-lejl biex kemm jista' jkun jitnaqqas l-inkonvenjent fl-akkwati.

**AIR MALTA – MEDJATURI**

**13401. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12835, jista' l-Ministru jikkonferma li l-unika persuna li serviet bħala medjatur bejn il-Gvern Malti u l-unions li jirrappreżentaw lill-ħaddiema tal-Air Malta ma rċeviet l-ebda ħlas la mingħand il-kumpanija Air Malta u lanqas mingħand il-Ministeru għall-Finanzi jew xi entità li taqa' taħtu f'xi kapaċità oħra li mhix dik ta' medjatur?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-unika persuna li serviet bħala medjatur bejn il-Gvern Malti u l-unions li jirrappreżentaw lill-ħaddiema tal-Air Malta ma rċeviet l-ebda ħlas la mingħand il-kumpanija Air Malta u lanqas mingħand il-Ministeru għall-Finanzi jew xi entità li taqa' taħtu f'xi kapaċità oħra li mhix dik ta' medjatur.

**PERSUNI ĦATJA LI GĦAMLU QLIGĦ BI ĦSARA GĦAD-DIPARTIMENT TAS-SIGURTÀ SOĊJALI**

**13402. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12370, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sentenzi li ngħataw fil-191 każ fejn persuni ġew akkużati fil-Qrati ta' pajjiżna li għamlu qligħ bi ħsara għad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entitajiet oħra?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

**DIRETTIVA EWROPEA - ĠLIEDA KONTRA L-VJOLENZA KONTRA N-NISA U L-VJOLENZA DOMESTIKA**

**13403. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12367 u 12368 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ u lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza rispettivament u jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Gvern Malti dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (COM/2022/105)?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

**DIRETTIVA EWROPEA - ĠLIEDA KONTRA L-VJOLENZA KONTRA N-NISA U L-VJOLENZA DOMESTIKA**

**13404. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12367 u 12368 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ u lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza rispettivament u jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Gvern Malti dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (COM/2022/105)?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**DIRETTIVA EWROPEA - ĠLIEDA KONTRA L-VJOLENZA KONTRA N-NISA U L-VJOLENZA DOMESTIKA**

**13405. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12367 u 12368 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ u lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza rispettivament u jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Gvern Malti dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (COM/2022/105)?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Malta tappoġġja din il-proposta u tibqa' favorevoli ġaladarba din tkun imfassla skont il-provvedimenti tat-Trattati u l-prinċipji stabbiliti.

**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – STRATEĠIJA**

**13435. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kif il-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet jinvolvi lill-partijiet interessati fl-iffissar tad-direzzjoni strateġika tal-edukazzjoni u t-taħriġ relevanti u min kienu dawn il-partijiet interessati mis-snin 2016 sal-2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-għan ewlieni tal-Ministeru hu li l-istudenti, l-għalliema u l-impjegati jkollhom l-aħjar forma ta' edukazzjoni u l-aħjar forma ta' taħriġ biex nilqgħu għall-isfidi ta' kuljum. Biex dawn l-għanijiet jintlaħqu jsiru diversi laqgħat mar-rappreżentanti tas-settur edukattiv, isiru żjarat f'xi skejjel kemm tal-Istat, kif ukoll privati u tal-Knisja biex jiġu identifikati l-isfidi imma mhux biss, anke dak kollu li hu sors ta' sodisfazzjon u riżultati pożittivi. Barra minn hekk, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet huwa involut f'diskussjonijiet kontinwi mal-Ministeru.

**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET - STRATEĠIJA**

**13436. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-istudji, il-proposti, l-istrateġiji u t-taħriġ ippjanati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet biex jitnaqqas in-nuqqas fil-ħiliet tax-xogħol, jittejbu l-ħiliet u jiġu sodisfatti d-domandi tas-suq għal kull waħda, mis-snin 2016 sal-2023?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet ingħata funzjoni eżekuttiva minn Marzu 2023. Il-pjan ta' ħidma flimkien mal-istrateġija proposta bejn l-2023 u l-2025 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – SORSI U GĦODOD**

**13437. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jispjega u jelenka l-għodod diġitali u s-sorsi tad-data li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet jidentifika l-ħtiġijiet tal-ħiliet prijoritarji, id-direzzjoni tal-iżvilupp tal-ħiliet f'konformità max-xejriet globali emerġenti, u l-opportunitajiet u l-isfidi għat-tagħlim u x-xogħol f'Malta?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Apparti li l-Kunsill iżomm ruħu aġġornat dwar ir-riċerka li qed issir, kemm dik lokali u anke dik ippubblikata fuq livell Ewropew u globali, permezz ta' integrazzjoni bejn aspetti kwalitattivi ma' data kwantitattiva mir-riċerka u l-istatistika, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet jiżgura approċċ ħolistiku, ibbażat fuq l-evidenza. Il-korroborazzjoni tad-data u s-sejbiet minn sorsi kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi tippermetti lill-Kunsill jifformula strateġiji effettivi u komprensivi għall-iżvilupp tal-ħiliet. Dan l-approċċ komprensiv jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet u l-azzjonijiet tal-Kunsill ikunu bbażati fuq fehim sod tal-pajsaġġ tal-ħiliet li jaħseb għall-ħtiġijiet attwali u futuri tal-forza tax-xogħol u tal-ekonomija.

## KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – SORSI U GĦODOD

**13438. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jispjega u jelenka l-għodod diġitali u s-sorsi tad-data użati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet biex jipprepara panorama tal-ħiliet u l-proċeduri segwiti biex jissorveljaw ir-riċerka, il-benchmarking u r-rappurtar tal-prestazzjoni, u l-iżvilupp tal-intelliġenza?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Il-Kunsill stabbilixxa relazzjonijiet tajba mal-entitajiet ewlenin tar-riċerka fil-qasam u li dawn l-istess entitajiet jikkontribwixxu għall-panorama tal-ħiliet sabiex b'hekk il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet għandu aċċess għal sorsi ta' data li jiġu ppubblikati fuq livell Ewropew u internazzjonali.

Il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet bħalissa għandu tliet rapporti komprensivi u dawn ir-rapporti jipprovdu għarfien storiku kritiku u jiffurmaw parti mir-repożitorju tad-data tiegħu. F'konformità mal-impenn tal-Kunsill għall-iżvilupp u r-rilevanza kontinwa, issa qed issir analiżi dwar it-taħriġ provdut relatat mal-ekonomija l-ħadra u dik diġitali biex jiġu indirizzati lakuni eżistenti.

## KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – MEKKANIŻMI

**13439. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kif il-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet jippromwovi l-mekkaniżmi meħtieġa għall-avvanz tal-ħiliet u jimminimizza d-differenza fil-ħiliet u x'inhuma dawn il-mekkaniżmi?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Kemm it-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll l-edukazzjoni vokazzjonali huma żewġ mekkaniżmi ċentrali għall-avvanz tal-ħiliet permezz ta' Tisħiħ u Tiġdid tal-Ħiliet (Upskilling u Reskilling). Fiż-żewġ oqsma msemmija l-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet jaħdem mill-qrib ma' stakeholders relevanti u jiffoka fuq dawn il-binarji:

1. Il-ħiliet transversali, ewlenija fosthom il-ħila Learning to Learn li trid tiġi mrawma fl-istudenti minn età żgħira.

2. Il-prattika tal-career guidance li trid tissaħħaħ dejjem aktar anke għall-adulti f'dinja tax-xogħol fejn il-bidla hija frekwenti. Għalhekk wieħed irid gwida għal taħriġ biex ittejjeb il-ħiliet għal career paths ġodda.

3. It-taħriġ relatat mat-transizzjoni ħadra u dik diġitali.

4. Il-validazzjoni tat-tagħlim mill-esperjenza minn tagħlim non-formali jew informali li mbagħad jista' jkun supplimentat b'taħriġ formali.

5. Aktar promozzjoni tal-kunċett ta' "microcredentials" hekk kif mitlub mill-industrija fejn flok kors twil, ikun iqsar, aktar flessibbli u stackable.

## KUNSILL NAZZJONALI TAL-ĦILIET – KOLLABORAZZJONI MA' PARTIJIET INTERESSATI

**13440. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jispjega kif il-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet joħloq il-kanali t-tajbin għal partijiet interessati differenti biex jikkollaboraw biex jirrispondu b'mod effettiv għat-talbiet tal-ħiliet preżenti u futuri?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet kellu aktar minn 120 laqgħa ma' firxa wiesgħa ta' stakeholders fis-

settur edukattiv u mar-rappreżentanti tas-suq tax-xogħol, u b'hekk inbnew relazzjonijiet pożittivi u kanali tajbin għall-partijiet interessati differenti biex ikun hemm kollaborazzjoni sħiħa u jiġi evitat xogħol doppju. Fil-fatt, għall-konferenza Skillscape attendew 'il fuq minn 250 delegat, li bosta kienu għalliema, oħrajn mis-settur privat, partikolarment dawk attivi fir-riżorsi umani, u rappreżentanti mis-settur pubbliku. Il-marka SkillScape ser tibqa' tintuża f'dawn l-okkażjonijiet ta' djalogu soċjali, li minnhom joħorġu rakkomandazzjonijiet.

**CENTRAL LINK – BELISHA LIGHTS**

**13451. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jinxtegħlu l-belisha lights li jinsabu viċin l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), għall-ġid tar-residenti u l-ħaddiema li jiffrekwentaw iż-żona, peress li minn meta ġew stallati mal-proġett tas-Central Link sal-lum, għadhom qatt ma nxtegħlu?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Filwaqt li l-pelican crossing li hemm fil-viċinanzi qed jaħdem, il-belisha lights għadhom mitfija, però qed isiru l-preparamenti neċessarji biex jinxtegħlu.

**MALTA ENTERPRISE – START-UP FESTIVAL - SPIŻA**

**13452. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti lista sħiħa tal-infiq li sar relatat mal-iStart-Up Festival li sar f'Ottubru ta' din is-sena mill-Malta Enterprise?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża):** Il-bilanċ proviżorju tal-konferenza Start-Up Festival Malta li saret ix-xahar li għadda (Ottubru 2023) huwa' ta' €277,221.83.

Dawn jinqasmu kif ġej:

Ħlasijiet: €440,401.83
Dħul: €163,180.00
Total: €277,221.83

Għal dan l-avveniment, li kien mifrux fuq jumejn, irreġistraw 1,800 persuna bejn fundaturi ta' kumpaniji start-up, ħaddiema fi start-ups, investituri f'dawn il-kumpaniji, u entitajiet privati u pubbliċi. Huwa kkalkulat ukoll li għal din il-konferenza attendew madwar 300 parteċipant barrani li ġew apposta f'pajjiżna għal din l-attività.

**KUMPANIJI MALTIN LI JOPERAW FIL-BLOCKCHAIN – ĦADDIEMA**

**13453. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn ħaddiema jaħdmu f'Malta ma' kumpaniji Maltin, li joperaw fil-blockchain?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Il-figura definittiva fuq l-impjieg f'dan ir-rigward ma tistax tingħata peress li l-NSO tuża l-klassifikazzjoni tal-attività ekonomika hekk imsejħa NACE biex ikunu kkalkolati l-livelli tal-impjiegi fl-intrapriżi. Din il-klassifikazzjoni ma tittrattax il-blockchain bħala settur separat, jiġifieri għalih innifsu.

**KUMPANIJI MALTIN LI JOPERAW FIL-BLOCKCHAIN – ĦADDIEMA**

**13454. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn ħaddiema jaħdmu f'Malta ma' kumpaniji Maltin li joperaw fil-blockchain?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet):** Il-blockchain hija teknoloġija u allura dak li qiegħed jistaqsi l-Onor. Interpellant huwa daqslikieku qiegħed jistaqsi kemm hawn kumpaniji joperaw fl-internet.

**OPERAZZJONI TAL-KATARRETTI – LISTA TA' STENNIJA**

**13455. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm individwi fuq il-lista ta' stennija għall-operazzjoni tal-katarretti?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Pazjenti fuq il-lista ta' stennija għall-operazzjoni tal-katarretti għal aktar żmien minn dak stipulat fil-Patient Charter hemm 362.

## OPERAZZJONI TA' KIRURĠIJA ĠENERALI – LISTA TA' STENNIJA

**13456. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm individwi fuq il-lista ta' stennija għall-operazzjoni relatata ma' kirurġija ġenerali?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

## IL-BELT VALLETTA – KSUR TAL-PAĊI PUBBLIKA

**13484. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna nqabdet mill-Pulizija li kienet qiegħda ttellef il-paċi pubblika u se titressaq, jew tressqet il-qorti, bejn Novembru 2022 u Novembru 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fil-perjodu bejn Novembru 2022 u l-15 ta' Novembru 2023 kien hemm 73 persuna li nqabdu mill-Pulizija wara li kienu qegħdin itellfu l-paċi pubblika, fil-Belt Valletta. Dawn tressqu l-qorti.

## IL-BELT VALLETTA – RAPPORTI TA' ĠLIED

**13485. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' ġlied fi ħwienet kummerċjali u f'postijiet pubbliċi ġew irrappurtati fil-Belt Valletta bejn Novembru 2022 u Novembru 2023, u jipprovdi l-ħinijiet ta' kull inċident li ġie rrapurtat? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn ir-rapporti tressqu l-qorti u x'kien l-eżitu tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ma kienx hemm rapporti ta' ġlied fi ħwienet kummerċjali fil-Belt Valletta fis-sena 2022. Kien hemm rapport wieħed ta' ġlied f'lok kummerċjali fis-sena 2023 li seħħ bejn is-6.30 a.m. u s-7.00 a.m. fit-23 ta' Lulju. Il-każ għadu *sub judice*.

Dwar ġlied f'postijiet pubbliċi fil-Belt Valletta, bejn Novembru 2022 u l-15 ta' Novembru 2023 kien hemm irrapportati 20 każ li involvew 42 persuna. Dawn seħħew fil-ġranet kif jidher fit-tabella hawn taħt. Il-persuni involuti tressqu l-qorti u l-każijiet għadhom *sub judice*.

| | **Data** | **Eżitu tal każ wara li tressqu l-qorti** | **Numru ta' persuni mressqa** |
|---|---|---|---|
| 1. | 02/11/2023 | *Sub judice* | 2 |
| 2. | 07/09/2023 | *Sub judice* | 2 |
| 3. | 09/07/2023 | *Sub judice* | 1 |
| 4. | 19/05/2022 | *Sub judice* | 1 |
| 5. | 05/05/2023 | *Sub judice* | 1 |
| 6. | 19/06/2023 | *Sub judice* | 1 |
| 7. | 03/10/2023 | *Sub judice* | 2 |
| 8. | 04/04/2023 | *Sub judice* | 2 |
| 9. | 09/05/2023 | *Sub judice* | 1 |
| 10. | 03/03/2023 | *Sub judice* | 5 |
| 11. | 01/05/2023 | *Sub judice* | 2 |
| 12. | 08/02/2023 | *Sub judice* | 1 |
| 13. | 17/12/2022 | *Sub judice* | 3 |
| 14. | 20/03/2023 | *Sub judice* | 2 |
| 15. | 14/03/2023 | *Sub judice* | 2 |
| 16. | 19/02/2023 | *Sub judice* | 3 |
| 17. | 18/12/2022 | *Sub judice* | 5 |
| 18. | 29/12/2022 | *Sub judice* | 1 |
| 19. | 18/12/2022 | *Sub judice* | 1 |
| 20. | 01/12/2022 | *Sub judice* | 4 |
| | | | 42 |

## IL-BELT VALLETTA – E-SCOOTERS

**13486. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kontravenzjoni nħarġet bejn Novembru 2022 u Novembru 2023 fuq E-scooters fil-Belt Valletta?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** In-numru ta' kontravenzjonijiet li nħarġu bejn Novembru 2022 u l-15 ta' Novembru 2023 fuq E-scooters fil-Belt Valletta mill-Pulizija u aġenziji oħra tal-infurzar kien ta' 679.

**PERSUNI LI AKKWISTAW IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA**

**13487. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna akkwistat iċ-ċittadinanza Maltija f'dawn l-aħħar ħames snin, u jipprovdi din l-informazzjoni sena b'sena u billi jikkategorizza l-mod kif iċ-ċittadinanza ġiet akkwistata?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Naturalizzazzjoni | Reġistrazzjoni |
|---|---|---|
| 2018 | 1051 | 2519 |
| 2019 | 1006 | 2057 |
| 2020 | 662 | 2107 |
| 2021 | 786 | 1557 |
| 2022 | 464 | 2189 |
| 2023 (sa 13/11/2023) | 551 | 1771 |

**IL-BELT VALLETTA – IMWEJJED U SIĠĠIJIET TA' STABBILIMENTI KUMMERĊJALI – KSUR TA' REGOLI**

**13488. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk bejn Novembru 2022 u Novembru 2023 kienx hemm ksur ta' regoli jew permessi maħruġa għall-ħwienet kummerċjali biex ikollhom imwejjed u siġġijiet barra fil-Belt Valletta?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet hemm sezzjoni dedikata għal spezzjonijiet ta' infurzar madwar Malta u Għawdex kollha. Għalhekk, nistieden lill-Onor. Interpellant biex jekk jaf b'xi każ partikolari, idaħħal rapport sabiex dan ikun jista' jiġi investigat.

**IL-BELT VALLETTA – IMWEJJED U SIĠĠIJIET TA' STABBILIMENTI KUMMERĊJALI – INFURZAR TA' REGOLI**

**13489. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid liema regoli jiġu infurzati biex iżommu l-ordni tal-imwejjed u s-siġġijiet li jinżammu fit-toroq tal-Belt Valletta, u jekk kienx hemm infurzar tagħhom bejn Novembru 2022 u Novembru 2023 u, jekk iva, jista' jipprovdi kemm-il ordni ta' infurzar inħareġ u abbażi ta' xiex inħareġ?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13488.

**BINJA TAL-MOTHER AND BABY CLINIC/CENTRE/HOSPITAL ĠDID – IFFINANZJAR**

**13498. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13155, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija oriġinali fl-intier tagħha u jagħti l-valur finanzjarju?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13153.

**SPTAR MATER DEI – OUTPATIENTS**

**13499. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13161, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija oriġinali u jagħti l-valur finanzjarju?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13153.

**SETTUR TAS-SAĦĦA - INVESTIMENT KAPITALI BUDGETED**

**13500. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien l-investiment kapitali budgeted għas-snin 2021, 2022 u 2023, u kemm minnu ntefaq?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-investiment kapitali budgeted għas-snin li talab hu kien ta' €53.7 miljun fl-2022, €75.5 miljun fl-2023 u €81.3 miljun fl-2024.

## BAĠIT 2023 – ITEM 7475 REACH - INDEPENDENT LIVING AND EMPLOYMENT

**13523. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni li f'Item 7475 REACH - Independent Living and Employment fl-estimi finanzjarji tal-Baġit għall-2023 kien hemm tnaqqis minn €4,000,000 (estimu approvat 2022) għal €300,000 (estimi 2023)?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13319.

## BAĠIT 2024 – ITEM 7464 DAY/NIGHT SHELTER FOR PERSONS WITH DISABILITY

**13524. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni li fil-Baġit 2024 kien hemm tnaqqis bin-nofs f'Item 7464 Day/Night Shelter for Persons with Disability, minn €400,000 is-sena l-oħra għal €200,000 din is-sena?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Fl-allokazzjoni tal-Baġit tas-sena 2023 l-ammont allokat kien €200,000 u mhux dak iddikjarat f'din il-mistoqsija. L-allokazzjoni tal-Baġit għas-sena 2024 huwa l-istess bħal dak allokat għas-sena 2023.

## TFAL B'DIŻABILITÀ – KREDITU TAT-TAXXA GĦAL TERAPIJA

**13526. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ġenitur ibbenefika mill-kreditu tat-taxxa għal terapija ta' tfal b'diżabilità matul is-sena 2023?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni dwar din l-iskema tkun tista' tingħata s-sena d-dieħla meta jinħadmu l-kontijiet tat-taxxa għas-sena 2023.

## SAN PAWL IL-BAĦAR – RAPPORTI TA' FAWRAN TA' DRENAĠĠ

**13527. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rapporti ta' fawran ta' drenaġġ matul din is-sena fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? Tista' tgħid ukoll meta u fejn kien rappurtat dan il-fawran?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Matul din is-sena kien hemm madwar 50 rapport ta' żbroff ta' drenaġġ ikkawżati minn imblukkar fin-network u li l-maġġoranza tagħhom ġraw b'riżultat ta' rimi ta' effluwenti li mhux permissibbli li jintremew fis-sistema tad-drenaġġ, bħal debris, wipes, ġebel u xaħmijiet. Apparti li kontinwament tipprovdi informazzjoni lill-pubbliku dwar x'inhu permissibbli li jintrema fis-sistema tad-drenaġġ, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja b'investiment biex ittejjeb sostanzjalment l-infrastruttura tad-drenaġġ u li hija meħtieġa biex tindirizza t-tkabbir fil-popolazzjoni ta' din iż-żona u biex nassiguraw li jkun hemm infrastruttura adegwata li kapaċi tilqa' għad-domanda li dejjem tiżdied.

## SAN PAWL IL-BAĦAR – IRWEJJAĦ TA' DRENAĠĠ

**13528. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'qed iwassal biex f'partijiet sħaħ ta' San Pawl il-Baħar, bħal Triq il-Mosta, Triq San Pawl u l-inħawi tal-Veċċja (fost oħrajn), ikun hemm irwejjaħ kbar ta' drenaġġ matul il-jum kif ukoll billejl?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rċeviet ħames ilmenti dwar tappieri tad-drenaġġ fl-inħawi inkwistjoni. F'erba' każijiet il-Korporazzjoni qabdet u ssiġillat it-tappieri, filwaqt li fil-ħames każ ir-riħa kienet ġejja minn kaptella ta' konnessjoni privata u ma setgħetx tissiġillaha.

## PROVVISTA TA' NEW WATER

**13529. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni li għaliha l-provvista ta' new water li ġej

mill-inħawi taċ-Ċumnija, limiti tal-Mellieħa, mhux qed ikun ipprovdut fil-ħinijiet kollha? Tista' tgħid ukoll jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rċevietx rapporti dwar dan u jekk iva, x'passi ttieħdu?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** B'kordinazzjoni mal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, il-provvista tan-new water hi miftuħa għall-aċċess skont skeda li l-bdiewa huma infurmati dwarha. Permezz ta' dan, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed tassigura li jkun hemm tqassim aħjar u titjib fl-aċċessibbiltà għal dan l-ilma. Il-Korporazzjoni qed tinvesti f'sistema ġdida li se sservi wkoll biex titnaqqas il-ħela u tassigura użu aktar sostenibbli ta' din ir-riżorsa.

## AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – CHANGE OF USE POLICY

**13530. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Ippjanar biddlitx xi policies tagħha dwar il-ħruġ ta' permessi għal change of use fil-lokalitajiet residenzjali għal dak li jikkonċerna d-daqs ta' proprjetajiet li jistgħu jintużaw għal skopijiet kummerċjali (bħal supermarkets)? Jista' jgħid ukoll kemm hu d-daqs li hu permissibbli biex proprjetà tintuża għal dan il-għan?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** L-Awtorità tal-Ippjanar ma biddlitx policies tagħha dwar il-ħruġ ta' permessi għal change of use fil-lokalitajiet residenzjali għal dak li jikkonċerna d-daqs ta' proprjetajiet li jistgħu jintużaw għal skopijiet kummerċjali.

Ħwienet żgħar ta' 50 metru kwadru u oħrajn ta' konvenjenza (bħal stationery, grocer u bazaar) ta' 75 metru kwadru huma permissibbli f'lokalitajiet residenzjali. Ħwienet akbar huma permissibbli biss jekk fiż-żona hemm numru konsiderevoli ta' ħwienet ta' daqs akbar minn dak indikat, u dan skont il-provvedimenti tal-Partial Review of Subsidiary Plans: General Policy relating to Regeneration/Consolidation Initiatives tas-sena 2013.

F'dawk li huma 'supermarkets' ta' daqs akbar minn 500 metru kwadru, il-pjanijiet lokali jiskoraġġixxu li dawn jiġu kkonsidrati b'mod pożittiv fil-lokalitajiet residenzjali. Madankollu, jekk jirriżulta illi ma hemmx siti alternattivi f'żoni kummerċjali oħrajn fl-istess lokalità fejn jista' jiġi akkomodat supermarket, wieħed ikun jista' jibda jikkonsidra tali proposti każ b'każ, liema proċess ikun qiegħed jevalwa l-livell ta' impatt li jista' jinħoloq għar-residenti tal-madwar.

## RAĦAL ĠDID – TRIQ L-ARKATA – INFURZAR TAS-SINJALI TAT-TRAFFIKU

**13537. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li jsir infurzar kif meħtieġ, ftit passi 'l bogħod mill-uffiċċji ta' Transport Malta f'Raħal Ġdid, sabiex vetturi kbar ma jitilgħux minn Triq l-Arkata kif indikat mis-sinjali tat-traffiku li qegħdin jinkisru kontinwament kif jidher fir-ritratt li qed jintbagħat separatament? Jista' jara li apparti l-infurzar urġenti, jittieħdu miżuri ulterjuri sabiex jieqfu għalkollox milli jitilgħu dawn it-tip ta' vetturi, u jistħarreġ il-possibbiltà ta' użu ta' cameras u/jew l-installazzjoni ta' height-restriction beams li jwaqqfu tali vetturi milli jitilgħu, minħabba l-ħsara kontinwa li dawn qed jikkawżaw lil diversi gallariji, kif jixhdu r-ritratti li wkoll qed jintbagħtu separatament, u minħabba l-periklu li dawn joħolqu anke għal min ikun qed jimxi fuq il-bankini f'din il-parti dejqa tat-triq?

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Kif indika l-Onor. Interpellant stess, f'din it-triq diġà hemm numru ta' sinjali tat-traffiku li jillimitaw l-aċċess għal vetturi kbar. Madankollu l-Awtorità għat-Trasport innotat li s-sinjali mhumiex standard u flimkien mal-Kunsill Lokali kkonċernat, ser tkun qed tieħu l-azzjonijiet neċessarji biex dawn jinbidlu. Wieħed jinnota li dawn il-vetturi kbar qed jgħaddu minn Triq l-Arkata biex jagħtu servizz lill-businesses u mħażen fl-inħawi.

## SPTAR MATER DEI – PARKEĠĠ ĠDID GĦALL-ISTAFF

**13539. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13162, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jitlesta l-bini tal-parkeġġ għall-istaff imsemmi?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-pjan hu li l-parkeġġ ikun lest lejn l-aħħar nofs tas-sena d-dieħla.

## ĊENTRU REĠJONALI VINCENT MORAN – SWALI TA' OPERAZZJONIJIET

**13540. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm se jkun hemm swali tal-operazzjonijiet ġodda fiċ-Ċentru Reġjonali Vincent Moran u liema operazzjonijiet hu ppjanat li jsiru?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Iċ-Ċentru Reġjonali Vincent Moran huwa attrezzat b'żewġ swali tal-operazzjonijiet kif ukoll sala tal-operazzjonijiet oħra biswit id-Dipartiment tal-Emerġenza. Il-pjan hu li fihom isiru każijiet ta' day surgery.

## SPTAR MATER DEI – PJAN BIEX JITNAQQSU L-LISI TA' STENNIJA

**13541. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13165, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema huma l-operazzjonijiet/proċeduri li qed isiru fil-privat u f'liema sptar/kliniċi tal-privat qed isiru, waħda b'waħda?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Bħalissa l-Gvern għandu kuntratt ma' St Thomas Hospital. L-operazzjonijiet/proċeduri li qed isiru fil-privat huma:

· Uroloġija
· Ġinekoloġija
· Kirurġija Ġenerali
· Kirurġija Vaskulari
· Endoskopija

## ĦADDIEMA MHUX TAL-UE – TAĦRIĠ FL-INDUSTRIJA TAT-TURIŻMU

**13544. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid min ser ikun qed jipprovdi t-taħriġ neċessarju sabiex il-ħaddiema barranin minn barra l-Unjoni Ewropea li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu jingħataw Skills Card?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** It-taħriġ u l-assessjar se jsiru esklussivament mill-ITS.

## ĦADDIEMA MHUX TAL-UE – TAĦRIĠ FL-INDUSTRIJA TAT-TURIŻMU

**13545. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kif intgħażlet il-kumpanija li ser tipprovdi t-taħriġ neċessarju sabiex il-ħaddiema barranin minn barra l-Unjoni Ewropea li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu jingħataw Skills Card u kemm huwa l-valur tal-kuntratt illi ngħatalha?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13544.

## INDUSTRIJA TAT-TURIŻMU – ĦADDIEMA MHUX TAL-UE

**13546. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' ħaddiema barranin minn barra l-Unjoni Ewropea li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-Onor. Interpellant mitlub sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

## EKO-KONTRIBUZZJONI SOMMA FIS-SENA 2022

**13547. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet is-somma ta' eko-kontribuzzjoni miġbura fis-sena 2022 fuq l-iljieli tat-turisti li ġew Malta u kif intefqet din is-somma?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12581.

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – SOCIAL WORKERS**

**13567. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' social workers li jaħdmu fil-Faċilità San Vinċenz de Paul u x'inhu l-irwol tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għall-Anzjanità Attiva):** Fil-Faċilità San Vinċenz de Paul hemm jaħdmu erba' social workers fuq bażi ta' sigħat imnaqqsa (reduced hours).

Ir-rwol tas-social workers f'San Vinċenz ikopri diversi aspetti mill-ħajja tal-anzjani residenti, fosthom li joffru sapport soċjali, emozzjonali u psikoloġiku permezz ta' pariri u counselling dwar aspetti varji u jservu ta' mezz importanti ta' komunikazzjoni bejn l-anzjan u l-kumplament tat-tim multidixxiplinarju li jkun qiegħed jieħu ħsieb l-anzjan.

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – KAŻIJIET TA' ABBUŻ**

**13568. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrapportati każijiet ta' abbuż fuq anzjani fir-Residenza San Vinċenz de Paul fis-sena 2022 u fis-sena 2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, separatament minn xulxin u x'azzjoni ttieħdet f'kull każ?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – DENTISTI**

**13569. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm dentisti jaħdmu fir-Residenza San Vinċenz de Paul u x'servizzi jagħtu?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Fir-Residenza San Vinċenz de Paul hemm jaħdmu żewġ dentisti fuq bażi full-time.

Ir-rwol tad-dentisti huwa li jieħdu ħsieb is-snien tal-persuni anzjani, jaraw is-saħħa tal-ħalq u li ma jkunx hemm xi mard tal-ħanek, ilsien jew ħalq. Id-dentisti jieħdu ħsieb li jipprovdu dentatura għal dawk l-anzjani li jkollhom bżonn.

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – KORSIJIET**

**13570. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13377 u jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fid-dipartimenti u l-uffiċċji kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li qed jagħmlu kors fl-Università ta' Malta jew li qed jagħmlu kors online ma' Università barranija separatament minn xulxin u x'korsijiet qed jagħmlu? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-grad ta' kull impjegat u jekk id-Dipartiment jew l-uffiċċju kkonċernat huwiex qed jagħti xi forma ta' għajnuna?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – TENDERS**

**13571. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13378 u jgħid x'tenders ħarġu mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment jew entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, separatament minn xulxin u jagħti d-dettalji kollha dwarhom? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm tenderers għal kull tender u favur minn ġie aġġudikat kull tender?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – DIRECT ORDERS**

**13572. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija

parlamentari 13379 u jgħid kemm ingħataw direct orders mill-Ministeru tiegħu u minn kull dipartiment jew entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, separatament minn xulxin u jagħti d-dettalji kollha dwarhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.